# RAPPORT  TAL-BORD TA' INKJESTA NOMINAT MILL-ONOREVOLI PRIM MINISTRU FIS- 17 TA' JANNAR 2005 SKOND L-ARTIKOLU 4 TAL-ATT DWAR L-INKJESTI.

9 ta' Dicembru 2005

INDICI

1. DAHLA ... 3
2. CIRKOSTANZI LI WASSLU GHALL-INCIDENTI TAT-13 TA' JANNAR 2005 7
3. SITWAZZJONI TAS-SULDATI U TAD-DETENUTI U R-RELAZZJONIJIET TA' BEJNIETHOM ... 7
4. L-OPINJONI PUBBLIKA U IS-SULDATI ... 14
5. X'GARA DAK INHAR QABEL L-INCIDENTI ... 17
6. PJAN RUGGIER ... 34
7. DECIZJONI LI TINTUZA L-FORZA ... 39
8. SNATCHING ORDER ... 42
9. L-AGIR TAZ-ZEWG NAHAT ... 50
10. IMGIEBA TAS-SULDATI WARA L-ORDNI GHAS-SNATCHING ... 53
11. KIF GIET ESEGWITA L-ORDNI ... 54
12. ATTENZJONI MEDIKA ... 55
13. ACCESS GHAD-DETENUTI FL-ISPTAR ... 62
14. XOGHOL IS-SULDATI ... 63
15. IL-PROTESTA LI SARET DAK INHAR ... 65
16. GHALIEX JITILQU MINN PAJJIZHOM ... 67
17. PROCESS MILL-APPLIKAZZJONI GHALL-ISTAT TA' REFUGJAT SA L-APPELL MID-DECIZJONI TAL-KUMMISSARJU GHAR-REFUGJATI ... 71
18. PROCEDURA GHAR-REIMPATRIJU U DOKUMENTAZZJONI ... 74
19. PERIJODU TA' DETENZJONI ... 76
20. DETENTION AREAS U NGOs ... 80
21. RITRATTI ... 83
22. IL-GURNALISTI U L-NGOs ... 87
23. L-ISTAMPA ... 88
24. PREPARAZZJONI U DIXXIPLINA TA' L-ARMATA ... 91
25. SEARCH AND RESCUE REGION U KOOPERAZZJONI EWROPEA ... 92
26. XOGHOL U FINANZI TA' L-IMMIGRATI ... 95
27. GHELUQ ... 97

## 1. DAHLA

Dan il-Bord ta' Inkjesta gie nominat mill-Onorevoli Prim Ministru fis-17 ta' Jannar 2005 bis-sahha ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Inkjesti in segwitu ghall-inkwiet li nqala' fid-detention centres tal-Forzi Armati gewwa Hal Safi nhar il-Hamis 13 ta' Jannar 2005.

Permezz ta' l-ittra tal-hatra dan il-Bord gie moghti l-inkarigu li jezamina c-cirkostanzi kollha li wasslu biex fil-jum imsemmi membri tal-Forzi Armati wzaw il-forza kontra immigrati irregolari li kienu detenuti f'Hal Safi, u jekk l-uzu tal-forza wzata kienx gustifikat fic-cirkostanzi li sabu ruhhom fihom dawn il-membri u jekk din il-forza kinitx proporzjonata fic-cirkostanzi.

Dan il-Bord gie inoltre inkarigat biex jezamina kull kwistjoni ancillari ghal dak li gara u biex jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu fid-dawl tal-konkluzjonijiet li jkun wasal ghalihom.

Permezz ta' l-istess ittra, il-Bord gie mitlub biex itemm l-inkarigu tieghu fl-iqsar zmien possibbli.

Illi in disinpenn ta' l-inkarigu lilu hawn fuq moghti dan il-Bord ghazel li jitlob l-ghajnuna ta' l-istess tliet impjegati tal-Qorti li ghal snin shah kienu ghenuh fix-xoghol tieghu meta kien ghadu jservi bhala Imhallef fil-Qrati Superjuri. Bil-kollaborazzjoni ta' l-Imhallef Sciberras li mieghu huma qeghdin jahdmu prezentement din it-talba setghet tigi milquha u dawn kienu ta' l-akbar ghajnuna ghall-Bord fil-qadi ta' l-inkarigu komplikat tieghu.

Is-Sur Emanuel Sciriha gie mahtur bhala Segretarju tal-Bord u kellu l-inkarigu li jivverbalizza dak kollu li jkun qed isir fis-seduti, u jorganizza dawn is-seduti u jassigura li t-tradutturi flimkien max-xhieda kollha msejha jkunu avzati u prezenti, wara li jkunu gew stabbiliti l-post, id-data u l-hin tas-smiegh. Kien ukoll jiehu hsieb il-korrispondenza mehtiega u jzomm il-bosta dokumenti li gew esebiti.

Fil-kors ta' din l-inkjesta instemghu aktar min 170 xhud ma' tul 72 seduta; fost dawn instemghu 39 immigrati irregolari min dawk li harbu mill-kumpless ta' detenzjoni taghhom biex jaghmlu il-protesta in ezami, 42 tobba u nurses li ezaminaw u kkuraw lill-pazjenti li ttiehdu fl-Isptar San Luqa bi

griehi li huma kienu sofrew waqt l-istess protesta, kif ukoll 68 suldati u ufficjali tal-Forzi Armati li hadu parti fl-operazzjoni jew setghu jghinu lill-Bord fil-qadi ta' dmirijietu. Barra min dawn instemghu ukoll diversi gurnalisti u membri tal-korp tal-Pulizija. Kienu bosta min dawn ix-xhieda li instemghu aktar minn darba peress li l-Bord ikun hass il-htiega ta' aktar informazzjoni.

Barra minn dawn ix-xhieda, il-Bord sema' wkoll lill-gurnalisti kollha li b'xi mod kienu kkontribwew ghar-reporting ta' l-incidenti kif ukoll membri tal-korp tal-Pulizija u membri ta' Non-Governmental Organisations (NGOs) li jghinu lill-imsemmija immigrati fil-htigijiet taghhom.

Irid jigi osservat li l-Bord kellu wkoll okkazjoni jisma' l-veduti u l-osservazzjonijiet ta' diversi xhieda anki bi ftehim li ma jitnizzel xejn bil-miktub; informazzjoni u opinjonijiet li tressqu b'dan il-mod ghenu hafna lill-Bord biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Meta l-Bord hass li kien sema' bizzejjed dwar il-verzjonijiet u fehmiet ta' dawk kollha li kienu b'xi mod imdahhla fl-incidenti anki wara l-grajja nnifisa, stieden permezz ta' NGO lill-immigrati biex jekk kien fadal xi hadd minnhom li kien jixtieq jinstema' u jaghti l-verzjoni tieghu tac-cirkostanzi kollha kif ukoll dwar dak li gara fit-13 ta' Jannar 2005, jinforma lill-istess NGO halli jsiru l-arrangamenti biex ikunu jistghu jinstemghu. L-ittra relativa giet cirkolata fost it-TCNs li pero` wiegbu li ma kien hemm hadd izjed li xtaq jixhed. Bi twegiba ghal din l-ittra xi immigrati ghall-*"Immigrants involved in the January 2005 incidents at B Block, Safi Barracks"* kitbu lil Board li: *"We would like to reaffirm our confidence in your capacity as a retired Judge that the judgement which you will soon pronounce will inform public opinion, both nationally and internationally, on what really happened on that day"*; kitbu ukoll li: *"we would like to assure you of our daily prayers which accompany you in this hard task which was entrusted to you"*.

Irrezulta mix-xhieda moghtija li fil-granet wara l-incidenti xi NGOs marru fil- B Block u intervistaw bosta mit-TCNs fejn dawn taw il-versjoni taghhom dwar dak li gara; il-Board xtaq li ikollu kopja ta' dawn l-intervisti biex ikun jista' iwiezen ahjar dak li id-detenuti stqarrew quddiemu flimkien ma' dak li xehdu fl-akbar liberta'. L-NGOs qalulu li kienu ser jatuh dawn l-intervisti imma ghalkemm stenna propju sal-lejliet il-presentata ta' dan ir-rapport, ma tawhomlux peress li ma setghux isibuhom.

Dwar il-versjoni tas-suldati il-Bord sema' bosta minnhom pero' ried ikun cert li ma jkunx hemm xi suldat iehor li jkun jista' u jixtieq jaghti xi informazzjoni ohra. Wara li kkomunika dan il-hsieb lill-awtoritajiet ta' l-Armata nharget cirkolari fejn dawn gew mistiedna biex min kien interessat li jinstema' seta' jikkomunika direttament mal-Bord. Huwa ta' sodisfazzjon li bhala resultat ta' din ic-cirkolari kienu diversi li laqghu din l-istedina u resqu biex jaghtu x-xhieda taghhom.

Ix-xhieda kollha migbura mill-Bord li ttiehdet bl-idejn jew fuq tape recording tinsab migbura f'1018 pagna type written.

Numru kbir ta' immigrati ma kienux jafu bl-Ingliz u ix-xhieda taghhom instemghet permezz ta' interpreti gewwa l-istess Barracks ta' Hal Safi – permezz ta' din il-procedura il-Bord ried jevita dewmien zejjed u nkonvenjenzi ghall-istess detenuti. Bosta drabi l-Bord, l-interpretu u l-istaff kienu jigu provduti b'ikel mill-canteen ta' l-istess suldati waqt seduti li mid-9:00 a.m. gie li komplew bla waqfien anki sa wara s-6:00 p.m. Ta' dan, u anki ta' l-ospitalita` u kooperazzjoni (ghall-ewwel seduti ipprovdew ukoll video system), il-Bord ghandu jirringrazzja lill-Forzi Armati.

Meta ezamina l-files ta' l-Isptar irrizulta li kien hemm numru kbir ta' tobba li hadu hsieb jikkuraw lill-immigrati rikoverati wara l-incidenti; biex dawn jinstemghu kollha kien ser ikun hemm diffikultajiet kemm ghall-istess tobba kif ukoll ghall-amministrazzjoni ta' l-Isptar kieku dawn issejhu biex jatu ix-xhieda taghhom gewwa l-Qorti. L-awtoritajiet ta' l-Isptar poggew ghad-disposizzjoni il-Board Room ta' l-Isptar b'mod li instemghu t-tobba kollha f'10 seduti b'appuntamenti konvenjenti ghall-istess tobba.

Wara li gew identifikati l-immigrati li kienu ddahlu l-Isptar, il-Management ipprovda lill-Bord kopji tal-files relattivi ghal kull wiehed mill-feruti u fuq dawn setghet titmexxa l-indagni mehtiega. Il-Bord ghandu jirringrazzja lill-Management ta' l-Isptar u lit-tobba u nurses ghall-kooperazzjoni shiha li pprovdewlu u li kienet ta' siwi kbir fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilu.

Ix-xhieda l-ohra kollha jew kwazi kollha gew intervistati fl-Awli tal-Qorti Superjuri fejn, ghad-differenza ta' officini ohra, il-Bord seta' jkompli bis-seduti tieghu ghaz-zmien kollu mehtieg anki ferm wara l-hinijiet normali tax-xoghol. Fil-Qorti ikun hemm dejjem il-kustodju war ail-hinijiet tax-xoghol. L-awtoritajiet tal-Qorti barra minn hekk, fornew ukoll video system

li kienet indispensabbli fix-xoghol tal-Bord waqt is-smiegh ta' bosta xhieda. Ghal dan kollu l-Bord irid jirringrazzja lill-awtoritajiet responsabbli mill-Qorti.

Il-Bord ghazel li l-inkjesta ssir bil-maghluq kemm biex jigu evitati kummenti, forsi prematuri, dwar dak li jkunu qed jghidu x-xhieda u anki biex jkun jista' jisma' persuni li ma jkunux iridu jidentifikaw ruhhom jew li jkunu jridu jghidu xi haga kunfidenzjali qabel jibdew ix-xhieda; kien hemm xhud li instema' gewwa ir-residenza tieghu. Kienu bosta l-immigrati u anki suldati li qabel taw x-xhieda taghhom dwar xi punt partikolari, staqsew dwar l-anonimita` jew riedu assigurazzjoni li bhala konsegwenza ta' dak li jghidu ma jsofru ebda pregudizzju.

Fl-ittra ta' nomina hemm referenza ghall-uzu ta' forza u jekk din kienitx xierqa fic-cirkostanzi. Biex jistabbilixxi dan, il-Bord ghad-differenza minn proceduri normali quddiem il-Qorti ma kellux parti kontra l-ohra – il-prosekuzzjoni jew charge specifiku minn naha wahda, u d-difiza ta' min qed jigi akkuzat minn naha l-ohra.  Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni il-Bord ghazel li l-ewwel jisma' lill-gurnalisti li kienu fuq il-post jew li rrapurtaw dwar l-incidenti u mmedjatament wara jisma' dak li kellhom xi jghidu l-istess immigrati li hadu parti fil-protesta.  Kulhadd jaf b'diversi kazi meta xi detenuti jaharbu mill-barracks u ma jidhrux izjed, u hemm ohrajn illi wara li jinhargu minn detention centre ma jkunux jistghu jigu rintraccjati; ghalhekk il-Bord ghamel li seta' biex jisma' lid-detenuti fil-parti inizjali ta' l-inkjesta. Gew identifikati dawk li sfaw korruti u nstemghu minn ta' l-ewwel fid-dawl tal-files li kienu gew provduti mill-Isptar.  Kien biss wara li ottjena dawn ix-xhieda li l-Bord beda jisma' lill-membri tal-Forzi Armati dwar il-protesta nnifisa.

Ghalkemm il-Bord fehem l-urgenza indikata mill-Onorevoli Prim Ministru fl-ittra tan-nomina, kellu jghaddi certu zmien biex ix-xoghol seta' jsir.  Il-Bord kien ikun iktar felici u seren kieku kellu iktar zmien biex iwiezen u jinkontrolla l-informazzjoni kollha u x-xhieda kbira li ngabret, imma fehem l-htiega ta' l-urgenza mitluba u ghalhekk ipprova jottjeni stampa ta' dak li huwa jemmen li gara dakinhar. Din l-urgenza intweriet ukoll mill-kontribuzzjonijiet u mistoqsijiet varji li saru fil-gurnali u fil-mezzi tax-xandir kollha u hafna ppretendew li din l-inkjesta tintemm malajr; kienu bosta l-gurnalisti li kkomunikaw mal-Bord anki permezz tat-telefon privat u ghamlu d-domandi li xtaqu. Jigi hawn rilevat illi l-Bord dejjem wiegeb mill-ahjar li seta' ghad-domandi kollha li sarulu minn kull gurnalist bla ebda eccezzjoni

anki jekk dawn xi drabi ma kienux tant fidili fir-rappurtagg taghhom dwar dak li jkun intqal. Ebda gurnalist ma pprova jikkomunika direttament u personalment, u baqa' ma tkellimx mal-istess Bord.

## 2. CIRKOSTANZI LI WASSLU GHALL-INCIDENTI TAT-13 TA' JANNAR 2005

L-ewwel inkarigu ta' dan il-Bord kien li jezamina c-cirkostanzi kollha li wasslu biex fil-jum imsemmi membri tal-Forzi Armati wzaw il-forza kontra immigrati irregolari li kienu qed jipprotestaw gewwa l-barracks f'Hal Safi.

Dan il-punt ser jigi kkonsidrat f'zewg partijiet – l-ewwel ic-cirkostanzi li kienu jezistu sa minn qabel it-13 ta' Jannar 2005 u mbaghad dak kollu li gara dak inhar tal-protesta.

L-ewwel parti ghandha importanza anki fid-dawl tal-bosta kontribuzzjonijiet u interventi li dehru fil-gurnali u instemghu fuq ir-radjijiet u stazzjonijiet televisivi lokali; dawn certament ma qaghdux lura milli jispjegaw dak li gara. Fl-opinjoni ta' hafna minnhom l-incidenti u il-forza uzata kienu ir-rizultat tat-tensjonijiet li kien hemm bejn l-immigrati u s-suldati u anki bhala rizultat ta' allegat razzismu li qalu li jezisti fil-pajjiz in generali.

## 3. SITWAZZJONI TAS-SULDATI U TAD-DETENUTI U R-RELAZZJONIJIET TA' BEJNIETHOM

Gewwa Hal Safi s-suldati li jkunu ghassa mad-detenuti lejl u nhar huma b'kollox xi 64, maqsuma bejn dawk mal-B Block u dawk mal-MT Complex. Irrizulta li kwazi dawn is-suldati kollha kienu sodisfatti meta jkunu fuq dan ix-shift (veru li minhabba l-granet li jahdmu kienu jdahhlu xi Lm30 ohra fix-xahar izjed mis-suldati bil-gurnata); meta wiehed jitnehha minn fuq dan ix-shift, ufficjali gholjin ikkonfermaw kemm kienet issirilhom pressjoni biex dan is-suldat jerga' jidhol fix-shift. Certament illi l-Bord wara li sema' bosta minnhom ma fehemx li s-suldati f'dan ix-shift kienu mdejqin b'din l-assenjazzjoni taghhom, anzi quddiem l-istess Bord kien hemm tgergir minn xi suldati li wara l-incidenti ta' Jannar ma baqghux jippartecipaw f'dan ix-shift.

B'danakollu huwa ovvju li certa tensjoni kien hemm l-aktar ghaliex meta l-immigrati jkunu tassew imdejjqin, ir-rabbja taghhom setghet tigi ndirizzata biss kontra dawk il-ftit suldati li jkunu ma' dwarhom. Dawn ic-cirkostanzi zgur li kienu joholqu certa tensjoni u apprensjoni jekk mhux biza' fost is-suldati li qatt ma kienu certi mir-reazzjoni tad-detenuti f'kaz ta' xi emergenza.

Gewwa Hal Safi dakinhar tal-protesta kien hemm aktar min 400 detenut li kienu jinzammu f'zewg centri separati ghalkemm vicini - il-B Block u l-MT Compound. Is-sitwazzjoni tal-hajja f'dawn iz-zewg postijiet minn wiehed ghal iehor hija tassew differenti.

Fil-B Block li qabel kien kwartier uzat mis-suldati kien hemm mal-100 detenut; dawn jghixu fi kmamar separati li fihom joqghodu minn wiehed sa xi tmien immigrati. Jinghad li dawn meta jiddahhlu fil-Block ma jitpoggewx f'xi kamra partikolari imma huma jaghzlu l-kamra li tkun l-izjed addattata ghall-usanzi u htigijiet taghhom; generalment huma jingabru skond il-pajjiz li jkunu gejjin minnu.

Fil-B Block huma ghandhom facilitajiet sanitarji adegwati u, ghalkemm gieli jkun hemm xi hgiega ta' tieqa imkissra u ddum ma tigi mibdula jew xi katusa tas-sink illi toqtor, is-suldati tal-maintenance kontinwament iduru u jirrangaw dak kollu li jkun inkiser jew ma jahdimx; l-immigrati ma jdumux ma jinfurmaw lis-suldati meta jkun hemm xi nuqqas bhal dan, u quddiem il-Bord kienu ftit dawk li ressqu xi ilment f'dan ir-rigward ghalkemm kull wiehed gie mistoqsi biex jitkellem dwar dak li kellu jilmenta fuq il-post u l-hajja taghhom.

Min-naha l-ohra is-sitwazzjoni li fiha jinsabu l-immigrati gewwa l-MT Compound tidher li hi ghal kollox inacettabbli. Sa ftit snin ilu l-awtoritajiet involuti ma kienux immaginaw li kienu ser jaslu Malta tant immigrati, izda f'mument minnhom sabu li ma kellhomx post fejn jakkomodawhom fil-kmamar li kienu tpoggew ghad-disposizzjoni taghhom. Ittiehdet id-decizjoni li jitqeghdu gewwa Nissen Hut kbir li hemm f'Hal Safi, ghalkemm dan kien lokalizzat propju mat-tarf tal-barracks ghal mat-triq u ma kellux cint jew hajt adegwat ghall-zona li suppost kellha tkun maghluqa u imghassa. Ma kellhomx alternattiva u kellhom juzaw dan in-Nissen Hut; l-immigrati baqghu gejjin u meta lanqas fin-Nissen Hut il-kbir ma kien hem aktar spazju, l-immigrati bdew jitpoggew fi tliet Nissen Huts izghar ftit il-boghod. Meta

anqas dawn ma servew, ittellghu kampijiet tal-canvas u dawn certament ma kienux addattati ghal akkomodazzjoni fit-tul. Il-hajja f'dawn il-kampijiet ma hijiex facli u anqas ghandhom servizz ta' l-elettriku fihom; b'dan kollu l-immigrati irrangaw b'mod li wara li qatghu id-dawl li kien hemm hdejn it-toilets, ghaqqdu wires u wasslu il-provista ta' l-elettriku ghal gewwa whud mill-kampijiet. Din hija haga li ma misshiex thalliet issir, kemm ghaliex mhux accettabbli li l-immigrati jithallew ibabsu fis-servizz elettriku kif ukoll ghax dan jista' jkun ta' perikolu kbir. Fost l-immigrati ikun hemm dejjem nies ta' certa abilita` u dawn jissugraw isahhnu recipjenti bl-ilma billi jdahhlu t-truf tal-wires live fl-istess ilma; il-Bord staqsa jekk dan kienx dovut ghall-fatt li ma kellomx ilma shun fil-compound, izda jidher li dan kien dejjem disponibbli u l-immigrati kienu juzaw din is-sitema biex isahhnu l-ilma halli jservi ta' heater gewwa l-kampijiet.

Ghalkemm din il-qaghda tidher tant kerha, l-immigrati ma jurux wisq interess li jirrimedjaw. Fix-xitwa li ghaddiet wara hafna rapporti li kien hemm diversi tined imqatta, l-Armata ddecidiet li tordna kampijiet tal-canvas godda; meta dawn waslu u gew imtella fl-istess wesgha, vicin hafna ta' dawk li kien hemm qabel, l-immigrati ghamlu zmien twil jirrifjutaw li jghaddu minn dawk qodma u mqattejn ghal dawk godda.

Il-Bord jifhem illi nonostante kollox, il-permanenza tat-TCNs f'kampijiet bhal dawn ma misshiex tkompliet ghal aktar minn granet jew ftit gimghat. Jidher ukoll illi min ihares lejn din iz-zona mimlija kampijiet jara sitwazzjoni tassew kerha jekk mhux tal-misthija – f'termini popolari, kienu u ghadhom tassew ta' "propaganda" negattiva fil-konfront ta' l-isforzi sostanzjali li saru u qed isiru biex jigu akkomodati numru dejjem jikber ta' immigrati.

Din l-istampa kerha tiehu xejra ohra differenti meta wiehed jifhem li ghall-ahhar ta' Lulju tlestew facilitajiet godda ghat-TCNs fi swali kbar vicin l-istess arja tal-MT; l-Armata kienet kostretta tinsa il-progetti li kellha u ccedi dan l-ispazju konsiderevoli; fih hija kienet qeghdha tibni u tipprepara biex jintuza bhala garages u stores u anki officini ki kienu mehtiega. Dawn l-istores gew irrangati u konvertiti biex jospitaw lil dawk l-immigrati li kienu fl-MT fin-Nissen Huts u fil-kampijiet tal-canvas.

Fis-27 ta' Lulju 2005, l-immigrati li kien hemm fil-kampijiet ta' l-MT gew mitluba jmorru fil-post il-gdid fejn hemm kumditajiet adegwati; intaghzlu xi mexxejja minn fosthom u ttiehdu biex jaraw dan il-post hekk kif tlesta; meta

dawn marru jirraportaw lura lil shabhom, ir-risposta kienet li ma riedux jiccaqalqu minn fejn kienu u ghazlu li jibqghu fil-Huts u fil-kampijiet. Is-suldati jammettu li anqas huma f'posizzjoni li jgeghluhom jaghmlu dan it-trasferiment, ghax jibzghu minn xi reazzjoni vjolenti. Is-suldati nkarigati kienu tassew dizappuntati b'dan l-attegjament negattiv, izda l-post malajr gie utilizzat u imtela' ghaliex propju ftit granet wara dahlu f'daqqa Malta aktar minn 200 immigrat. Dan ifisser li t-TCNs li kienu jghixu fil-kampijiet ghadhom f'din is-sitwazzjoni sa issa ghalkemm qed jinbnew compounds godda fejn huma mistennija li jigu ospitati, jekk in-numru ta' l-izbarki ma jkomplix jizdiedu.

Ma jistax ma jigix osservat li dawn l-aktar minn 200 immigrat li waslu fil-31 ta' Lulju u tpoggew fl-ambjenti l-godda, wara biss jumejn irrifjutaw il-breakfast u gheddew li johorgu fuq hunger strike ghaliex l-Armata ma kellhiex toothpaste ghal kulhadd; irrizulta li peress li f' dik l-okkazjoni n-numru li wasal f'daqqa kien ferm ikbar minn tas-soltu, nofshom baqghu bla toothpaste, ghalkemm qalulhom li kienu ser jipprovduhulhom f'qasir zmien.

Illi dawn il-fatti jsiru jafu bihom is-suldati kollha u jsahhnu l-irjus ta' dawk fosthom li ma jaccettawx li hu dmir ta' l-Armata li tiehu hsieb lil dawn l-immigrati.

Ma hemmx dubbju li fost il-madwar 300 suldat li kienu fil-ground ta' Hal Safi dakinhar tal-protesta, uhud minnhom kienu ukoll irrabjati ghall-immigrati peress li bil-migja taghhom, kienu gerfxulhom l-hajja normali u pjuttost trankwilla li kienu mdorrijin jghixu fiha fl-Armata.

B'dana kollu rrizulta b'mod car kif is-suldati fil-hajja normali taghhom fuq ix-shift mad-detenuti, kienu lesti mhux biss jaghlqu ghajn wahda imma anki li jmorru kontra r-regolamenti biex jagevolaw sa fejn jistghu lid-detenuti. Il-mod kif kienu jirrangaw biex id-detenuti jiltaqghu u jitkellmu ma' shabhom li jmorru biex jarawhom kienet tassew interessanti; dawn il-hbieb kienu fil-bicca l-kbira immigrati ohra li jkunu gja hargu mid-detention u qed jghixu ghal rashom jew f'open centres;

Vizti bhal dawn ma kienux problema ghal dawk mizmuma fl-MT Compound ghaliex, kif irrizulta, dawn mhux biss setghu jitkellmu ma' min riedu peress li dan il-compound imiss ma' trejqa pubblika, imma seta' wkoll jinghatalhom dak kollu li jgibulhom hbiebhom bla ebda xkiel ta' xejn.

Is-sitwazzjoni ta' dawk detenuti fil-B Block hija differenti; irid jigi spjegat li dan jinsab imdawwar minn fence li minnu l-immigrati mhux suppost jistghu johorgu. Dan il-block jinsab il-gewwa fil-barracks, u ghad-differenza tal-MT, ir-recint tieghu ghalhekk ma jmissx mat-triq pubblika imma jaghti ghal wesgha ohra fl-istess barracks. Il-B Block jinsab xi 50 metru 'il boghod mir-recint fit-tarf tal-barracks innifsu li jaghti fuq it-trejqa pubblika imsemmija, u hemm fencing iehor li jifred il-barracks min din it-trejqa. Il-hbieb li jaslu biex ikellmu lid-detenuti fil- B Block jidhlu minn din it-trejqa u jaslu biss sa fejn ikunu jistghu jaraw u jaghmlu sinjali lil shabhom gewwa il- Block; ma ma jkunux hdejhom u ma jistghu jghaddulhom xejn. Ir-relazzjoni mas-suldati kienet tant tajba li bosta drabi dawn kienu jhallu lid-detenuti li jkunu jridu jitkelmu ma' shabhom fuq barra, johorgu mil-B Block u jimxu il-wesgha li twassal ghat-trejqa; setghu ghalhekk jaslu mar-recint ta' barra u joqghodu jitkellmu ma' shabhom; hafna drabi kienu ukoll igibulhom xi ikel jew htigijiet ohra. Agir bhal dan ovvjament imur kontra kull regolament tal-ghassa – dan, l-immigrati kienu jafuh ben tajjeb; imma imgieba bhal din turi r-relazzjonijiet tajba li kienu jezistu u kif ma kienx hemm antagonizmu bejn id-detenuti u s-suldati; dawn kienu jifhmu is-sitwazzjoni mweghra ta' l-immigrati u ma naqsux li jipprovaw itaffu l-problema mill-ahjar li setghu – anki akkost li jissugraw xi charge kif imiss.

Ghajnuna ohra li tinghata mis-suldati lid-detenuti hija meta jaslulhom xi flus minn barra u jigu rtirati minn xi istituzzjonijiet finanzjarji lokali; kien hemm suldati li spjegaw fid-dettal il-bini fejn kienu imorru biex jigbdu dawn il-flus biex imbaghad jghadduhom lid-detenuti; wiehed suldat xehed: *"wiehed TCN tani karta u bghatni Lascaris hdejn il-War Rooms, dhalt f'kuridur u dhalt f'ufficcju kif kien qalli biex naghmel; mlejna xi formuli u talabni kelma sigrieta li ma kontx naf u b'hekk ma tanix il-flus. L-ammont li it-Tcn kien qalli li kelli nigbor kien xi mija jew mitejn dollar"*. Stqarrija bhal din turi kemm kienu tajba ir-relazzjonijiet bejn id-detenuti u diversi suldati, u li kien hemm grad gholi ta' fiducja; imma wkoll tikxef il-fragilita` tas-sigurta` mhux biss gewwa c-centri imma anki fis-sistema finanzjarju. Irrizulta li ghal operazzjonijiet ta' flus bhal dawn ma jinghatawx ismijiet imma biss numri u ghalhekk l-awtoritajiet tal-Pajjiz zgur ma ghandhom ebda kontroll fuq dawn it-transazzjonijiet.

Il-Bord sema' kif bosta suldati kienu lesti li minn flushom jixtru biex jipprovdu sigaretti u anki hwejjeg ohra minn taghhom ghad-detenuti; hekk xehed wiehed mis-suldati: "*"il-Board qed jistaqsini x'relazzjoni kelli mat-TCNs fil-Block u nghid li jien qisni habib taghhom. Dejjem kont naghmel*

*xogholi u nista' nghid li fuq is-shift tieghi qatt ma harab hadd. Gieli anki gibt minnhom il-Qorti, qatt ma tawni problemi. Hafna drabi kont nixtri sigaretti u naghtihomlhom u anki kont niddobba xi lbies minghand xi girien u nghaddihomlhom. Jiena nikkalkula li gieli nfaqna Lm3 kuljum biex inzommuhom kuntenti*", dan gie ukoll konfermat minn immigrati stess fix-xhieda taghhom, "*I smoke but we are not given any cigarettes; however some soldiers give us cigarettes every now and then, from their own packet.*" Hadd mill-immigrati li nstemghu ma tkelmu kontra s-suldati tax-shift maghhom u il-Board huwa konvint li f'dan ir-rigward it-TCNs kienu qed jitkellmu b'liberta' u mhux biex jintghogbu. Hekk xehed suldat: "*meta kont nidhol gol-compound ma kienux iriduni nohrog u kienu joffruli kafe'*".

Irrizulta wkoll li mhux is-suldati kollha kienu lesti jaghmlu hwejjeg bhal dawn ghaliex kien hemm ohrajn li riedu jimxu mar-regolamenti kif suppost; dawn allura ma kienux mahbuba wisq mill-immigrati li kienu jippruvaw bhal speci 'ipattuhielhom' – meta xi detenut ikun qed jippjana biex jahrab, dan kien joqghod attent biex jahrab fil-hin meta ikun ghassa xi suldat minn dawk li ma jmorrux tajjeb maghhom; kienu jafu li wara kull harba, isir 'charge' u s-suldat ghassa jehel piena.

Lit-TCNs kollha intervistati il-Board staqsihom dwar il-qaghda taghhom in generali gewwa ic-centru. Dawn l-ilmenti ma kienux hafna; uhud semmew li kien hemm xi hgiega imkissra u li id-drains iqattru u ma issewwewx la malajr u l-anqas tajjeb, u ohrajn gergru li l-ikel kien dejjem l-istess, jew ghagin jew ross. Ftit minnhom qalu li ir-ross ma kienx jissajjar tajjeb ghaliex kien jihzien f'qasir zmien, waqt li f'pajjizhom kien idum jittiekel ghal granet shah. Ghalkemm ftit kienu li ilmentaw fuq il-kwalita' tal-ikel, kienu bosta li gergru dwar il-mod kif dan kien jigi servut lilhom, peress li kien jingieb f'containers kbar u jitqassam fuq il-post. Dwar l-ikel staqsa ukoll diversi suldati li fil-bicca l-kbira taghhom ammettew li kien jigi presentat hazin imma spjegaw: *"Gie li kienu igorru dwar l-ikel, l-aktar ghaliex f'nofsinhar ikollhom ghagin jew ross dejjem. Imma filghaxija jkollhom ikel differenti, daqqa laham, daqqa tigieg, daqqa hut, daqqa haruf u nahseb li kienu jieklu tajjeb"*. Il-Board ried jaf izjed dwar l-ikel u waqt seduta f'Hal-Safi talab minghajr preavviz li jittiehed fil-kcina; l-istat li fih kienu libsin is-suldati fil-kcina indika li zgur ma kienux ippreparati ghal vista bhal dik! Dahlu gewwa u raw kcina tassew nadifa u il-materjal kollu tal-ikel kien mizmum b'ordni fil-fridges jew f'cupboards mizmumin tajjeb; setghu jaraw li f'xi zmien wara li bidet din l-Inkjesta l-ikel beda jigi servut f'kaxxi tal-plastic separati; staqsa ukoll ghal menu ta' kull jum u intwera karta li dak il-hin kienet fuq il-

mejda tal-kcina li kienet turi il-menu ghal kull gurnata tal-gimgha; dan wera li fl-ikel hemm varjeta' tajba. Il-Board inghata kopja ta' dan il-menu.

Mill-provi migbura irrizulta li kien hemm bosta kazi meta d-detenuti rrifjutaw l-ikel u anki kienu jwaddbuh f'wicc l-istess suldati li jkunu gabuhulhom, jew meta xi TCNs kissru kull ma kien hemm gewwa il-compounds inkluzi televisions, jew meta jaqbdu jinsolentawhom u jobzqulhom u jwaddbulhom hmieg f'wicchom. Xeni bhal dawn certament ma kienux wisq apprezzati mis-suldati, u jkun hemm min jehodhom aktar bil-kbir minn ohrajn. Is-suldati kienu pero' jifhmu li ftit kienu id-detenuti responsabbli ghal agir simili, u kienu ftit dawk li jxewxu lil shabhom li min-naha taghhom kienu jibzghu mill-vjolenza tal-mexxejja.

F'pajjizna l-kelma malajr tigri u meta tigri, tikber. Meta jinqala' xi nkwiet, is-suldati l-ohra malajr jisimghu b'xi nuqqas, anki gravi tad-detenuti; bosta suldati jemmnu li dawn huma tassew ingrati ghal dak kollu li l-Armata u l-Pajjiz taghna qed jaghmel ghalihom; anki jekk l-imgieba ta' l-immigrati tkun forsi gustifikata minhabba l-problemi u s-sofferenzi taghhom, l-imgieba u l-atteggjament taghhom iwassal lis-suldati biex jemmnu li dawn ma jisthoqqilhomx tjubija zejda. Bosta semmew kif l-immigrati la kienu jafdaw lil xulxin u l-anqas lill-NGOs li jzuruhom kulljum – ahseb u ara kemm setghu javdaw lis-suldati; kollha jifhmu li dan kien gej mill-ansjeta' u mill-imkwiet li kellhom bhala detenuti.

Il-Board indaga dwar l-attenzjoni li tinghata ghas-sahha tad-detenuti. L-immigrati intervistati spjegaw li kien jigi jarahom tabib fil-Block stess fejn hemm karma ghal dawn il-visiti. Waqt li qablu li it-tobba generalment jinvistawhom sewwa u jekk jinhtieg jintbaghtu l-Isptar ghal aktar kura, jidher li mhux it-tobba kollha huma tant attenti u hemm uhud li jaraw kif jehilsu minnhom. Staqsa kemm il-darba id-detenuti kienu ittiehdu l-isptar u irrezulta li kwazi kollha marru ghal xi visiti l-Isptar u ftit kienu dawk li ilmentaw mis-servizz moghti. Wiehed mis-suldati tax-shift hekk jispjega is-sitwazzjoni: *"Dwar il-kwistjoni tal-mard nispjega li meta xi hadd minnhom ikollu xi haga, jigi jghidilna. Fil-guard-room ikollna l-aspro u ntuhom xi ftit jekk ikun il-kaz. Jekk xi hadd minnhom jilmenta min xi ugiegh, ta' fuqi jikteb din it-talba u nohduh il-Polyclinic il-Floriana. It-tabib jigi f'certi granet filghodu, pero' kien hemm xi zmien li waqaf u issa rega qed jigi regolari. Hdejn il-guard-room hemm kamra li fiha joqghod it-tabib u fejn huma jaraw it-tabib; dawk li jkollhom bzonn jersqu mal-gate u wara jibda jarahom wiehed wiehed. Jekk ikun kiteb xi ricetta, ahna ingibulhom il-medicina u*

*nghaddulhom din ftit ftit. It-tabib jigi madwar 3 darbiet fil-gimgha. Hu idum hemm ma' dwar siegha u jara qisu ghaxra minnhom. Ikun hemm kazi li it-tabib jibghatna bihom l-Isptar jew nohduhom il-Polyclinic jekk ma jkunux urgenti".*

Ghalkemm skond ir-regolamenti is-suldati suppost jevitaw li jikkomunikaw mat-TCNs anki dawn stess qalu kemm kienu jitkellmu mas-suldati dwar hafna suggetti. Wiehed suldat xehed: "*ghandi nghid li jiena, fiz-zmien li ghamilt maghhom kelli diversi okkazjonijiet nitkellem maghhom, l-aktar li kont nitkellem maghhom kien dwar il-familja, il-kultura taghhom u ir-religjon".*

Illi mill-kumpless tal-provi u ta' l-informazzjoni migbura, il-Bord huwa tal-fehma illi dak li gara fit-13 ta' Jannar ma kienx marbut ma xi relazzjoni hazina bejn is-suldati u d-detenuti, u li il-kura tas-sahha u is-sitwazzjoni materjali li jinsabu fiha it-TCNs gewwa il-Block, huma adegwati ghalkemm l-attendenza tat-tabib ghandha tkun spissa u regolari.

## 4. L-OPINJONI PUBBLIKA U IS-SULDATI

Jixraq li l-Bord jezamina wkoll is-sentiment tal-poplu Malti in generali u kif dan seta' kien ta' influenza fuq l-imgieba tas-suldati; kieku kien hawn fil-pajjiz ir-razzismu li jithadtu fuqu is-surveys li saru u l-gurnalisti li jippruvaw jikkreaw ahbarijiet sensazzjonali, kien jaghmel sens is-suspett li l-hruxija murija mis-suldati dakinhar kienet rizultat ta' dan ir-razzismu – akkuzi bhal dawn spiss isiru fl-Ewropa u fl-Amerika wara xi eccessi tal-forzi ta' l-ordni; rapporti ta' grajjiet xi gimghat ilu, jikkonfermaw dan.

Il-Bord wara li sema' tant xhieda huwa tal-fehma li dan ir-razzismu (almenu in kwantu jirrigwarda s-suldati) qieghed l-aktar fl-imhuh ta' min ghandu skop jibni fuqu.

Element ta' identita` u difiza ta' dak li hu tieghek, jezisti f'kulhadd; dak li gara u qed jigri f'bosta pajjizi Amerikani, Ewropej u l-aktar dawk ta' l-ex Unjoni Sovjetika jafu kulhadd, u l-Bord ma ghandux ghalfejn joqghod isemmi l-imgieba tal-poplu u tal-forzi tal-ordni f'dawn il-pajjizi fil-konfronti ta' barranin, anki ta' l-istess kulur abjad. Malta qatt ma kellha l-problemi li kienu u ghadhom jezistu f'pajjizi bhal dawn. F'Malta qatt ma kien hawn xi

influss forzat ta' barranin ghal skopijiet politici u anqas ma kellha l-htiega li ggib haddiema minn pajjizi foqra biex jaghmlu xoghol manwali li ma riedux jaghmlu l-Maltin; dan l-isfruttament sfortunatament gara f'bosta pajjizi ohra u dawn il-pajjizi ilhom zmien ihossu il-konsegwenzi. Fiz-zminijiet ta' llum bosta pajjizi li sa ftit ilu kienu ekonomikament tajbin hafna, waqt li llum qed ihossu r-rexessjoni u jaraw li l-izvilupp ekonomiku ha xejra ghall-aghar, lil dawn il-barranin issa qeghdin jarawhom zejda. F'pajjizna qatt ma kellna problemi simili anki ghaliex fl-imghoddi ftit kienu l-barranin li ghazlu li jigu jghixu Malta; dawk li kienu jigu ma kienu jaghtu fastidju lil hadd u dejjem gew ittrattati tajjeb kif jaf kulhadd; fil-fatt ghandna diversi komunitajiet barranin f' pajjizna u qatt ma kien hawn ebda problemi maghhom.

F'dawn l-ahhar snin is-sitwazzjoni nbidlet meta twieldet il-biza` li kien ser ikun hawn "invazjoni" u li l-barranin ser jiehdu x-xoghol tal-Maltin, ghalkemm kien hemm u ghad hawn xi imprendituri li jisfruttaw lil dawn il-barranin li lesti li jahdmu b'pagi tassew baxxi. Il-poplu kien allarmat u beda jifhem tassew kemm hu zghir pajjizna u li m'ghandux ebda rizorsi naturali; beda forsi jara l-prekarjeta` tal-hajja tajba li ahna nghixu – jibza' li tigri xi haga u din il-kwalita` ta' hajja nitilfuha. Dan la gej minn xi forma ta' razzismu u anqas minn xi nuqqas ta' karita`.

Il-poplu Malti kien dejjem maghruf ghan-numru kbir ta' zghazagh li jaghzlu li jmorru jghixu f' pajjizi foqra u jiddedikaw hajjithom ghal ghajnuna f'pajjizi inqas fortunati minna; statiska ricenti ikkonfermat l-ammont kbir ta' flus li kull sena jibghat f'ghajnuna ghall-Missjonijiet tal-Knisja f'artijiet imbeghda. Biex wiehed ma jahsibx li d-donazzjonijiet imsemmija huma xi haga strettament religjuza, ihares lejn l-ghajnuna sostanzjali li il-Maltin baghtu recentement ghall-vittmi taz-tzunami fil-Lvant Imbieghed. Dan jista' jigi pparagunat ma' dawk il-bosta suldati li minn buthom jixtru sigaretti u jgibu hwejjeg u rigali ghad-detenuti li maghhom ikunu ghassa.

Hawn il-Bord jaghmel riferenza ghax-xhieda li ta wiehed mill-immigrati fejn staqsa *"why do you help people so far off and you do not want to help us who are in Malta?"* Ir-raguni, ghal bicca l-kbira tal-Maltin harget mit-twegiba li l-istess detenut ta meta il-Board staqsieh: *What do you intend to do when you are no longer in detention?* Bla tlaqliq wiegeb: "*I will go out and look for a job*".

Hsibijiet simili hargu meta il-Board staqsa lil TCN iehor x'kien l-iskop tal-protesta li huma organizzaw f'Jannar; huwa wiegeb: *"we want to protest because we want to stay in Malta with the other Maltese"*.

Il-Bord kellu okkazjoni jezamina s-sentimenti tal-bosta suldati mismugha u jidher li kieku l-poplu Malti kellu jkun jaf li dawn il-barranin kienu gew Malta ghal zmien limitat, zgur li kien jilqaghhom skond it-tradizzjoni millenarja tieghu – kulhadd deher lest li jaghtihom dak kollu li huma ghandhom bzonn biex dawn ikunu jistghu jirritornaw b'dawn l-ghotjiet lejn pajjizhom. Izda tezisti l-biza' li dawn gew biex jissetiljaw Malta u anki jgibu l-familji spiss numeruzi taghhom; hawn jidhol biza' iehor li donnu hakem lill-opinjoni pubblika. Fil-gurnali u fuq il-media issemmew diversi studji demografici li indikaw li peress li r-rata ta' twelid f'pajjizna hija tassew baxxa, fi zmien 50 sena jew inqas fil-Gzira ta' Malta jkun hawn aktar dixxendenti ta' dawn il-barranin li ghandhom rata tat-twelid ferm gholja, milli originarji Maltin. Meta l-Bord issuggerixxa l-htiega ta' integrazzjoni shiha, din ma dehritx possibbli ghal bosta mis-suldati intervistati "*ghaliex bil-kemm hawn post ghalina*". Recentement issemma li ghas-sostenibilita` futura ta' pajjizna hemm bzonn li jkollna certu numru ta' immigrati; b' riferenza ghall-istudji u progettazzjoni fil-futur, forsi ma gietx ikkonsidrata bizzejjed ir-rata tat-twelid. Il-Board ma jistax ma josservax li dak li qal Aneurin Bevan, politiku ewlieni Ingliz fil-hamsinijiet u sittinijiet, li il-Maltin: "*breed like rabbits*" ma ghadux applikabbli ghas-sitwazzjoni Maltija tallum. Dawn is-sentimenti u dan l-inkwiet gew espressi minn numru ta' nies intervistati.

Ta' min jinnota li reazzjonijiet bhal dawn, li hafna jaghzlu li jsejhulhom razzisti, tfaccjaw ukoll ftit ta' snin ilu waqt id-dibattiti mqanqla li kellna fil-Pajjiz qabel Malta dahlet tifforma parti mill-Unjoni Ewropea. Forsi l-iktar haga li nkwetat lil poplu kienet il-biza' li meta nidhlu fl-Ewropa, ser ikun hawn influss ta' hafna Sqallin li johdulna xoghlna. Fil-fehma tal-Bord dan certament ma kienx dovut ghar-razzismu li bih qed jigi llum akkuzat il-poplu Malti.

Dan ifisser li fil-fehma tal-Bord, mill-provi kollha li gabar u mis-sentimenti taz-zewg nahat li kellu okkazjoni janalizza, ghalkemm kien hemm suldati li kienu rrabjati ghad-detenuti, la r-relazzjonijiet bejn it-TCNs u s-suldati, u anqas l-atmosfera li kienet tirrenja fil-pajjiz in generali, ma kienu fatturi importanti li wasslu ghal dak li gara gewwa il-barracks f'Hal Safi.

Il-Bord ghalhekk ghandu jkompli jezamina ghaliex is-suldati mxew bil-mod kif imxew fil-konfront tat-TCNs protestanti gewwa Hal Safi u l-ewwel se jikkonsidra dak li gara dak inhar tal-protesta.

## 5. X'GARA DAK INHAR QABEL L-INCIDENTI

Is-suldati li jkunu ghassa mad-detention areas jahdmu b'shifts ta' tnax-il siegha li jibdew fis- 7.00 a.m. u jispiccaw fis-7.00 p.m.; ma kull detention area ikunu ghassa b'kollox bejn seba' u tmien suldati. Malli jidhlu ghax-shift huma suppost li jaghmlu fall-in anki biex isirilhom il-kontoll ta' l-apparenza taghhom. Mill-bosta xhieda li sema' l-Bord jifhem li din il-procedura inizjali ssir b'mod ferm informali u s-suldati li jkunu prezenti jingabru u jaraw kemm huma u jitilqu lejn il-Compound fejn ikun hemm ta' qabilhom jistennewhom halli jsir il-hand-over; dan suppost isir wara li xi suldati miz-zewg shifts jidhlu flimkien gewwa il-compound u jaghmlu head-count ta' l-immigrati li jkunu gewwa; anki din il-procedura ma tiehu ebda forma militari u fil-fatt dan il-head-count kull tant anqas isir bl-iskuza li dan ma jkunx jista' jinzamm ghax l-immigrati jiccaqilqu minn post ghall-iehor u allura ma jistghux jigu mghaduda. Waqt li din l-ispjegazzjoni tidher plawsibbli fl-MT Compund fejn hemm bosta kampijiet separati (ghalkemm irrizulta li dan il-head count originarjament kien isir anki fl-MT), ma hix tant gustifikata fil-B Block li huwa maghmul minn zewg sulari bi kmamar separati.

Dwar dak li fil-fatt gara fil-gurnata in kwistjoni malli nbidel ix-shift u qabel ma harbu it-TCNs, il-Bord ipprova jistaqsi lis-suldati li kienu involuti; in-nuqqas ta' kredibilta` tohrog cara meta anqas dwar dak il-mument kalm u innokwu ma setghu jaqblu; wiehed minnhom xehed hekk fuq dan il-hin: "*Fil-ghodu sar il-fall-in u dhalna fil-B Block u ghamilna head-count li hija procedura li issir kuljum u dan peress li nkunu qed niehdu hand-over minghand ix-shift ta' qabilna*". Kompla jispjega "*tax-shift ahna inkunu tmienja, u tlieta minna jibdlu lil dawk li dak il-hin ikunu ghassa fil-gardjoli u il-hamsa l-ohra jidhlu jaghmlu il-head-count*".

Dan is-suldat spjega li: "*maghna tax-shift ta' filghodu gie li jidhol ukoll xi hadd tax-shift ta' bil-lejl*" pero' ma kienx cert jekk dan sehhx dak inhar tal-protesta. Zied jikkonferma bil-gurament li: "*normalment wiehed minna jibqa' isfel fit-tarag u dan biex it-TCNs ma jitilghux jew jinzlu, u ghalhekk*

*ifixkluna fl-ghadd taghhom, u l-erbgha l-ohra jibdew jghoddu. L-istess isir ghal isfel pero`*", zied jghid l-istess suldat "*ma niftakarx dak inhar bdejniex minn fuq jew minn isfel*" u kkonkluda "*ghandi nghid li dak inhar ma sibna ebda problema fil-ghadd tat- TCNs.*" Huwa ikkonferma li: "*jiena kont wiehed mill-hamsa li ghamilna il-head-count*".

Huwa spjega li: "*dak inhar kif naghmlu is-soltu, dhalna fil-guard-room, ippreparajna xi ftit te`, waqt li bdejna niccekkjaw min kien qed jrraporta sick mit- TCNs*". Qal li dawn id-dettalji jigu mnizzla fid-diary tal-gurnata.

Min-naha l-ohra hemm storja ta' suldat iehor ta' l-istess shift li ma jghid xejn dwar il-handing over jew il-head-count, imma biex jevita kull domanda xhed: "*kif wasalna is-surgent bghatni biex noqghod fil-gardjola fejn l-ex-museum fejn hemm in-nisa. Huwa baghtni fil-gardjola hekk kif wasalna igifieri lanqas hadt tazza te'. Xi nofs siegha jew tlett kwarti wara rajt lit-TCNs hergin b'lozor f'idejhom u marru fil-ground. Xi nofs siegha wara gie Gunner u qalli li kien hemm zewg TCNs, mara u ragel, li kelli nikkompanjhom l-Isptar  ghaliex kellhom appuntament. Jiena allura mort ma' dan is-suldat li kien ix-xufier, flimkien maz-zewg TCNs u morna l-Isptar. Lappuntament kien ghal xi d- 9.00am"* Huwa kompla jispjega kif baqa' maghhom u *"lestejna ghal xi 12.00 pm u jien cempilt il-B Block biex jigu ghalina. Gew ghalina f'xi 1.00 pm u kont qed nistennihom hdejn il-gate tal-Isptar u it-TCNs kienu mieghi; malli wasalt mill-isptar jiena hadt il-break u dan hadtu fl-ufficju ta' hemm. Wara xi siegha break mort nibdel l-ghassa tal-gardjola ta' hdejn il-bieb tal-genb*". Dan kollu suppost li gara waqt li kien hemm l-incidenti ghaddejjin.

Il-Board ikkontrolla mar-records ta' dik il-gurnata u kollox ikkonfermalu li dak inhar ebda wiehed mid-detenuti ma ittiehed ghal vista l-Isptar; ma jistax jifhem u ma jemminx kif dak inhar tal-imkwiet is-suldati kellhom mohh jiehdu xi marid l-Isptar! Il-Board kellu jisma stqarrijiet bhal dawn li inghataw taht gurament u li mill-provi u mic-cirkostanzi jidher li dan ix-xhud kien holom kollox.

Verzjoni interessanti u mhux ta' min jiskatha  inghatat minn suldat iehor minn tax-shift ta'  filghodu li xehed li huwa kien intebah li t-TCNs kienu kollha gia' mqajmin u agitati u kienu "up to something"; huwa xehed: *Dak inhar il-head-count sar minni u mis-Surgent. Il-gate fethu wiehed min tas-shift ta' bil-lejl u dan baqa' ghassa mal-gate. Meta dhalna gewwa niftakar li dak dakinhar tawna battikata biex ghoddejnihom ghax waqt li is-soltu jkunu*

*kwazi kollha reqdin, dak inhar kollha kienu imqajmin u allura ma stajniex nghodduhom kif gib u lahaq. Jiena u nitkellem mas-Surgent ghedna "dawn illum ser jaghmlu xi haga". Ghalhekk kif hrigna mill-head-count avzajna b'dan lis-Surgent inkarigat mis-shifts. Dan is-Surgent kien gie fil-guard room tal-compound u kien gie biex jghidilna li kellna niehdu xi TCNs l-Isptar. Ahna ghidnilu li fil-fehma taghna dawn it-TCNs kien ser jaghmlu xi haga dakinhar ghax rajnihom kollha mqajmin u mbiddlin; huwa qalilna li sejjer jinforma b'dan lil ta' fuqu".*

Is-Surgent xehed li: *"waqt li kien qed isir l-ghadd tad-detenuti gewwa l-compound innotajt li kienu qamu kmieni, mhux haga tas-soltu, u meta staqsejnihom ghaliex kienu qamu kmieni irrispondewni li 'kollox all right'; qaluli li kienu qed jistennew il-breakfast. Ghalkemm qaluli li ma kellhom bzonn xejn, jien hassejt li is-sitwazzjoni kienet ftiti differenti tant li lil wiehed mis-suldati li kienu mieghi ghedtlu'illum ma humiex jghogbuni".*

Dwar dan il-fatt importanti l-Bord staqsa lill-membri l-ohra kollha izda dan ma gie ikkonfermat minn l-ebda wiehed minnhom. Din il-versjoni tidher pjuttost ta' min jemminha ghalkemm ma gietx konfermata. Huwa ferm difficli ghall-Bord jispjega d-diffikulta immensa li kellu biex jiehu xi haga titwemmen minn fomm ix-xhieda, kemm immigrati kif ukoll suldati.

Il-Bord huwa konvint li kieku ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu mas- sitt mitt ritratt u tliet video clips, din l-inkjesta kienet tkun ferm aktar facli – it-TCNs jghidu li kienu kollha kwieti, u f'daqqa gew attakkati ghal xejn b'xejn minn kull naha minn hafna suldati b'mod mill-aktar vjolenti, waqt li is-suldati jghidu li l-immigrati bdew iwaddbulhom il-gebel u jxejru il-bsaten u kienu kostretti jiddefendu ruhhom bil-lembubi. Minhabba ir-riot gear bil-visors ma' wicchom ma setghux jigu identifikai is-suldati waqt xi azzjoni inkriminanti hlief ghal dak is-suldat li nzerta minghajr visor u deher f'hafna ritratti jattakka u jsawwat TCN li kien fl-art. It-twegiba generali kienet li kulhadd kien inzerta jhares band'ohra jew ma jiftakarx x'kien qed jaghmel hu f'dak il-hin u ma jistax jaghraf li dak ta' hdejh.

Kien ghalhekk xoghol tassew twil u tedjanti ghall-Bord bl-ghajnuna ta' l-istaff attent li kellu, biex fela mill-ahjar li seta' dawk il-mijiet ta' ritratti u pprova jifhem dak li fil-fatt gara f'dik l-ghodwa sfortunata; bhal 'moviola' tal-football kellu jdawwar stampa stampa ix-xeni maghzula; b'hekk biss seta' jasal ghal fehma tieghu dwar dak li gara.

Anki fil-granet ta' qabel il-protesta fost l-immigrati kien hemm tensjoni aktar mis-soltu u kif intqal dan kien gie innotat min xi suldati dak inhar filghodu. X'aktarx li ma nghatatx l-attenzjoni kollha ghaliex sitwazzjonijiet simili kienu graw qabel aktar minn darba, u ghalhekk hasbu li din it-tensjoni kienet ser tghaddi bhal ta' qabel.

Kemm l-immigrati kif ukoll is-suldati kienu jafu tajjeb li anqas minn 3 xhur qabel, f'Ottubru 2004, id-detenuti fl-MT sfurzaw ir-recint u l-gate u hargu jipprotestaw fuq it-taxiway hdejn il-post fejn hemm kumpanija privata li ssewwi l-ajruplani. F'dik l-okkazjoni li wkoll damet bosta sighat, l-Armata marret "in full force" imma ma wzatx vjolenza fuq id-detenuti li spiccaw biex dahlu bil-kwiet. Barra minn din l-okkazjoni, ftit gimghat qabel diversi detenuti kienu spiccaw l-Isptar wara glieda kbira bejniethom.

Skond ix-xhieda ta' l-immigrati, il-lejla ta' qabel it-13 ta' Jannar 2005, issejhet laqgha ghal kulhadd (id-detenuti tal-B Block) dwar it-tul tal-perjodu li fih huma kellhom jibqghu maghluqin f'detention centres sakemm jigi deciz dak li kien ser jigri minnhom. Ma hemmx dubbju li l-ilment ewlieni taghhom kien jirrigwarda l-fatt li huma kienu qed jinzammu sa 18-il xahar fid-detention centres u kienu jistennew li ghandhom jigu mehlusa hafna qabel; il-Bord staqsa lil kull wiehed mit-TCNs dwar dak li l-aktar kien iddejjaqhom u kollha qalulu li il-veru ilment taghhom kien dwar it-tul taz-zmien li jinzammu gewwa u kien hemm min qal li ma kellhomx jdumu aktar minn xahrejn; din kienet il-preokkupazzjoni ewlenija taghhom.

Il-mexxejja taghhom, fosthom dawk li kienu jiehdu hsieb il-gruppi nazzjonali ddecidew li kellha ssir protesta biex dan l-ilment jigi mwassal barra publikament. Ic-cirkostanzi li irrezultaw igeghlu wiehed jissuspetta li kien hemm anki nies min barra l-compound li kienu jafu bl-idea. Il-Bord ma rnexxielux jifhem ghaliex intaghzlet dik il-gurnata specifika biex tinzamm il-protesta; hadd ma semma li kienet inqalet xi problema partikolari u s-sitwazzjoni kienet ghal kollox normali anki jekk mhux sabiha; b'danakollu huma ghazlu li f'dik il-gurnata partikolari izommu protesta li bhalha qatt ma kienet saret u jaharbu 'lkoll f'daqqa malli s-suldati jifthu il-gate ghal breakfast jew ghad-dust bins, billi jimbuttaw il-gate u johorgu minghajr ma s-suldati li jkunu ghassa jkollhom cans jirreagixxu. Kien hemm minnhom li ma tantx kienu jaqblu ma' protesta bhal dik, imma l-organizzaturi serhulhom rashom billi spejgawlhom li anqas fil-protesta ta' Ottubru ma kien wegggha hadd. Dawk li kienu waslu biex jigu mehlusa u bezghu li azzjoni simili setghet tippregudikahom, qalu li ma kienux ser johorgu. Meta ttiehdet id-

decizjoni, saru l-preparattivi bid-dettalji kollha; u l-organizzaturi baqghu imqajmin sa tard bil-lejl; kellhom iqumu kmieni u jiehdu il-posizzjonijiet miftehma halli jkunu lesti jaghmlu rush u jimbuttaw il-gate berah; dan kollu sar b'mod li s-suldati ma jissuspettawx li kien hemm xi haga ppjanata, u ghalhekk jittiehdu b'sorpriza. Ftehmu li malli s-suldat jiftah il-gate, jinghata sinjal lil dawk li kienu mohbija wara xi bieb jew f'tarf it-tarag halli kulhadd jaqbez f'daqqa mal-gate u jsir rush wiehed ghal barra.

Kif intqal kien hemm xi 12 minnhom li ma kienux ser johorgu ghax kienu waslu biex jghalqu it-18-il xahar in detention u allura kienu ser jinhelsu minn Hal Safi u jmorru fl-open centres. Dawn il-ftit baqghu gewwa mhux ghax ma kienux jaqblu mal-protesta, imma biex ma jinqalax xi haga u ma johorguhomx; tant hu hekk li rrizulta li uhud min dawk ta' gewwa ghamlu l-parti taghhom waqt il-protesta stess billi tfaccaw mit-twieqi li jidhru mill-MT Compound u bdew jghajtu u jaghmlu sinjali lil shabhom hemmhekk dwar dak li kien qed jigri fil-ground. Suldat xehed: *"ghandi nghid wiehed mit-TCNs li konna insejhulu 'Buka' beda jghajjat min fuq il-veranda 'fighting' biex jinforma lill-ohrajn tal- MT area b'dak li kien qed jigri. Ftit wara bdejt nisma storbju gej min-naha tal-MT. Jien ipprovajt insikket lil dan Buka ghax fhimt li kien qed ixewwex lill-ohrajn imma dan ma sikitx"*. Suldat iehor qal: *"Ghandi nghid ukoll li dak Buka li ma harigx jipprotesta ghax kien wasal biex jigi mehlus, pero' dakinhar waqt il-protesta beda jghajjat kemm jiflah u dan x'aktarx biex jisimghuh dawk tal-MT"*.

L-organizzaturi kienu hadu hsieb jigbru bosta lozor li juzaw huma stess u fuqhom kitbu slogans propju biex il-messagg taghhom ikun jista' jigi muri lil min kien barra fit-triq; interessanti kif fethu il-pinen li kellhom u hargu il-linka minnhom; haltuha bl-ilma biex giet qisha zebgha u biha kitbu fuq il-lozor. Il-kontenut ta' dawn il-posters malajr juri l-iskop taghhom, cioe` li ma riedux jinzammu gewwa qishom habsin ghax huma ma kienux nies kriminali. Dak il-lejl waqt li l-bicca l-kbira taghhom marru jorqdu, l-organizzaturi baqghu mqajmin jippreparaw.

L-ghada filghodu qamu kollha imma donnhom ma kienux lesti fil-hin li gabulhom il-breakfast; allura l-operazzjoni giet posposta. "*In the morning when they brought us the breakfast we were distracted and so we did not go out. Since we missed this opportunity we had to find another solution.*" Ghalkemm dahhlu it-trays bl-ikel u taparsi ppreparaw it-tqassim, hadd minnhom ma ha il-breakfast bl-ecitament li kellhom.

Meta organizzaw kollox ahjar u raw li kulhadd kien lest, iddecidew li jersqu mal-fence u jitolbu lis-suldat jiftah il-gate bl-iskuza li b'has-soltu, riedu johorgu l-bins biz-zibel**;** Hekk kif is-suldat fetah il-katnazz u nehhih minn postu, dawk it-tnejn jew tlieta li kienu mal-bin, taw is-salt u mbuttaw il-gate u fethuha berah. F'din il-manuvra laqtu l-id tas-suldat li kien bil-katnazz u dan kellu jigi mdewwi; kif qalu huma stess, is-suldat ma seta' joffri ebda rezistenza ghax sa kemm gholla rasu biex jara x'kien qed jigri, sab folla ta' rgiel hergin minn quddiemu. Anqas setghu jghinuh s-suldati l-ohra fil-gnub. *"Ahna ersqna lejn il-gate; kien jidher li il-breakfast kien ghadu qed jitqassam; ghandi nghid li peress li suppost li kien ghadu qed jitqassam l-ikel, kien hemm hafna minnhom ma' dwar il-mejda li hemm biswit il-gate fejn jitpogga l-ikel. Ic-cavetta kienet ghadha f'idejn is-Surgent u hekk kif huwa fetah il-katnazz u hargu min postu, tawha is-salt u inbuttaw il-gate. Nispjega li wara irrealizzajna li il-breakfast kien digia' tqassam imma huma ingabru hdejn il-mejda – tlieta min naha li jqassmu u gemgha shiha man-naha l-ohra, biex jaghtu l-impressjoni li ghadhom qed jiehdu l-ikel, meta fil-fatt kienu hemm biex ikunu ghal-lest halli malli tinfethah il-gate jaghtu l-assalt u johorgu 'l barra. Kien hemm gemgha ohra lesta fit-tarag ghal fuq pero' mohbija mill-vista taghna".*

Irrezulta li it-TCNs gewwa il- B Compound kienu konsidrati bhala detenuti kwieti, pero' ftit zmien qabel, il-posizzjoni bdiet tinbidel u kif spjega wiehed min tax-shift: *Jien ghandi nghid li in-nies li kienu fil- B Block kienu dejjem kwieti u ma jtuniex inkwiet. Gara pero' li ftit qabel kienu gew trasferiti ammont zghir ta' TCNs mill-MT Block ghal B Block, u dawn sfattawhom. Nahseb li kienu dawn li organizzaw din il-protesta".* Din id-differenza bejn id-detenuti tfaccat meta wiehed suldat li kien maghhom l-Isptar wara l-incidenti xehed: *"dak il-hin ta' l-Isptar ma qalu xejn, imma aktar tard uhud minnhom bdew jghidu li gew ingannati min uhud shabhom li ivvintaw din il-protesta u imbghad lilhom ma gralhom xejn".*

It-TCNs kollha xehdu li huma u hergin bdew jghidu lis-suldati li ma kellhomx ghalfejn jinkwetaw ghax hadd minnhom ma kien ser jahrab u jekk xi wiehed jipprova jaghmel dan kienu jiehdu hsiebu huma stess; "*the soldier asked us what was happening and we told him that we were going to do a demonstration which was going to be peaceful and that no one of us was going to escape, because if someone did we would take care of him ourselves.*" Qalulhom ukoll li ma kienu ser jinsulentaw lil hadd u l-anqas ser juzaw vjolenza. Ghalkemm it-TCNs kollha iddikjaraw li dan il-kliem intqal lis-suldati ebda wiehed mis-suldati prezenti u li xehdu quddiem il-

Bord ma semmew kliem bhal dan. Oltre s-suldat li fetah il-gate, kien hemm xi tnejn ohra fil-vicinanzi imma ovvjament dawn ma setghu jaghmlu xejn ma tant irgiel determinati u ghalhekk dawn il-ftit suldati imxew maghhom sa kemm waslu fil-ground hdejn il-lasta ta' mat-triq pubblika li thares lejn il-housing estate; l-immigrati mxew u ma grewx tant kemm kienu certi min dak li kienu qed jaghmlu. Kif waslu mat-triq bdew jifthu il-banners li kienu hejjew mal-lejl u whud minnhom libsu l-lozor minn rashom qishom panchos u ohrajn wahhlu il-banners mal-fence tat-triq u mal-lasta tal-football; ghamlu hafna storbju u ghajjat, tant li suldati u ufficjali li kienu fl-ufficcji taghhom fil-vicinanzi hargu jaraw x'kien gara.

Illi fil hin meta l-immigrati waslu l-ewwel mat-triq kien hemm biss dawk il-ftit suldati li imxew maghhom; ftit wara hargu jghassu il-fence minn barra numru zghir ta' suldati mit-Third Regiment hekk kif semghu li kienu harbu tal-B Block.

F'dak il-hin tal-bidu diga` kien wasal camera-man li pparkja man-naha l-ohra tat-triq, rama t-tripod u beda jigbed il-film. "*Then a car arrived and a man took up a camera and put it up on a tripod and started shooting. He was on the other side of the road.*" Dan kien biss wara ftit minuti li t-TCNs harbu mill-B Block. Wara certu zmien l-camera-man telaq, izda ftit wara rega' gie lura flimkien ma' xi gurnalisti ohra. Dawn talbu lis-suldati, li sa issa kienu hargu fuq barra minn gewwa il-barracks, jekk setghux imorru hdejn l-immigrati u jkellmuhom. "*Jiena staqsejt lil wiehed mis-suldati jekk stajtx nitkellem mal-protestanti u qalli li ahjar le. Xi hames minuti wara dan l-istess suldat qalli li jekk irrid navvicina u nkellimhom, stajt naghmel hekk*". Is-suldat kien cempel gewwa u staqsa x'kien ser jaghmel u qalulu li seta' jhallihom jitkellmu maghhom. Dan gie ikkonfermat mill-istess Brigadier li xehed li ma sab ebda oggezzjoni li l-gurnalisti jkellmu lill-protestanti. Kien biss gurnalist wiehed li mar jitkellem maghhom.

Dan il-gurnalist inxtehet hdejn il-fence u beda jitkellem ma' l-immigrati li tawh il-fehma taghhom dwar is-sitwazzjoni li kienu fiha. "*Jiena staqsejthom ghaliex kienu gew Malta u wegbuni f'kor fejn qalu li 'ahna ma ridniex nigu Malta imma kienu is-suldati li gabuna hawn'; xi uhud minnhom kienu jippreferu imutu milli jigu hawn hekk*".

Mid-domandi li il-Board ghamel lill-gurnalist irrezulta li ma kienx jaf il-post tajjeb u anqas kien jaf is-sitwazzjoni sew, tant li ma kienx jaf li kienu harbu mil post taghhom: *"ghandi nghid li jiena ma kontx naf li hemm kienu f'post*

*fejn mhux suppost kienu, fis-sens barra mill-arja assenjata ghalihom. Nghid li jiena qatt ma kont mort hemm u ghalhekk ma kontx naf kif sabu ruhhom fejn rajthom jien".* .Huwa dam jintervisthom ghal aktar minn 30 minuta u ccaqlaq biss meta s-suldati armati kienu dahlu fil-ground u wiehed mis-suldati ta' barra: *"qalli li jekk nibqa' fejn kont jiena kont 'at my own risk'; ma qallix biex nitlaq min hemm pero' deherli li kelli nersaq xi passi lura u ma bqajtx nitkellem mat- TCNs".*

Il-Bord wara li fela l-hinijiet li nghataw, ha l-impressjoni li l-ewwel cameraman kien jaf bil-protesta kwazi hekk kif din kienet ghadha qed tibda jew anki min qabel; huwa baqa' jiffilmja ghal xi zmien u mbaghad refa' kollox u telaq meta kien ghadu ma wasal ebda gurnalist iehor. Kif xehdu bosta TCNs huwa rega' rritorna wara ftit, din id-darba akkumpanjat mid-diversi gurnalisti ohra. Sa dan il-hin dawn kienu waslu imma kellhom joqghodu jistennew hdejn il-main gate – kienu gew infurmati li inqala' jew ser jinqala' l-inkwiet f' Hal Safi, imma ma kienux jafu sew fejn. Il-cameraman originali wara ftit rega' telaq ghal fuq xogholu u halla lill-ohrajn fil-post hdejn il-protesta; dawn avvicinaw il-fence imma kien hemm xi suldat li waqqafhom u kif intqal staqsa lis-superjuri tieghu.

Diversi suldati fix-xhieda taghhom dwar dak li gara fil-hin twil tat-trattattivi, semmew li fost l-ghajjat ta' l-immigrati semghuhom jghajtu "manca, manca"; irrizulta li hemm suldat li jissejjah b'dan il-laqam u dawn ix-xhieda qalu li hasbu li t-TCNs kienu qed jghajtulu possibilment ghaliex kien wiehed mis-suldati li jmur tajjeb maghhom, izda dan is-suldat dak inhar ma kienx xoghol. Dwar dan l-ghajjat il-Bord ma setghax jikseb aktar dettalji; irrizulta wkoll li propju xi granet qabel, kien wasal Malta rappresentant tal-UNHCR li parti minn ismu hija 'Manca'. Huwa kien ilu li wasal Malta mit-Tlieta ta' qabel u b' din il-wasla kien jaf kull min kien interessat.

Inghad ukoll li kollox kien ippreparat minn granet kif spjega wiehed detenut; jista' jati il-kaz li b'din il-protesta kienu saru jafu xi nies ohra barra it-TCNs u xi gurnalisti setghu gew avzati li kellha issir il-protesta. Huwa tassew sinjifikattiv kif l-AC Seychell ikkonferma li meta wasal mal-main gate huwa ra li xi gurnalisti kienu gja' qed jistennew hdejn din il-gate; L- AC Seychell ikkonferma li wasal dritt f'Hal Safi ghal xit-8:00/8:15 – il-harba kienet sehhet biss xi kwarta jew nofsiegha qabel u f'dak il-mument partikolari ma kienx ghad hemm ebda inkwiet u skond ix-xhieda ta' kulhadd is-sitwazzjoni kienet ghadha kwieta. Il-gurnalisti kienu gia' qed jistennew fil-bieb tal-barracks waqt li l-ewwel wiehed kien gja qed jiffilmja fuq il-post. Mhux

eskluz li dawk il-gurnalisti kollha gew fuq il-post ghax kellhom xamma jew informazzjoni li l-protesta kienet ser tkun wahda importanti. Il-mod dettaljat kif il-protesta kienet giet organizzata sa mil-lejliet (u probabilment minn jiem qabel) geghlet lill-Bord jindaga kif il-gurnalisti saru jafu tant kmieni b'dak li kien qed jigri, ghax setghet tittiehed l-impressjoni li kienu jafu mill-ewwel jekk mhux minn qabel b'dak li kien ser jigri.

Il-Bord ma setax ma jinnotax b'aktar minn kurzita' kif u ghaliex il-gurnalisti ma wegbux ghad-domandi dwar min kien avzahom biex imorru Hal Safi u hassew li kellhom jinvokaw is-sigriet professjonali bhala gurnalisti. Dan hu dritt taghhom, imma halla vojt importanti fl-indagini li saret u ghen il-hsieb li kien hemm barranin li kienu jafu sew dak li kien ser jigri. Dan qed jigi enfasizzat ghaliex dan l-appogg min barra seta' kompla sahhan l-imhuh ta' l-organizzaturi li waqt il-protesta ma ridux jidhlu gewwa. Hekk xehed wiehed mill-gornalisti: *"kont sejjer lejn ix-xoghol ghal habta tat- 8.45 am, ircevejt telefonata fejn qaluli li kien hemm protesta gewwa il-barracks ta' Hal-Safi min immigrati illegali. Il-Board qed jistaqsini min ghamel din it-telefonata pero' nghid illi sfortunatament ma nistax nghid fid-dawl tas-sigriet gurnalistiku. Dak il-hin cempilt lin-news editor; kont fi triqti u ipparkjajt mal-gemb. Lill-editur ghedtlu bit-telefonata u staqsejtu kienx jaf biha. Qalli li ma kienx jaf u issuggerieli li nibqa' sejjer hemmhekk mall-ewwel. Jiena allura bqajt tiela Hal-Safi u wasalt fil-main entrance tal-barracks. Pero' la kien hemm gurnalisti u anqas ebda movement; hrigt mill-karozza u staqsejt lis-suldat ghassa mal-gate dwar jekk jafx x'kien qed jigri, u qalli jaf li hemm xi inkwiet pero' ma kienx jaf sewwa x'kien qed jigri. Bqajt nistenna fil-karozza biex nara jitfaccax xi hadd. Wara xi ghaxar minuti jew kwarta tfacca il-fotografu taghna u ghamilna ftit minuti nistennew flimkien. Ftit wara ghadda cameraman ta' stazzjon televisiv u lemehna nistennew, waqaf ikellimna u qalilna li min hemm ma konna ser naraw xejn u kellna immorru min-naha ta' Hal-Kirkop; nahseb li kien ghadu kif mar fuq il-post u iffilmja is-sitwazzjoni".*

Meta wiehed iqabbel il-hinijiet zgur li ma jikkonkludix li il-gurnalisti saru jafu bil-protesta biss wara li din bidet.

Fil-hin meta it-TCNs harbu minn gewwa l-B Block, wiehed mis-suldati tax-shift fil-guard room vicina tal-gate, ta l-avviz tal-harba u ftit wara gew l-ufficjali gholja tar-Regiment biex jaraw x'kien qed jigri; dawn dahlu dritt fil-ground fejn it-TCNs u staqsewhom ghaliex ghamlu hekk u ippruvaw jippreswaduhom biex jirritornaw gewwa.

L-ahbar waslet malajr ukoll ghand il-Brigadier li heffef ghal fuq il-post; hekk kif dahal fil-ground ra dak in-numru kbir ta' immigrati li harbu minn gol-compound u kienu hdejn il-fence ta' mat-triq u fi kliem wiehed ufficcjal: "*inghatat ordni biex ir-regimenti jibghatu f'Hal Safi in-nies kollha available li ghandhom, biex inkunu nistghu nikkontrollaw is-sitwazzjoni – kellhom jigu equipped bil-protective equipment tal- IS platoons li jinkludi tarek, helmets, vests etc.*" Fuq insistenza tal-Bord l-ufficcjal spjega li l-ordni: "*kienet ghan-nies kollha available, li ma kienux qed jaghmlu xoghol iehor ta' importanza bhal tal-marine jew l-air squadron jew ma xi Ambaxxata – il-bqija kellhom jigu kollha fuq il-post*"; meta il-Bord rega' staqsa jekk kienux jafu li uhud minn dawn is-suldati available ma kienux ittrainjati ghal dik l-azzjoni, it-twegiba kienet: "*il-Bord qed jispjegali li rrizultalu li kien hemm minnhom li qatt ma zammew tarka f'idejhom u anqas qatt ma messewha, nghid li ma nafx nispjega kif u ma nafx inwiegeb*"; anki l-istess Brigadier stqarr li ma kienx jaf li bosta mis-suldati ma kienux tal-platoons li huwa kien ordna fuq il-post.

Il-Board huwa tal-fehma li il-fatt li is-suldati, hlief ghac-C Company tal-First Regiment, ma kienux ippreparati ghall-azzjoni li giet fdata f'idejhom, kien tassew determinanti ghall-falliment tal-esekuzzjoni tal-pjan ta' azzjoni li thejja. Ma jistax ma jigix riprodott dak li xehed ufficjal ewlieni involut hafna fl-operazzjoni in generali; meta gie mistoqsi dwar l-ghazla tal-platoon tat-Third Regiment u ghaliex kienu instabu biss xi tmienja mill-membri li suppost kienu jiffurmaw il-platoon, huwa xehed: *"jista' jkun li dawn kellhom xi impenji x'imkien iehor; ahna kull ma ridna dak il-hin kien li jkollna tletin persuna illi jilbsu il-kit imsemmi. Jien ma kontx qed nahseb dwar jekk kienux up to standard jew le, fis-sens li dak il-hin kull ma ridna kien li jkollna platoon biex jaghti supporting role u allura ma tajniehx dik l-importanza kollha".*

Wara din l-ordni biex jissejhu il-forzi kollha disponibbli, is-suldati bdew jingabru gewwa l-baracks ta' Hal Safi fil-post maghruf bhala l-istage, li jigi bejn il-B Block u l-A Block, mal-passagg li jiehu ghal gewwa l-ground tal-football. Fost dawn minn ta' l-ewwel waslu tas-C Company tal-First Regiment. Dan ir-regiment ghandu zewg platoons li huma specjalizzati fl-internal security li tinkludi riot control. Dawn il madwar 70 suldat huma kontinwament imharga f'dan it-tip ta' attivita` u jkunu dejjem lesti ghal eventwalitajiet simili; in fatti diga` fl-imghoddi kienu msejha aktar min darba biex jikkontrollaw xi rvellijiet ta' l-immigrati, ghalkemm sat-13 ta'

Jannar qatt ma kellhom okkazjoni juzaw forza – kienu servew dejjem ta' deterrent u kif rawhom, l-immigrati accettaw is-sitwazzjoni minghajr il-htiega ta' forza serja. Sa dik id-data l-prezenza taghhom kienet tkun "a show of force" li zammet lit-TCNs milli jkomplu bil-vjolenza taghhom.

Irrizulta wkoll li hlief ghal dawn is-suldati ta' hekk imsejha "C Company", hadd mis-suldati l-ohra ma jircievi training simili. Ghal dan in-nuqqas ovvju ttiehdu xi passi rimedjali wara l-ahhar referendum u elezzjoni nazzjonali fl-2003. It-Third Regiment anki qabel suppost li kellhom platoon imhejji fl-internal security u dan skond ma jidher mid-dokumenti esebiti; kien b'dana kollu biss fuq il-karta, pero` fl-2003 ttiehdet decizjoni li dan il-platoon jigi mwaqqaf bis-serjeta`; intghazlu tletin suldat biex jigi format l-IS platoon ta' dan ir-regiment, ukoll skond ma jidher fid-dokumenti esebiti. Dawn is-suldati gew identifikati u sarilhom xi tahrig u darba minnhom ghamlu wkoll xi nofs ta' nhar jittrainjaw fuq il-kamp mas-suldati tas-C Company; pero` dan it-tahrig ma setax jitkompla minhabba diffikulta` biex dawn is-suldati jingabru f'daqqa, ghaliex kollha kellhom xoghol f'oqsma differenti. Irrizulta li minn mindu gie imwaqqaf dan il-platoon kellu biss tlieta (l-aktar erba') training sessions ta' madwar tliet sieghat kull wahda.

Dan in-nuqqas ta' tahrig gie spjegat minn wiehed ufficjal li xehed dwar kif: "*dan* (il-platoon il-gdid) *ma kellu ebda success fis-sens li kull meta jien stess kont nipprova nohroghom ghat-training, kont insib li is-suldati li ridt, jew qeghdin bis-sick jew qeghdin ma' tal-Banda u ghandhom xi kuncert, jew issib xi wiehed tal-garage li jkollhom bzonnu ghax ghandhom xi tnejn ohra nieqsa, u minhabba f'hekk ma ghamlu pratikament ebda forma ta' training*". Dan ix-xhud qal li l-idea li jkun hemm platoon apposta kienet tajba u l-ufficjal li kien gie inkarigat fil-bidu "*kien ghadu gej minn barra u kellu hafna ideat, izda wara ftit bejn haga u ohra kellu jaqta' qalbu u dawn il-progetti li kellu sfaw fix-xejn*".

Il-Bord ma ghandux kompetenza fil-qasam militari imma ma jifhimx kif suldat jista' jigi kunsidrat imharreg u jitpogga f'azzjoni serja, bi tlieta jew erba' sessjonijiet fi zmien sentejn, anki meta dawn is-sessjonijiet (hlief wahda) kienu fuq il-bankijiet tat-taghlim.

Kif ser jinghad dan il-platoon tat-Third Regiment, skond il-pjan li kellu jigi attwat dak inhar tal-protesta, kellu jiehu hsieb il-genb tax-xellug u jitpogga biswit it-trucks li kellhom iservu ta' barriera ma' dik in-naha. Meta qabel l-incidenti, nghatat l-ordni biex dan il-platoon jingabar, sabu li minn dawk it-

30 suldat tieghu, kien hemm disponibbli biss ma' dwar sebgha jew tmienja. Biex il-platoon jigi furmat xi ufficjali ddecidew li jsejhu suldati ohra mill-istess regiment biex ilahhqu in-numru. Irid jinghad ukoll li kien hemm bosta minn dan ir-regiment (stazzjonat propju Hal Safi) li malli ntebhu bil-harba tat-TCNs mill-B Block, min rajhom marru jigru fuq barra biex jevitaw li l-immigrati jaharbu fit-toroq; kien hemm wiehed li biex ma jistenniex it-transport, ghabba xi ohrajn fuq il-vettura privata tieghu u hargu mill-barracks u marru jharsu il-fence mat-triq fejn kienu ngabru l-immigrati. Meta l-ufficjali inkarigati rrealizzaw li kellhom biss xi sebgha jew tmienja mill-imsemmi IS Platoon iddecidew li jaghzlu xi ghoxrin ohra minn dawk li kienu hargu ghassa mat-triq, biex jiffurmaw il-platoon; dawn kellhom jergghu jidhlu gewwa u gew ordnati jifformaw parti minn dan il-platoon – ghazlu minnhom dawk li kienu ta' eta` zghira. Fi kliem wiehed minnhon: "*is-Surgent niftakar li qalilna 'intom iz-zghar ghal mal-platoon'.*"

Dawn is-suldati ma tantx hadu gost b'dan l-assignment ghax fehmu li kienu ser jitqeghdu fil-ground biex jikkonfrontaw lill-immigrati u whud minnhom ipprotestaw bil-qawwa; wiehed minnhom hekk jispjega r-reazzjoni tieghu: "*Jiena ma ridtx nifforma parti minn dan il-grupp u ghedtilhom li jiena qatt ma kont ittrainjat izda dak inhar kienu libsuna ix-shin guards u l-equipment kollu; jiena ma kont qatt ilbistu u ghenuni in-nies biex nilbsu; dan l-equipment qatt ma lbistu anqas meta kont rekluta*"; suldat iehor minn dawk li ddahhlu minn barra xehed: "*jiena ma ridtx immur u b'dan ghedt lis-Surgent b'mod car, pero` qalli 'ma nista naghmel xejn ghax l-ordni kienet hekk'.*" L-ordni kienet inghatat u dawn is-suldati ttiehdu fl-istores fejn gew moghtija l-equipment u inghaqdu mas-suldati l-ohra li kienu ser jintuzaw ghall-operazzjoni fil-ground.

Ghall-ewwel siegha u izjed tal-protesta, il-Brigadier u xi ufficjali gholja hdejh kienu qeghdin ghan-nofs il-ground isegwu is-sitwazzjoni waqt li xi ufficjali inkluzi DeGaetano, Mallia u Dalli kienu marru jithadtu mat-TCNs u jippruvaw jipperswaduhom jidhlu l-gewwa bil-kwiet; dawn it-trattattivi damu b'kollox ghal aktar minn saghtejn u "*dawn l-ufficjali bdew jirreferu lil Brigadier x'inhuma ir-requests taghhom*".

It-talbiet tal-protestanti kienu mill-ewwel li riedu jitkellmu ma' l-istampa, mal-Ministru, mar-Refugee Commissioner u ta' l-Amnesty International. Tnejn mis-suldati li kienu mal-B Block bix-shift semmew li propju waqt li kienu hergin mill-gate id-detenuti qalulhom li riedu jiltaqghu mal- 'press'; kien hemm xi TCNs li waqt ix-xhieda taghhom semmew li riedu ukoll lil tal-

United Nations u r-Red Cross. Ghalkemm ma irrizultax sew min kienu l-persuni li t-TCNs talbu li jigu jkellmuhom, huma certament insistew li jitkellmu ma' membri ta' l-Istampa, tal-United Nations u r-Refugee Commissioner. Ghal din it-talba l-ufficjali qalulhom li kienu ser jaraw x'jaghmlu u hawn bdiet sensiela twila ta' mawriet ta' l-ufficjali fil-ground minn hdejn it-TCNs lejn ic-centru tal-ground fejn kien hemm il-kapijiet ta' l-Armata fosthom anki l-Brigadier; kien hemm ukoll diversi ufficjali gholja tal-pulizija, fosthom is-Sur Seychell responsabbli mill-Imigrazzjoni, u fil-bidu anki l-Kummissarju tal-Pulizija. Sfortunatament bosta min dawn l-ufficjali ma setghux jiftakru sewwa dak li gara u ma kienux ta' wisq ghajnuna ghall-Board.

Dwar dak li gara dak inhar, ir-Refugee Commissioner wera lill-Bord u esebixxa Aide Memoire li huwa kien hejja dakinhar u l-ghada, peress li ried ikun cert li ma jinsa xejn min dak li gara. Kieku kulhadd zamm noti bhal dawn, il-Board kien ikun f'posizzjoni ferm ahjar biex jaqdi l-inkarigu tieghu. Il-Hamis stess filghodu team tar-REFCOM kellu jmur id-Depot tal_Pulizija biex jintervista xi nies, izda wasal messagg: *"li l-ufficjali tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni dak il-hin kienu qeghdin kollha Hal-Safi ghax inqala' l-imkwiet. Dan kien xi 8.30 am". Ittelefonajt lis-Sur Seychell fuq it-telephone cellulari. Qalli: 'Digia' taf? Semmieli li l-immigrati mid-dehra riedu jkellmu lil Kumissarju ghar-Refugjati. Urejtu li lest li immur minnufih. Staqsejtu jekk immurx. Qalli biex nistenna. Bqajna li jien nibqa nistenna l-Ufficcju sakemm jiccekkja u wara jikkuntattjani".* Il-Kumissarju informa lill-impjegati tieghu biex ma jaghmlulux appuntamenti ghax kien qed jistenna li jkollu jitla' malajr Hal Safi. Huwa baqa' jistenna, izda*: "meta is-Sur Seychell rega' ttelefonali qalli li kienu graw xi incidenti. Staqsieni jekk kontx lest li immur inkellem lir-rappresentanti l-ghada, igifieri il-Gimgha. Accettajt minnufih ghal Gimgha kmieni wara nofsinhar".*

Kif inghad, id-diskussjonijiet fil-ground bejn l-ufficjali u TCNs damu zmien twil u wiehed minn dawn l-ufficjali li jaf jitkellem bl-Gharbi ipprova jigbor lit-TCNs li kienu "arab speaking" biex jipperswadihom jidhlu gewwa u qalilhom li hu kien lest jiggarantilhom li ma kien ser jigrilhom xejn. Peress illi kien jidher li kien hemm hafna disgwid bejn l-immigrati, huwa kien qed jipprova jizola lill-"arab speaking" biex possibilment johroghom minn ma' l-ohrajn.

Minn dawn id-diskussjonijiet twal hareg car li kien hemm numru zghir ta' TCNs li kienu qed jikkontrollaw is-sitwazzjoni u dawn bl-ebda mod ma

riedu jidhlu lura. Bdew jinsistu li riedu bil-fors jaraw b'ghajnehom lin-nies mitluba fil-ground qabel jidhlu lura; bdew jghidu li jekk jaraw lil dawn l-individwi b'ghajnejhom kienu lesti li jidhlu gewwa u jhallu barra biss xi 5 biex ikunu jistghu jitkellmu ghall-ohrajn.

Anki fuq dettal bhal dan, il-versjonijiet moghtija ma jaqblux; waqt li minn naha tas-suldati il-proposta biex ihallu xi hamsa barra biex jiddiskutu ghall-ohrajn mentri l-ohrajn jidhlu 'l gewwa, ghamilha l-Brigadier pero` ma gietx accettata mill-immigrati, diversi immigrati xehdu li kienu huma li ghamlu dan is-suggeriment. Kien hemm pero' min xhed li il-proposta giet min-naha tas-suldati: *"the officer told us to go in and leave five people in the ground to discuss our situation. We refused"*. Detenut iehor xehed: *"at one point an officer came to talk to us and we told him that we wanted the authorities so that we could talk to them and he told us that we should go in and leave four of us to talk"*. " Bhal ma kien kostrett jaghmel fil-konsiderazzjoni ta' bosta fatti ohra il-Bord, fin-nuqqas ta' provi cari, wiezen ix-xhieda kollha li sema' u wasal ghal dak li jifhem li kien qrib il-verita`.

Mill-provi imsemmija irrezulta li ghamilha min ghamilha din il-proposta kienet ikkonsidrata u dehret accettata mill-protestanti; pero' huma rabtuha ma' kundizzjoni importanti, igifieri li l-proposta issehh malli jaraw b'ghajnehom li l-persuni mitluba jaslu fil-ground. Irrizulta cert li l-Brigadier din il-kundizzjoni ma accettahiex jew almenu ma ghamel xejn biex jissodisfha, ghalkemm irrizulta wkoll li r-Refugee Commissioner kien qisu thalla 'on-call'. Irrezulta li ghadda hafna zmien u ma kien wasal hadd minn nies mitluba u kif deher mix-xhieda anki tar-Refugee Commissioner anqas hadd ma kien intalab biex jigi. Dan gie wkoll konfermat mill-Brigadier; b'danakollu zgur li il-posizzjoni ma kienitx ciara; min-naha tieghu DeGaetano xehed: "*Jiena naf li ahna ghajjatna lir-Refugee Commissioner u jidhirli li kien wasal qrib il-post. Jiena ma rajtux pero' lil qaluli li kien wasal pero' qatt ma dahal fil-ground"*. Din ix-xhieda propju tal-ufficjali li kien qed imexxi it-tahdidiet mat-TCNs, turi kemm kienet ragonevoli il-presenza tal-Kumissarju f'dawk il-mumenti. B'dana kollu mix-xhieda tal-istess Kumissarju ghar-Refugjati jidher li hadd ma talbu biex imur.

Bhala rizultat ta' l-ordni li ta l-Brigadier biex jintbaghtu Hal Safi s-suldati kollha disponibbli, dawn bdew kif inghad jingabru f'Hal Safi u: "*wahda mill-affarijiet li ghamilna kienet li billi kienu qed isiru trattativi, ir-rinforzi li bdew jaslu bdejna inzommuhom f'parti tal-barracks fejn ma jidhrux mil-ground, ghaliex ahna xtaqna li is-sitwazzjoni tigi rizolta pacifikament; is-*

*suldati thallew in-naha t'isfel, hdejn l-istage*". Ghalkemm dawn ir-rinforzi ma kienux jidhru mill-ground fejn kienu l-immigrati li hargu, dawn rawhom jaslu it-TCNs l-ohra li kienu fl-MT Compound. "*Sakemm is-suldati kienu qed jistennew hdejn l-istage, beda jinqala' l-inkwiet fl-MT yard u jiena waqt li kont fil-ground rajt lit-TCNs fuq is-shed il-kbira tal-MT u dawn setghu jaraw dak li kien qed jigri fil-ground, u waslitilna informazzjoni li kien qed jinqala' l-inkwiet u kienu qed iwaddbu il-gebel*". Bhala konsegwenza "*irtirajna lis-suldati li kienu ghassa maghhom sabiex ma jweggalna hadd, u poggejna platoon tas- Second Regiment stand-by mal-MT.*"

Kien maghruf sew li fl-MT il-perikolu kien dejjem izjed serju milli fil-B Block. Is-sitwazzjoni f'dan il-compound miftuh giet tajjeb deskritta minn wiehed mill-NGOs li jattendi kull gimgha u jaghti kull ghajnuna li jista'; huwa xhed: "*Fl-MT is-sitwazzjoni hija ferm aktar difficli ghaliex hemm hafna izjed nazzjonijiet u kuluri u allura il-problemi jikbru. Dak iz-zmien niftakar li kien hemm xi Sudanizi li kienu tassew rashom shuna. L-MT kien jaghtini l-impressjoni li kien bhal xi ghalqa lesta biex tiehu n-nar daqs kemm kien hemm tensjoni qawwija*". Anki fid-dawl tal-vjolenza li tkompliet filghaxija, forsi minflok ghalqa seta' ipparagunha ma' tank bil-petrol.

Il-Bord kellu okkazjoni jifli mill-vicin r-recint li jifred l-MT minn mat-trejqa pubbliku (li minnha il-Bord seta' jghaddi anonimament bil-karozza zghira tal-Qorti minghajr ebda tfixkil jew htiega li jinghata xi permess). Il-fence huwa pratikament miftuh jew imqatta u hadd, la minn naha tal-MT u l-anqas minn naha tat-triq ma kellu ebda diffikulta serja biex jaqbad u johrog. Hekk gie spjegat l-istat ta' dan il-fence: *kull ma hemm izommhom hija dik il-fence imsadda u nista' nghid li kien hemm kazi fejn xi hadd hareg u rega' dahal minghajr hadd ma nduna bih"*. Wara li ghamel din il-visita, il-Bord staqsa ghaliex ir-recint ma jigix irrangat halli jkun hemm aktar sigurta`. It-twegiba kienet li ma kienux jissugraw imissu il-hajt jew il-fence ghax kienu certi li l-immigrati jipprotestaw bi vjolenza u ma jhalluhomx jaghmlu dan ix-xoghol.

Il-Bord jimmagina li l-awtoritajiet ta' l-Armata kienu jafu bl-istat kwazi tad-dahq ta' din l-ispeci ta' barriera u allura kellhom kull raguni jibzghu li t-TCNs fl-MT (il-Brigadier zgur li kien jaf almenu daqs l-imsemmi NGO il-perikoli fil-compound), li dakinhar kienu madwar 300 johorgu jigru fl-apert jew aghar, jaqbdu jattakkaw bil-gebel u b'dak kollu li kellhom disponibbli gewwa fil-complex.

Kieku grat xi haga bhal din il-Forzi Armati ma kellhomx in-nies u l-mezzi biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni u fil-fehma tal-Bord seta' kien ikun hemm il-htiega ta' l-uzu ta' l-armi tan-nar b'konsegwenzi imprevisti.

Ghal xi zmien, bejn minhabba li kienu ghadhom ghaddejjin it-trattativi mal-protestanti, u ghal zmien twil kien hemm certa speranza li setghu jirnexxu, kif ukoll ghax is-suldati minn barra kienu ghadhom qed jaslu Hal Safi, ma kienitx tinhass ghagla partikolari biex it-TCNs jergghu jiddahhlu gewwa. Meta l-Brigadier gie infurmat li t-tensjoni kienet qed tikber fl-MT u beda jintefa gebel, huwa fehem li s-sitwazzjoni kienet issir inkontrollabbli jekk tal-MT jiddeciedu li johorgu. "*B'hekk kibret l-urgenza biex tigi rizolta is-sitwazzjoni fil-ground*".

It-trattativi kienu ilhom sejrin aktar minn saghtejn u ghalkemm mumenti minnhom deher li seta' jintlahaq ftehim, kollox kien jispicca fix-xejn peress li kien hemm uhud mit-TCNs li ma riedu jidhlu b'xejn, jekk ma jarawx b'ghajnehom lill-persuni li kienu talbu. Hekk xehed wiehed mid-detenuti: *"After some time two officers came to talk to us ..., the officer on the right told us to go in; one of us called Jacky who started shouting "no, no", the one in front of the officer in the blue shirt. Then the other officer told him to wait a little and that he would speak to us again. The officer in the middle told us that we were outside the compound and we should go inside so that they would not harm us. The officer on the right again insisted that he wanted a yes or a no answer, and Jacky kept repeating "no, no, no". The officer on the right then told the officer in the middle to go away and they left. At one time I also saw a soldier who came to us and was speaking in Arabic, as I am seeing in the Net video where he is speaking to Abdul Razak, a Palestinian. This soldier told us that he was a Muslim, lives and sworn on the Koran, that if we went inside no harm would come to us. As can be heard on the video observer, Jacky kept shouting "no, no, no". A lot of soldiers had arrived and they made a box formation around us. I must explain that the first time the officers came to talk to us, they talked to James but then R-6 snatched him away and told him not to talk to them any more. Bienvenu told us to sit down. Some time after the officers came down. Although I did not understand what was being said I could understand that the officer told R-6 Bienvenu that we should all go inside and leave five of us to talk. R-6 tried to ignore the officer and walked to the side telling us to sit*

*down. I am also seeing Bienvenu gesticulating in our direction and he was insisting that even if they were going to kill us, as he was showing, we should remain where we were."* Irrizulta mill-filmati u mir-ritratti li t-TCNs li kienu qed imexxu l-protesta ma hallew lil hadd minn shabhom jiccaqlaq. Din l-imgieba intimidatorja, anki kif spjegata min dan it-TCN stess tidher cara minn filmat u mir-ritratti kif ukoll minn dak li qalu l-istess ufficjali li mexxew it-trattattivi.

F'dan l-istadju: "*il-Brigadier iddecieda illi ghandna niehdu azzjoni billi ndawwruhom bil-platoons u nissnatcjaw lir-ring-leaders; din l-idea giet ukoll peress li waqt it-trattativi hafna mit- TCNs baqghu bil-qeghda u deheru li xtaqu li jidhlu lura imma kien hemm ohrajn li bdew jghedduhom li jekk jidhlu lura kienu jpattuhielhom*".

Huwa tassew sinifikattiv kif dan l-atteggiament gie spjegat min wiehed mill-gurnalisti li zgur ma halla xejn biex ipoggi lis-suldati f'dawl ikrah; dwar dawn il-mument huwa xehed: "*fhimt li il-protestanti ma riedux jobdu billi jidhlu lura, u kien hemm xi tlieta min dawn it- TCNs li min bilwieqfa bdew jghidu lil shabhom biex jibqghu bilqeghda u jiggestikulaw b'idejhom. Ghalkemm jiena ma stajtx nisma', ghandi nghid li fhimt li uhud mill-protestanti riedu jidhlu lura u qishom kienu jghidu ahjar nidhlu gewwa ghaliex naqilghuha. Imma kollha regghu qaghdu bilqeghda".*

Il-Bord hu tal-fehma li l-Brigadier fid-dawl ta' dan l-atteggjament negattiv ta' l-immigrati u ta' l-informazzjoni li kellu dwar dak li kien qed jigri fil-Compound l-iehor ma setghax ihalli l-istatus quo indefinitivament.
Il-Board irid b'dankollu jirrileva li dwar it-talbiet li kienu qed jaghmlu il-mexxejja tat-TCNs, ma hux konvint li kienet decizjoni ghaqlija li aktar kmieni ma ntalabx lir-Refugee Commissioner biex jigi fuq il-post; b'hekk kienet tkun intlaqghet ukoll it-tieni talba tal-protestanti wara dik li jitolbu jitkellmu mal-istampa. Ix-xhieda kollha, kemm l-immigrati kif ukoll is-suldati qablu li id-detenuti ma riedux jidhlu gewwa qabel ma jaraw b'ghajnehom lill-awtoritajiet mitluba. Ir-Refugee Commissioner kien qieghed "on-call" wara it-telefonata mas-Sur Seychell, u il-Bord baqa' ma fehemx ghaliex ma saritx it-tieni telefonata u ntalab jigi fuq il-post; dan ma jfissirx li il-migja tieghu kienet ser issolvi kollox, ghaliex id-determinazzjoni ta' l-organizzaturi kienet impressjonanti. Din tirrizulta mhux biss mill-isforzi

li saru mill-ufficjali li kienu qed jittrattaw maghhom, partikolarment DeGaetano u Dalli (konfermati mix-xhieda ta' l-istess TCNs) imma kif intqal ukoll mir-ritratti u filmati, li jikkonfermaw kif kienu ftit id-detenuti li ma riedux li jintlahaq ftehim – imma dawn kienu tassew determinati. Irrizulta kif meta wiehed mill-immigrati fil-ground ipprova iqum minn bilqeghda gie imbuttat lura b'forza. Hemm ukoll dak il-filmat ta' wiehed mill-organizzaturi li jheffef ghal hdejn it-TCNs li kienu mal-genb bilqeghda u ma urewx tant determinazzjoni, u jiggestikula qisu ghandu xi machine gun f'idejh u qieghed jispara fuqhom ilkoll – jinstema' ukoll il-hoss ta' l-isparar hiereg minn halqu; jidher li dan il-mexxej ma kienx cert mir-rizultat tat-tgheddida tieghu, u ftit wara rega' mexa ghal hdejhom  u rrepeta l-istess mossa u hsejjes. Kif gia` gie osservat wiehed mill-protestanti jghid li "*he was insisting that even if they were going to kill us, as he was showing, we should ramain where we were*";  dawn il-mexxejja setghu kienu tant decizi forsi minhabba kuntatti li  kellhom minn qabel ma' xi barranin; possibilment il-migja tar-Refugee Commisioner, xorta  ma kienetx ser iddajjef din id-determinazzjoni.

Dwar kif ir-Refugee Commissioner ma giex imsejjah, il-Bord sema' wkoll l-osservazzjoni li: "*allahares kull darba li jitolbuk biex jaraw lil xi hadd, iggibulhom!*"; din mhix xi osservazzjoni li ghandha tigi skartata, ghaliex l-atteggjament ta' l-immigrati ma rrizultax konciljativ. B'dana kollu il-Bord hu tal-fehma li kieku tfacca fuq il-post ir-Refugee Commissioner dawk il-bosta li riedu jidhlu bil-kwiet, kien ikollhom raguni ohra biex jidhlu. Irid jigi wkoll rilevat li fl-imsemmija protesta li kienet grat f'Ottubru ta' qabel, kienu issejhu kemm ir-Refugee Commissioner kif ukoll Monsinjur Philip Calleja biex jaghtu daqqa t' id, u l-kwistjoni spiccat bit-tajjeb.

## 6. PJAN RUGGIER

Il-Maggur Ruggier huwa l-ufficjal inkarigat mill-imsemmija C Company u ghalhekk kien minn ta' l-ewwel fuq il-post; kien hu li hejja il-pjan ta' kif l-armata kellha tiffaccja s-sitwazzjoni; skond l-istess Maggur u kif konfermat mid-diversi ufficjali li kienu prezenti, meta huwa ressaq il-pjan, dan kien jipprevedi li s-suldati tal-First Regiment, maghrufa bhala "C Company" kellhom jiehdu posizzjoni faccata tat-TCNs li kienu skjerati f'linja ta' xi tletin metru fuq kurdun bil-kantun ftit wara l-linja tal-lasta.  Dawn is-suldati joqghodu f'zewg fillieri wara xulxin u warajhom kien hemm erba' (xi

ufficjali xehdu li kienu tlieta) 'snatch groups' li ma' l-ordni, kellhom johorgu minn bejn dawn il-fillieri u jidhlu fuq il-protestanti u jahtfu lil dawk il-ftit immigrati li kienu gew identifikati mill-ufficjali koncernati bhala ir-ring leaders tal-protesta. Kienu b'kollox xi sebghin suldat maqsuma f'zewg platoons separati imma hdejn xulxin, imharrga regolarment u professjonalment ghal sitwazzjonijiet bhal dawn.

Peress li l-arja fejn kienu mixhutin it-TCNs hija ghal kollox miftuha u wiesgha, u kienet tmiss propju mat-triq hlief ghal fence li ovvjament seta' jigi facilment imwaqqa kieku dak in-numru ta' TCNs prezenti ddecidew li johorgu fit-triq, il-pjan kien jinkludi harsien mill-gnub sabiex dawn it-TCNs ma jitilqux jigru ma' kullimkien. Fuq barra mat-triq kien hemm xi ftit suldati u anki stakkament tal-SAG tal-Pulizija. Skond il-pjan imhejji, ddahhlu zewg trucks kbar biex iservu ta' barriera ma' kull naha tal-ground u tressqu jmissu ma' xulxin u waslu propju kwazi ma' l-imsemmi kurdun tal-kantun li fuqu kienu bilqeghda l-protestanti. Biswit dawn it-trucks kellhom jitpoggew suldati biex izommu lil dawk li jippruvaw jaharbu mill-gnub; dawn, skond ix-xhieda ta' Ruggier u bosta ufficjali li kienu prezenti ghal briefing, kellhom ikunu biss ta' support u xoghlhom kien ta' "containment" u biex jevitaw "dispersing" tad-detenuti.

Irrizulta wkoll li waqt li kien qed jigi diskuss dan il-pjan, giet ukoll ikkunsidrata l-possibilita li jintuza gass tad-dmugh biex ifixkel lill-immigrati u jkunu jistghu jinqabdu facilment. Din il-possibilita` giet skartata peress li kien hemm il-ftuh u ghalhekk kien ikollha tintuza kwantita` kbira ta' gass u barra minn hekk dan kien ikollu jintuza f'post li kien hafna vicin ghad-djar fil-housing estate. Dan il-gass seta' wkoll jikkaguna aktar tferrix tal-protestanti.

Il-Bord staqsa wkoll jekk setax jintuza water cannon izda rrizulta li l-Armata m'ghandhiex apparat bhal dan. Il-Maggur Ruggier qal li ghalkemm kien jaf li ghand il-Pulizija kien hemm apparat simili, ma staqsiex ghalih ghaliex, qrib l-Ghid tas-sena ta' qabel kien talab lill-SAG ghal dan il-water cannon izda qalulu li ma kellux jintuza kontra t-TCNs. Dwar dan id-dettall ma kienx hemm qbil bejn dak li qal il_Maggur Ruggier u dak li qalu il_pulizija u inghataw versjonijiet differenti. L-awtoritajiet tal-pulizija stqarrew li ma kienu jafu xejn b'din it-talba. Ghalhekk waqt l-imsemmija preparattivi ghall-azzjoni, l-uzu tal-water cannon ma kienx ikkonsidrat u f'kull kaz irrizulta li l-apparat li ghandha l-Pulizija kellu xi hsara u ma setax jintuza. Jidher ukoll

li kieku intuza xi water cannon kien ikun hemm ukoll tferrix tad-detenuti mal-barracks kollu, jixbah lil dak li kien jigri kieku intuza il-gass tad-dmugh.

Meta beda jidher li qed jersaq il-hin ghad-decizjoni li tintuza l-forza biex l-immigrati jergghu jiddahhlu fil-B Block u l-Brigadier qabel mal-pjan suggerit minn Ruggier, gabar l-ufficjali inkarigati mis-suldati u spjegalhom il-pjan tieghu. Tac-C Company kellhom javvanzaw mill-faccata fuq l-immigrati u meta jkunu vicin, l-isnatch teams (li jkunu minghajr tarki fuq wara tal-linja), jidhlu minn bejn din il-linja u jahtfu lill-individwi li jkunu gia' gew lilhom identifikati u indikati. L-idea kienet li wara li jitnehhew dawk il-ftit li kienu qed ixewxu lill-ohrajn, il-bqija jitilfu l-entuzjazmu u jaccettaw li jigu migbura bil-kwiet. L-operazzjoni kollha kienet f'idejn ic-C Company imma kien hemm bzonn li s-support platoons joqghodu attenti biex izommu lil min kien jipprova johrog minn goc-cirku li kien qed idawwarhom. Dawn il-platoons mal-gnub kellhom iservu biss ghal 'containment' u b'hekk jigi evitat li jkun hemm 'dispersion' tat-TCNs ghax inkella kien ikun ferm difficli tikkontrollahom.

Sfortunatament dan il-pjan, li ghal Bord jidher li kien adegwat, ma giex spjegat sew lis-suldati ta' mal-gnub ghalkemm kien car ghal dawk tan-nofs; l-ufficjali kollha qablu li tal-gnub kellhom iservu biss bhal 'support' ghall-azzjoni tac-C Company, imma is-suldati tal-gnub hasbu li kienu parti mill-azzjoni shiha, u allura malli semghu l-ordni li biha tac-C Company dahlu fuqhom, jew ahjar malli rawhom jidhlu fuq l-immigrati, dahlu fuqhom huma wkoll. Il-Bord ma jistax jifhem is-suldati tal-gnub x'hasbu li kienu qed jaghmlu meta anqas kellhom manetti biex almenu jorbtu lil dawk li setghu jaqbdu – l-iskuza li dahlu fuqhom ghax it-TCNs attakkawhom l-ewwel ma tezistix, kif irrizulta car mid-dokumenti esebiti. Barra minn dan in-nuqqas ta' taghrif il-Bord ha l-impressjoni li xi ufficjali indahlu izzejjed u ma iddejqux jaghtu ordnijiet differenti minn dawk tal-pjan ta' Ruggier - dan kompla hawwad lis-suldati li anqas kienu jafu (jew ma gewx infurmati sew) x'kien ir-rwol taghhom fl-operazzjoni.

Dan in-nuqqas ta' taghrif u ta' koordinazzjoni deher evidenti mill-agir tat-8 suldati tad-D Company li kellhom ikunu biswit is-suldati tal-Camp Commandant fil-platoon tal-lemin; meta fil-bidu dawn kienu marru ghar-riot equipment, inghataw tarka izda ma kellhomx 'shin guards'; wiehed mis-suldati xehed hekk: "*Ahna allura morna fil-locker illi fih dak iz-zmien kellna biss il-maskra tal-gass, il-lembuba u l-helmet. Ahna konna minghajr visor u bla neck protection. Hekk kif gie jghidilna biex naghmlu din l-operazzjoni,*

*jiena pprotestajt ma' l-ufficcjal tieghi biex ghallinqas igibilna ix-shin guards*". Meta ipprotestaw, l-ufficjal mar fl-istore tac-C u gabilhom tmien pari - l-ufficjal qal li: "*Jiena allura akkwistajt tmienja minghand is-C Company u tajthomlhom.*" Bhas-suldati l-ohra ittiehdu hdejn l-istage, izda meta waslu biex jidhlu fil-ground, inghatatilhom ordni biex it-tarki jhalluhom fil-Land Rover. B'dan Ruggier assigura lil Bord li ma kienx jaf xejn. Dan jidher ukoll mix-xhieda ta' wiehed iehor mis-suldati tad-D Company li xehed li qabel waslu Hal Safi huma kienu inghataw it-tarki bhal platoons l-ohra, pero' wara li kienu ilhom zmien twil jistennew hdejn l-Istage Hal Safi: "*niftakar li dak iz-zmien tqassmulna il-manetti u naf li konna nehhejna it-tarki ghaliex kienu ordnawlna li fil-ground ahna ser inkunu sezzjoni ghalina u ix-xoghol taghna kien ser ikun li nahtfu lir-ring leaders u imbghad nimmanettjawhom u ghalhekk kienu tawna il-manetti tal-plastic*". Meta dahlu fil-ground tpoggew fit-tarf tas-suldati tal-Camp Commandant (kif jidhru fir-ritratti) pero` fl-ahhar mumenti ntqal li marru fit-tarf l-iehor tal-Camp Commandant, cioe` mill-fence sat-trucks. Id-diversi ufficjali mismugha ma taw ebda dettalji dwar dan ic-caqlieq u ma setax jigi stabilit min ta din l-ordni.

Ghalkemm mill-pjan kien jidher li tad-D Company ukoll kellhom iservu biss ta' support, izjed minn wiehed minnhom xehdu "*Ahna kellna d-dover illi nisnaccjaw lil dawk it-TCNs li jigu lilna indikati, naturalment jekk jinqala' l-inkwiet.*" Dawn it-tmien suldati fehmu, u fil-fatt agixxew bhala li kellhom funzjoni differenti mis-suldati tal-Camp Comandant; waqt li dawn ta' l-ahhar kellhom jibqghu linja jassiguraw li hadd ma jaqbzilghom, huma kienu ser joperaw bhala snatch teams; ikkonfermaw li huma kienu snatch teams bhal ma' kienu dawk tac-C Company; stqarrew li lilhom kienu gew identifikati xi TCNs partikolari – b'dana kollu hadd minnhom ma seta' jidentifika xi ufficjal li ta dawn l-ordnijiet; wiehed mis-suldati li deher kredibbli spjega kif mar u qabad wiehed u bl-ghajnuna tal-buddy tieghu immanettjawh u haduh 'il barra mill-haxix u zammewh u haduh lura fejn tpogga gewwa truck. Il-Bord jistaqsi, jekk dawn kellhom iservu biss biex jevitaw minn jahrab, ghaliex inghataw shin guards u anki manetti (l-unici hlief ghac-C Company) u ma zammewx tarki? Ebda ufficjal mill-bosta mismugha ma seta' jispjega jew jaghti raguni ghal dan it-tahwid.

Dawn id-domandi tpoggew ukoll lill-Maggur Ruggier li bla tlaqlieq stqarr li ma setax jifhem ghaliex dawn it-8 kienu bla tarki; ikkonferma li skond il-pjan tieghu dawn kellhom jiffurmaw parti integrali mas-suldati l-ohra tal-Camp Commandant u ma kien hemm ebda differenza fil-kompitu taghhom –

cioe dak li jghassu l-gnub minn min jipprova jahrab. Anqas seta' jispjega kif dawn is-suldati tad-D Company, qabel bdiet l-azzjoni ccaqalqu minn hdejn il-Land Rover u marru fit-tarf l-iehor tal-linja, vicin tal-fence. Cahad li f'xi hin dawn is-suldati kellhom jaghmluha ta' snatch teams; b'danakollu ufficjal inkarigat xehed li: *"nispjega li kont iddecidejt li it-tarki tan-nies tieghi, dawk is-sebgha, inhalluhom fil-vettura peress illi konna nafu li ser ikollna bzonn nigru wara xi hadd biex wiehed izommhom"*. Dan juri li me kienx hemm ftehim bejn dan l-ufficjal u Ruggier.

Huwa piuttost sinifikativ kif il-manetti inghataw biss lil dawn il-ftit tad- D Company (oltre tac-C Company) meta kien hemm numru tant kbir ta' protestanti. In fatti fl-istqarrijiet ta' bosta suldati ohra rrizulta li wara li jkunu qabdu u zammew xi TCN, ma kellhomx biex jimmanettjawhom u kienu jridu jistennew li jigi xi suldat li kellu dawn il-manetti tal-plastic. Huwa tassew interessanti kif wiehed mis-suldati li dahlu fuq il-haxix ghal protestanti, xehed li hu ma kellux manetti imma inghata par minn xi suldat li kien fit-triq barra il-fence.

Dak li deher tassew stramb hu li waqt li l-ufficjali kollha li kellhom x' jaqsmu man-naha tal-lemin qalu bla tlaqliq li kienu jafu li xoghol is-suldati kien biss ta' 'containment', hadd minnhom ma seta' jaghti spjegazzjoni dwar kif dawn imxew lejn il-fejnce u ghaliex ma kellhomx tarki bhall-ohrajn. Il-Bord ha l-impressjoni li jew ma rawx dak li kien qed jigri jew ma riedux jghidu dak li kienu jafu.

Dan ikompli jispjega l-istat ta' incertezza u disordni li fih kienu is-suldati li tpogew mal-gnub kemm ta' naha kif ukoll ta' l-ohra.

Fic-cirkostanzi li kellu quddiemu l-Brigadier ta ordni lil Ruggier biex jibda jesegwixxi l-operazzjoni kif spjegata. Is-suldati sa dak il-hin ghalhekk kienu hadu il-formazzjoni miftehma bic- "C Company" faccata tat- TCNs, il-platoon tal Camp Commandant u xi ftit elementi tad- "D Company" skjarati mal-lemin u l-platoon tat-Third Regiment max-xellug. Mal-ordni, is-suldati tac-C bdew ihabbtu fuq it-tarki u mbaghad bdew jersqu lejhom bil-mod hafna, pass pass 'il quddiem. Il-Maggur Ruggier spjega li dan it-tahbiet kien parti mill-ezercizzju u kien iservi kemm biex is-suldati jimmarcjaw bl-istess pass, kif ukoll biex ikun ta' intimidazzjoni ghal min kien jipprotesta halli jifhem li l-azzjoni kienet reali u imminenti.

## 7. DECIZJONI LI TINTUZA L-FORZA

Il-Bord jghaddi biex jezamina d-decizjoni li ttiehdet mil-Brigadier biex jitpogga in azzjoni l-pjan li kien mahsub halli jtemm il-harba tat-TCNs bl-uzu tal-forza.

Il-Bord ikkonsidra l-attegjament negattiv tal-protestanti u l-effett li dan kien qed ikollu fuq il-compound l-iehor li kien wisq izjed vulnerabbli u perikoluz. Ghalkemm id-detenuti fl-MT Compound kienu biss qed iwaddbu l-gebel, huwa ovvju li kieku dawn iddecidew li johorgu, sija jekk imorru fit-triq pubblika kif ukoll jekk jibqghu gewwa l-barracks stess, ma kienx hemm suldati bizzejjed biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni fiz-zewg nahat.

Ghalhekk il-Bord huwa tal-fehma li l-Brigadier kien gustifikat meta ta l-ordni biex jigi attwat il-pjan Ruggier li kien mahsub biex itemm il-harba tat-TCNs u jergghu jiddahhlu fil-compound taghhom bl-uzu tal-forza.

Ma l-ordni tal-Maggur Ruggier is-suldati tas-C Company bdew jersqu bil-mod ‘il quddiem u maghhom gew misjuqa wkoll iz-zewg Land Rovers li kienu akkompanjawhom gewwa l-ground b’mod li dawn inzammu dejjem fl-istess linja taghhom – kollox kien qed isir b’mod li jippruvaw ibezzghu lill-immigrati u juruhom li dik ma kienitx biss show of force bhal ma kien gara f’Ottubru u f’okkazjonijet ta’ qabel.

Illi hekk kif inghatat din l-ordni u s-suldati tas-C Company immarcjaw bil-mod ghal fuqhom, qam l-ewwel disgwid fost il-platoon tat-Third Regiment peress li Maggur li ma kienx inkarigat min dan il-platoon beda jghidilhom biex ihabbtu huma wkoll bil-lembubi fuq it-tarki taghhom; is-suldati ma hassewx li kellhom jaghmlu dan u anqas fehmu x’kien l-iskop ta’ dan it-tahbit meta huma ma kienux ser javvanzaw. Dan il-platoon suppost li kien taht it-tmexxija ta ufficjal li ma kienx ta ordni ghat-tahbit anzi kien kontra li jsir dan. “*Fost dawn kien hemm ufficjal iehor li kien warajna li smajtu jghidilhom biex ihabbtu bil-lembuba mat-tarka. Huwa fil-fatt beda jhabbat bil-lembuba tieghu stess. Jiena waqqaft lin-nies tieghi milli jhabbtu fuq it-tarka*”. Is-suldati allura min beda jhabbat u min le; dan ma ghogobx lil maggur li rega’ mar fuqhom u rega’ qalilhom biex ihabbtu kollha f’daqqa. Il-filmati juru diversi suldati tat-Third Regiment jidhqu – probabilment minhabba din il-konfuzjoni. Dwar dan il-mument ta’ konfuzjoni fil-linji tal-platoon tat-Third Regiment wiehed suldat hekk xehed: “*Jiena personalment ma kontx naf xi tfisser dik it-tahbita mat-tarka izda xi hadd min wara qalilna*

*biex inhabbtu bhalhom. Jiena habbat imma mhux ahna kollha tal-gnub bdejna inhabbtu; konna xi ghaxra li bdejna nhabbtu, izda wara ftit hafna minnhom waqfu u bqajna xi tlieta u hassejna li konna qisna stupidi nhabtu wahedna; l-istess ufficjal allura qalilna 'mhux qed nismaghkom thabbtu' u ghalhekk kulhadd beda jhabbat".* L-ufficjal responsabbli mis-suldati tat-Third Regiment xehed li tant hassu urtat b'dan, li ddecieda li jmur jirraporta lill-Brigadier, ghalkemm f'mument hekk sensitiv ma wasalx biex jghidlu; "*Nispjega li mument minnhom li jiena hassejt li kelli mmur inkellem lil Commanding Officer biex nilmenta dwar il-fatt illi hdejna kien hemm xi ufficcjali gholja li bdew jaghtu struzzjonijiet lis-suldati tieghi.*" Din is-sitwazzjoni turi l-istat li kienu fih dan il-platoon. Kif stqarr wiehed mis-Surgenti prezenti dik in-naha: "*Vapur b'Kaptan wiehed jimxi u mhux b'hafna Kaptani*". Zewg suldati ohra hekk xehdu: *"tant kien hemm ufficcjali madwarna illi konna qisna dghajsa wahda b' disa' kaptani"*. Suldat iehor xehed: "*Ghandi nghid illi jiena hassejt illi kien hemm hafna kaptani u ghalhekk anqas nista' nghid min ta dawn l-ordnijiet.*"

Dan l-avvanz bil-mod tac-C Company waqaf meta kienu biss ftit metri 'l boghod mil-linja tat-TCNs; anki f'dan l-istadju sar tentativ iehor li rrizulta li kien finali da parti ta' DeGaetano biex jipprova jipperswadihom jidhlu bil-kwiet; "*Meta ahna konna ready for action, mort fuq il-Brigadier u ghidtlu biex inkun nista' nerga' nkellimhom ghall-ahhar darba u nispjegalhom li dawn jistghu jweggghu u biex nispjegalhom li meta jigu s-suldati jibqghu fejn huma u hadd ma jwegga' minnhom. Fil-fatt kellimthom, dawn ippruvaw igerxuni pero` sadanittant kienu vicin hafna l-kumpaniji tas-suldati.*" Dan xtaq kieku jkompli jipprova jikkonvincihom bil-kelma it-tajba; mhux ghal xejn li kwazi it-TNCs kollha li xehdu irriferew ghalih bhala "*a good man*" ghad-differenza ta' ufficjali ohra li ovvjament kienu aktar iebsin u bdew jehdduhom bil-forza; lil dawn irriferew ghalihom bhala "*a bad man*". "*The officer on the left was a good man and he was the one who told us to leave five outside while the others should go inside.*". Waqt l-intervisti twal li kellu ma' dawn l-immigrati, il-Bord fehem, anki minn din id-distinzjoni li ghamlu bejn ufficjal u iehor, kif hafna minnhom xtaqu li tinsab soluzzjoni pacifika ghas-sitwazzjoni li kienet inholqot. Dan il- "good man" ghalkemm fehem li kien wasal il-mument ta' l-uzu tal-vjolenza ma riedx jinqala' minn maghhom u kellu johrog ghalih ufficjal iehor biex jghidlu jwarrab minn hemm ghax kien ser jinqabad fin-nofs.

F'dan il-hin hadd ma kien jaf kif kienet ser tispicca. Il-mexxejja tat-TCNs aktar bdew jghajtu, jinsolentaw u jisfidaw lis-suldati biex jidhlu ghalihom;

qatt ma hasbu f'dak li kien ser jigri – wara kollox jghidu wkoll li l-gurnalisti qalulhom li ma kienux ser jaghmlulhom xejn ghax kien hemm huma (il-gurnalisti) jharsu. "*When we saw them arrive we told him 'look at them they are coming to beat us but we are only making a peaceful protest'. He told us that they could not beat us. We told them they would beat us because the way they were armed indicated that they were going to beat us.*" TCN iehor xehed hekk: "*At this moment we told the journalist who was still talking to us 'you see they are coming to beat us'. He told us that was impossible because there were many journalists.*" Minn naha tas-suldati ghalkemm kif xehdu bosta minnhom, wiehed mill-magguri prezenti kien qalilhom "*illum ser ikollna nahdmu mhux bhad-drabi l-ohra*", huma zgur ma kienux jafu kif ser tispicca.

Trid tinghata l-importanza mehtiega lill-fatt li sa dakinhar is-suldati qatt ma kienu waslu f'dak l-istadju ta' konfront; dan jinghad anki ghal dawk is-suldati li jircevu tahrig regolari u intensiv. Kienu bosta li stqarrew il-biza' kbir li kellhom fuqhom ghal din il-maghmudija tan-nar. Ghalkemm bosta drabi is-suldati tac-C Company kienu gew imsejha biex jikkontrollaw lill-immigrati li jkunu qed jipprotestaw gewwa jew barra il-compounds taghhom, qatt ma gara xejn li jixbah lis-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha fit-13 ta' Jannar li ghadda; dan japplika ghas-suldati tac-C Company, ahseb u ara xi stato d'anima kienu fih dawk il-bosta suldati li qatt ma kienu rcevew ebda forma ta' training simili u anqas kien jafu jilbsu l-equipment li nghatalhom.

Hafna minn dawn is-suldati lahqu ghamlu xi zmien bix-shift ghassa ma' xi wiehed mill-compounds u jidher li l-bicca l-kbira (anki skond l-istess immigrati) kellhom relazzjoni tajba hafna maghhom; b'dana kollu kienu jafu b'kazi fejn it-TCNs ghamlu bhal skieken zghar anki mill-ghadam li jkun mal-laham li kien jinghata ghall-ikel jew minn xi bicca metall li jkunu qalghu minn x'imkien anki mill-istess wire fence. Wiehed mis-suldati pprotesta bi shih ghaliex kienu biss tac-C Company li kellhom protective vests u beza' li seta' jintlahaq minn xi arma simili: "*jiena pprotestajt ma' l-ufficcjal tieghi biex ghallinqas igibilna ix-shin guards la konna sejrin ghal operazzjoni bhal din ghaliex jekk jintefghu xi affarijiet almenu jkollna saqajna protetti. Fil-fatt sar hekk u ingabu x-shin guards minghand is-C Company*".

Dawn is-suldati kienu jaraw l-attivita` ta' whud mit-TCNs fl-ezercizzji li kienu jaghmlu fil-compounds stess u nnotaw: "*il-mod professjonali ta' kif*

*jittrainjaw bil-pizijiet anki billi juzaw batteriji qodma, u l-mod iebes kif jaghmlu l-press-ups u s-sit-ups. Dan kollu juri kemm huma ttrainjati u ghaliex is-suldati li kienu rawhom jaghmlu dawn l-exercises kellhom certu biza' fuqhom, u dan oltre il-fatt li fl-imghoddi kienu raw kif dawn it-TCNs kapaci jaghmlu arma fis-sens ta' xi sikkina jew xi haga ohra, mill-izjed oggett li inti tahsbu innocenti*". Skond is-suldati whud mit-TCNs meta kienu ghadhom f'pajjizhom kienu jiffurmaw parti mill-Armata u ghalhekk kellhom tahrig fi glied vjolenti. L-istess xhud semma kif: "*xi ftit xhur qabel kien hemm glieda bejn l-Egizzjani u is-Somali fl-MT u spiccaw korrew lil xulxin u diversi minnhom spiccaw l-isptar*". Il-vjolenza li kienu juzaw bejniethom l-irgiel imma anki fil-konfront tan-nisa u tfal, kienet twassal lis-suldati biex joqghodu ferm attenti.

## 8. SNATCHING ORDER

F'din l-atmosfera meta deher li ma setghux jipperswaduhom jidhlu gewwa, il-Brigadier wasal biex ta l-ordni lil Ruggier: "*biex javvanzaw fuqhom u jisnatchjaw lir-ring leaders*". Hekk gie deskritt dan il-mument: "*Ghal darb' ohra De Gaetano u possibilment iz-zewg ufficcjali l-ohra, ressqu hdejn il-protestanti biex jipperswaduhom jidhlu, pero` jidher li dan kien ta' xejn. F' dan il-mument jiena wara li kkonsultajt ruhi mal-Maggur Ian Ruggier u xi ufficcjali ohra li kienu prezenti, iddecidejt li kelli niehu decizjoni li dawn indahhalhom gewwa. Meta jien ghidt lil Maggur Ruggier biex nidhlu fuqhom kellna nipprovaw naqbdu lir-ring leaders, li minnhom konna identifikajna hamsa jew sitta. Jiena ghalhekk ordnajt lil Ruggier illi jidhlu fuqhom u jaqbdu dawn ir-ring leader*". L-isnatch teams esegwew l-ordni u hargu minn bejn il-linja biex jaqbduhom. "*imbaghad minn hemmhekk, x'hin ic-C Company iccaqilqu biex johorgu ghar-ring leaders, il-corner bejn il-platoon tal-C u dak tat-Third infethet u kien hemm gap. Minn hemmhekk hargu xi tlieta jew erba' TCNs. Dan il-genb kien miftuh b'mod li setghu jaharbu minnu*".

Mal-lemin kien hemm il-platoon tal-Camp Commandant u tad-D Company kompost minn xi 20 suldat; jidher li dawn kienu inghataw xi ftit training dwar l-Internal Security. Diversi suldati minn dan il-platoon spjegaw li

kellhom bosta sessjonijiet ta' IS training u dan kien jinkludi ezercizzi gewwa Selmun; hadd minnhom ma allega li qatt ma kien libes ir-riot gear.

Dwar din in-naha huwa tassew sinifikativ kif is-suldati kollha tal-Camp Commandant, qisu b'certa kburija, stqarrew li waqt l-operazzjoni ma kellhomx problemi fil-kontroll tat-TCNs u kif kollha obdewhom u nizlu ma' l-art bla inkwiet. Hadd minnhom ma semma' li l-immigrati attakkawhom. Il-Bord ta hafna importanza lix-xhieda ta' suldat mal-lemin li wara li spjega kif kien qabad lil wiehed minnhom u dan ittiehed bil-kwiet lejn it-trucks, mexa ftit lejn il-lasta fin-nofs, kwazi ghal kurzita` biex jara li kollox spicca b'wicc il-gid, izda nhasad meta ra li kien hemm xi TCNs ma' l-art u kien hemm min kellu d-demm ma' wiccu. Dan juri kif ghalkemm kien hemm muviment fil-konfront tat-TCNs tal-lemin dan gie kontrollat tajjeb u ma gara xejn allarmanti, mentri fin-nofs u max-xellug gara dak li gara; wara, is-sitwazzjoni kkomplikat ruhha u anki tal-lemin dahlu lejn in-nofs.

Suldat li kien mar-right flank stqarr: "*Niftakar li meta dahlu fuqhom qamet gegwigija shiha. It-TCNs bdew jigru 'l hawn u 'l hinn u xi uhud minnhom resqu lejn fejn konna ahna. F'dan il-hin jiena qbadt wiehed minnhom u bdejt inzommu izda f'daqqa wahda qlajt daqqa fuq idejja il-leminija u hsibtni li ksirtha; lanqas biss stajt inzomm il-lembuba f'idejja u kelli nitlaqha. F'dan il-mument it-TCN li kelli f'idejja harab jigri u jien ippruvajt immur nigri warajh; hu beza' u nxtehet ma' l-art u jiena, b'idejja mwegga kif kienet zammejtu ma' l-art. Ma kellniex manetti u gew xi suldati li kellhom u rabtuh. Sa kemm immanettjawh huwa pprova johodli t-tarka minn idejja tant li tliftha u nstabet aktar tard min xi suldati*". Mistoqsi dwar kif intlaqat, huwa stqarr li: "*setghet kienet daqqa ta' lembuba u setghet kienet daqqa ta' sieq*".

Il-Maggur Ruggier kien fic-centru bejn iz-zewg platoons tas-C Company u huwa xehed kif ftit wara li sar is-snatching, sema' hsejjes fuq ix-xellug qisu tfiegh ta' gebel jahbat mat-tarki, u l-attenzjoni tieghu daret lejn dik in-naha. Hemm seta' jara li s-suldati ma kienux ghadhom in line mat-trucks imma kienu gegwigija shiha flimkien mat-TCNs. Huwa hekk spjega is-sitwazzjoni, "*meta jiena, kif gja ghidt, harist lejn ix-xellug ftit wara li smajt dawk il-hsejjes mat-tarek, jiena stajt nara li ma kienx hemm distinzjoni bejn fejn kienu t-TCNs u fejn kienu s-suldati. Kienu qeghdin go xulxin. … Jiena nghid li f' dak il-hin, jew ftit wara, jien dhalt f' din il-gegwigija ta' suldati u TCNs fuq ix-xellug u bdejt nghid lis-suldati li kull ma kellhom jaghmlu kien li*

*jitfghu ma' l-art lil dawk li ma kienux qed jaghmlu rezistenza u li dawk li kienu gew feruti jigu kkurati.*" Il-Bord fehem li dan wera kif Ruggier inkwieta b'dak li kien qed jara u sahansitra telaq lin-nies tieghu u mar fin-nofs ta' din il-gegwigija biex jipprova jgib ftit ordni; huwa stqarr ukoll li seta' jara xi NCO jigbed fizikament minn daharhom lil xi suldati biex jipprova jerga' jdahhalhom lura fil-linja. Dan l-istess NCO xehed hekk: "*Nispjega illi ghalkemm ordnajtilhom biex jersqu lura, is-suldati tieghi baqghu vicini tat-TCNs tant li jiena kont kostrett nimbutahom u nigbidhom lura. … Jiena irnexxieli nohrog dawk l-4 jew 5 suldati li kienu dahlu fuq it-TCNs, billi nigbidhom lura. Ma neskludix li t-TCNs innifishom resqu lejn ix-xellug. Nispjega li biex ressaqt lis-suldati tieghi kellu nuza hafna forza maghhom.*"

Ir-ritratti u filmati juru lis-suldati tat-Third Regiment jigru wara t-TCNs u bid-daqqiet tal-lembubi jimbuttawhom lejn in-naha l-ohra. Wara certu hin jidher li anki tac-C Company dahlu fuqhom. Il-Bord staqsa lill-ufficjali li kienu inkarigati miz-zewg platoons tac-C, dwar is-snatch teams: "*jien niftakar li kelli tlett snatch teams pero' mhux it-tlieta hadmu. Is-snatch teams hadmu u gew lura. Ma niftakarx jekk tajtx ordni li johrog team wiehed jew johorgu tlieta*". L-istess ufficjal spjega li: "*hekk kif l-isnatch teams dahlu fuqhom it-TCNs li qabel kienu bilqeghda qamu bilwieqfa u bdew jirrushjaw fuq is-suldati li kienu qeghdin fuqhom. Irnexxhielhom jifirduna u ghalhekk ahna ma bqajniex stakkament shih izda spiccajna little pockets of arrest teams*".

Mill-kliem ta' l-istess xhieda jidher li din l-operazzjoni ma tantx kellha success u nghatat l-ordni biex is-suldati jergghu jiffurmaw, u din il-manuvra tidher fil-filmati. Kompla jixhed li: "*ahna fil-fatt ersaqna lura, ma niftakarx kemm ezatt, pero` in-nies regghu ffurmaw; bdejt nircievi diversi ordnijiet, nghidilhom hekk, jew rikjesti, ghal min kellu bzonn xi nies, min ghax riedu joqghod ghassa ma xi hadd, min ghax ried jiehu lil xi hadd band'ohra, min ghax kellu bzonn stretcher u jiena bdejt insegwi dawn l-ordnijiet*". Intwerew diversi ritratti dwar il-hin vicin ghal meta sar l-ewwel snatching; ghal Bord dawn kienu jindikaw li ghalkemm inghatat ordni wahda biex johorgu ghas-snatching, l-istess ufficjal qabel li kien jidher li dak il-platoon tac-C Company li kien man-naha tal-lemin ma harigx mill-ewwel imma biss wara li kien hareg dak tax-xellug; huwa l-anqas seta' jispjega kif hareg snatch

team wiehed meta kien hemm tnejn jew tlieta. Meta ntwera r-ritratti u l-filmat huwa qal li din kienet "*haga li ma nistax nifhimha*".

Ghalkemm mir-ritratti u filmati jista' jidher li din l-operazzjoni inizjali ma kellhiex is-success kollu mixtieq, irrizulta li tac-C kienu kaxkru 'l hemm xi tnejn mill-organizzaturi qabel regghu ffurmaw. Irrizulta wkoll li dawn is-suldati qaghdu attenti fl-uzu tal-lembubi u probabilment sa dak il-hin ma kien wegga' hadd. Ir-rezistenza fizika li ghamlu t-TCNs tan-nofs biex ma jhallux lis-suldati jaqbdu lil dawk immarkati, kienet tassew impressjonanti u zgur li fixklet bil kbir lis-suldati fl-operat taghhom. Ir-ritratti juru li wara dan l-isnatching inizjali anki t-TCNs, ghalkemm qamu bilwieqfa kienu ghadhom ixejru idejhom u jaghjtu u kwazi ferhanin li ma kienux ingibdu kollha dawk li kienu mmarkati mill-isnatch teams.

Is-sitwazzjoni pero` fin-nofs dehret pjuttost taht kontroll u fil-fehma tal-Bord kieku c-C Company thallew jkomplu bl-isnatching exercise ma kien jinqala xejn kbir; pero` s-sitwazzjoni ggravat f'daqqa minhabba l-agir tas-suldati li kienu max-xellug; dawn ma kienux fehmu s-support role taghhom ghall-azzjoni li kienet bdiet tittiehed mic-C Company. Kif intqal huma donnhom hasbu li l-ordni "forward" li nghatat lill-isnatch teams kienet inghatat lilhom ukoll, u ghalhekk huma mill-ewwel resqu wkoll ghal fuq l-immigrati li il-bicca l-kbira taghhom kienu ghadhom bilqeghda. "*L-ewwel ordni li inghatat kienet 'forward'. Din l-ordni giet minn naha tan-nofs. Ghandi nghid li ahna konna qeghdin nahdmu taht command wiehed illi kien Ruggier u allura meta qal forward ahna kollha kemm ahna mxejna forward.*"Hekk xehed wiehed mis-suldati tat-Third Regiment.

Il-konfront ikkomplika ruhu meta l-immigrati li kienu fin-nofs (u li jidhru li kienu ferm aktar aggressivi mill-bqija) dahlu bil-giri fuq is-suldati u bdew jippruvaw jghaddu minn bejn il-linja tas-suldati; kif intqal uhud minnhom irnexxhielhom jghaddu propju min-nofs ta' bejn iz-zewg platoons tac-C Company, "*Niftakar illi, minn nofs fejn kien miftuh kif gja ghidt, hargu tliet TCNs*", ohrajn grew ghall-ispazju li kien hemm bejn it-tarf tac-C Company u t-tarf tal-platoon tat-Third Regiment. Ohrajn grew lejn it-tarf tax-xellug minn fejn qamu wkoll xi ftit minn dawk li kienu bilqeghda. Minn din in-naha harbu diversi u anki l-istess immigrati fix-xhieda taghhom spjegaw b'mod car kif meta qabzu il-linja ta' suldati, sabu t-trucks u biex jevitaw li jinqabdu, tremblu u ghaddew minn tahthom u spiccaw jigru lejn in-naha tar-rugby pitch. Wiehed mill-immigrati spjega li: "*In running away I threw myself under a truck and passed to the other side.*" Dan hu konfermat minn

suldat li qal: "*Hin minnhom dahlu fuqhom u rajt geggwigija shiha, u bosta mit-TCNs, bdew johorgu mill-formation anki minn taht it-trukkijiet.*"

Meta raw li kienu ghaddewlhom, is-suldati tat-Third Regiment min telaq jigri warajhom u min mar bl-entuzjazmu kollu jaqbad lit-TCNs li bosta minnhom kienu ghadhom bilqeghda. Bil-lembuba f'id u t-tarka fl-ohra dawn ma tantx setghu jaqbduhom meta anqas kellhom manetti biex jorbtuhom; irrizulta li wiehed mis-suldati tfixkel u waqa' wiccu ma' l-art. Bit-tarka, ma setax jerga' jqum u kellu jigi mtella minn dahru minn shabu. Il-Bord jifhem li dan is-suldat kien ihossu umiljat ghal dik is-sitwazzjoni l-aktar quddiem bosta suldati shabu li kienu jsegwu l-azzjoni minn wara l-fence. Hekk kif irnexxielu jerga' jigi fuq saqajh qabad ixejjer il-lembuba x'aktarx kontra dak li kien waqqghu fl-art. "*Inqala' gwaj, giet hafna folla, u ma niftakarx x' gara. Ipprovajt nahtaf wiehed minnhom pero` waqajt. Ma nafx waqajtx fil-ground ezatt jew inkella fil-parti tal-haxix, pero` niftakar li x' hin waqajt gabruni shabi minn dahri stess u dak il-hin giet gebla hdejn rasi. Niftakar li din il-gebla xi hadd minn shabi laqaghha u allura nizlet fl-art hdejja fejn kont jien. Jiena waqajt jew fir-rassa jew tfixkilt, imma hu zgur li spiccajt ma' l-art. Kif qomt rajt wiehed minnhom li kellu bicca injama bil-ponta f' idejh; zokk. Il-Bord qed jistaqsini kemm kien kbir iz-zokk u nghid ma niftakarx. Malli qomt irtirajna lura u daqshekk.*

Hawn irid jigi rilevat li kif inghad, mal-fence minn barra kien hemm numru ta' suldati ghassa; dawn hasbu li kienu f'xi loghba football u bdew jincitaw lit-team taghhom u jinsolentaw lin-naha l-ohra. "*Is-suldati ta' wara l-fence, fuq barra, 'were egging them on' lis-suldati li kienu fuq gewwa, u kien hemm kummenti bhal 'ifqalu wiccu dak l-iswed', dan ifisser li kienu qed jindikaw TCN partikolari.* Fil-fehma tal-Bord dan l-atteggiament kompla heggeg lis-suldati tat-Third Regiment li fil-bidu tal-konfront, ma kienx irnexxilhom izommu lit-TCNs milli jghaddu minn bejniethom.

Xi gurnalisti xehdu li raw xi whud minn dawn is-suldati fuq barra, jimbuttaw lit-TCNs meta dawn kienu intefghu lura mal-fence; raw suldat anki jaghti daqqa ta' sieq lil wiehed minnhom; "*Niftakar ukoll illi ghalkemm kien hemm il-fence bejniethom xi suldati, li kif gja ghidt, kienu jinsabu fuq barra bhalna, bdew jaghtu bis-sieq lil dawk l-immigrati illi meta resqu mal-fence gew proprju b' daharhom ma' l-istess fence.*" Il-Bord staqsa bosta dwar din l-allegazzjoni u rrizulta li wiehed min dawk li ddahhlu l-isptar xehed li qala' daqqa ta' sieq fuq wiccu minghand suldat li kien fuq barra u spicca bi dbengila li, anki kif konfermat mill-files ta' l-Isptar u mit-tobba din giet

ikkurata. "*When they started attacking us they took away some of us and the others tried to get together to avoid from being hit. I moved back towards the fence and when I was next to the fence, a soldier from the outside of the fence hit me on my left eye brow.*"

Hawn kien il-mument li, fil-fehma tal-Bord, ipprecipita kollox minhabba dan l-agir tas-suldati tal-platoon tax-xellug; l-inkwiet u r-reazzjoni f'dan il-mument gia` ssemmew; is-suldati ma kienux fehmu l-pjan u anqas apprezzaw il-manuvra ta' l-isnatching, u meta raw lil tac-C Company jidhlu fuq it-TCNs (forsi biex jgahtu daqqa ta' id lill-isnatch teams li kienu f'diffikulta`) huma fehmu li anki huma kellhom jidhlu fuq it-TCNs. Anki wara li intwerew il-filmat, hadd minnhom ma xehed li induna li wara l-ewwel avvanz ghall-htif, is-suldati tac-C Company kienu rtiraw u regghu ffurmaw ruhhom; ghalhekk is-suldati tat-Third Regiment baqghu ghaddejjin bid-dahla taghhom fuq l-immigrati; fil-filmat u fir-ritratti jidhru jidhlu b'aggressivita` fuq it-TCNs li anki sa dan il-hin, bosta minnhom kienu ghadhom bil-qeghda. Meta dawn ma riedux iqumu, minflok zammewhom mill-ahjar li setghu, bdew ituhom bil-lembubi u baqghu dehlin ixejrulhom u jigru warajhom b'mod li dawn ma kellhomx alternativa hlief li jippruvaw jersqu ghan-nofs lejn il-lemin. Jidher li anqas kieku riedu, b'idejhom okkupati bit-tarka u bil-lembuba, dawn is-suldati ma setghu jzommu lil hadd – anqas kien hemm xi suldati ohra hdejhom li setghu jaghmlu dan. Il-platoon tax-xellug, mhux talli ma baqax jghasses li ma jahrab hadd, (kif suppost kien ir-rwol taghhom skond il-pjan ta' Ruggier) izda dahal fuqhom bi vjolenza u mbutthom ghal aktar minn ghoxrin metru, ixejjru il-lembubi u jressquhom sa oltre il-lasta tal-football.

Id-dokumenti quddiem il-Bord juru tliet TCNs irrabjati imma bilqeghda fuq il-kurduna bis-suldati jaghfsu fuqhom; mumenti wara l-istess TCNs jidhru mixhutin fl-art u ftit wara jippruvaw jigru lejn il-lemin bis-suldati jigru warajhom u jaghtu bosta daqqiet vertikali bil-lembuba li fortunatament ma jidhirx li laqtuhom sew, ghalkemm wiehed minn dawn it-tlieta spicca jaqa' fost bosta TCNs ohra.

Huwa sinjifikattiv kif il-Maggur Ruggier, li kif inghad resaq lejn ix-xellug biex igib ftit ta' l-ordni, stqarr li fuq il-lemin ma kien inqala' xejn sa dak il-hin. Irrizulta wkoll li t-TCNs ippruvaw jiskappaw lejn il-lemin u aktarx bhala reazzjoni l-platoon tal-Camp Commandant beda wkoll jghafas fuqhom minn dik in-naha u allura kollox spicca verament kif spjega wiehed mill-ufficjali "*free for all*". Is-suldati attakkawhom mit-tliet nahat u ma hemmx

dubbju li kienu bosta s-suldati li wzaw il-lembuba bi ksur ta' regolamenti relattivi u b'hekk ikkagunaw il-bicca l-kbira tal-korrimenti. L-identifikazzjoni tas-suldati involuti ma kienitx possibbli ghaliex, kif intqal ma' wicchom kellhom il-visors. Din il-glieda kollha spiccat fi ftit minuti fl-istess hin li hafna suldati kienu qed jigru ma' kullimkien jahtfu lit-TCNs li kien irnexxhielhom jaharbu. Bosta mit-TCNs li ma kienux interessati fil-glied telqu jigru lura lejn il-compound taghhom u is-suldat li dak il-hin kien ghassa mal-gate, xehed li beda jdahhalhom gewwa wiehed wiehed malli jaslu wahedhom.

Irrizulta wkoll li ghalkemm il-bicca l-kbira tat-TCNs pratikament ma offrew ebda rezistenza, kien hemm ftit minnhom li kienu vjolenti. Barra mill-insulti u sfidi verbali lejn is-suldati ma hemm ebda dubbju li dawn fil-bidu tat-taqtiha, waddbu kwantita' ta' gebel li gabru mill-art – uhud minn dawn kienu ta' certu daqs u fil-fatt wahda minnhom laqtet lill-suldat fuq il-visor b'tant qawwa li ccaqlaqlu anki l-helmet. "*Hekk kif qamet din id-diffikulta u bdew iwaddbu l-gebel, jiena qlajt daqqa ta' gebla u bid-daqqa inqalali l-helmet u nghid li mn'Alla kien il-visor illi salvali wicci ghax kieku kien jiftahli wicci. Il-gebla kienet kbira izda nghid li kienet ftit izghar mill-helmet.*"

Il-Bord ha x-xhieda dwar il-kaz ta' wiehed immigrat li meta xehed semma li kellu zokk f'idejh; huwa xehed li dan iz-zokk uzah biss biex jipprotegi lil xi TCNs ta' eta zghira milli jaqilghu xi daqqa; "*We have put in one banner a stick and when the soldiers attacked us I took this stick in my hands horizontally in order to save the two "bambinos" from being hit and they ran off*"; numru kbir ta' suldati pero' xehdu li raw lil xi zewg TCNs, anki qabel il-glieda, ixejru zkuk b'mossi ta' theddida. Il-Bord ma kienx wisq konvint; fl-ezami pacenzjuz u dettaljat tal-filmati, l-istess immigrat, f'xena meta huwa kien gia' telaq iz-zokk minn idu, intlemah iwaddab xi haga b'qawwa tassew kbira fid-direzzjoni tas-suldati. Hdejh ukoll kien hemm TCN iehor li jidher li jipprova jzommu b'idejh u jghidlu biex ma jghamilx hekk; anki dan it-tieni immigrat gie identifikat u intervistat; "*The Board is asking me whether I saw anyone of my friends throwing something and I say I heard a big bump and surely it must have been a stone but I couldn't verify what actually happened. I say I remember seeing his hand being lifted and moving forward. The person whom I saw throwing something as I have said was from (an eastern country). I am being shown a part of the Net TV video*

*and I can see the man from (an estern country) throwing something and this was the time I heard a stone hitting something; immediately after I see myself looking at him and gesticulating and making him stop from what he was doing. At that moment I had already been hit on my head. I told the (man from an estern country) that he should stop but I continued to move away towards the left.*"

Il-Bord ma jistax ma jikkummentax fuq ir-reazzjoni ta' dan id-detenut min Pajjiz tal-Lvant. Fl-ewwel xhieda tieghu fil-bidu li kienet twila u dettaljata, dejjem kien stqarr kemm kien kwiet u kif qala' biss u ipprova isalva liz-zaghar milli jigu milquta mill-lembubi; meta rega' ssejjah mill-Board u dan l-istess TCN gie muri il-video clip imdawra stampa stampa, u l-Bord wrieh id twadab xi haga titfacca minn naha t'isfel tal-iscreen, u ftit ftit tfacca wkoll wiccu tassew car huwa tilef il-kelma u tassew thawwad: "*The Board is showing me later on the film in which I appear to be throwing something next to the fence and is asking me what I was throwing. The Board is showing me very clearly myself throwing something and is asking me what am I throwing, and I say I did not throw anything. The Board is asking me, at that moment which I have just seen on the video, where was the stick which I mentioned before; I say that the stick was in the banner. The Board is telling me that the whole movement in which I am being shown moving from one side to another always bent slightly down with my hands on my head and is asking me, how is it that I had a stick in my hand with which I defended myself from the blows, I say I don't know Sir.*" Spicca biex qal li ma kienx qed jifhem bl-ingliz u dan mentri li ix-xhieda tieghu sa dak il-hin kienet damet sieghat shah u dejjem tkellem ingliz tajjeb u bla tlaqliq. "*I am being asked whether I can say anything about what I have seen, I say I do not know, I cannot speak English. I say that I forgot everything and I do not want to talk on this issue.*"

Is-sieghat li l-Bord u l-istaff tieghu ghaddew jiflu l-imsemmija dokumenti wasslu wkoll biex jilmhu immigrat iehor f'zewg ritratti, waqt it-taqtiha b'idejh imghollija u jidher ixejjirha waqt li qed izomm fiha xi haga wiesgha pulzier u tul ta' madwar ghaxar pulzieri li kienet qisha sikkina; f'ritratt iehor hafna wara dak il-hin, dan l-istess TCN jidher fl-art mghasses minn suldat li qed jigbor minn hdejh xi haga li tassew tixbah lil dak l-oggett li qabel kien

f'idejh. Anki dan l-immigrat gie imsejjah biex jixhed u thawwad ghal kollox meta ntwera dawn ir-ritratti u spicca biex xehed hekk "*I am being shown photo RB 107 which as the Board is telling me, shows my right arm lifted and I am holding something in my hand, I say that this is not my hand because my hand was not raised. I had nothing in my hand but later on I say I had my cap in my hand. Now I am being shown photo RB 108 where the Board is telling me that my actions are much clearer, and I say that I was just pushing my way and not trying to hit anyone, I say that I had nothing in my hands with which I could hit the military with.*"

Ir-ritratti ta' dan id-detenut jigbdu l-attenzjoni fuq il-mod negattiv kif il-bicca l-kbira tas-suldati resqu ghax-xhieda taghhom u kif fil-fatt naqsu milli jghidu dak li kienu raw. Dwar l-imsemmi ritratt tas-suldat jigbor dan l-oggett mill-art, il-Bord talab lill-Brigadier jurih lis-suldati kkoncernati kollha (mill-uniformi u il-kit li kellu seta' jigi identifikat ir-regiment tieghu) halli jidentifika ruhu u jispjega x'kien qed jigbor mill-art. Saru diversi tentattivi pero' dan is-suldat baqa' ma tfaccax. Kienet cara l-importanza ta' din l-informazzjoni imma hadd ma tkellem. Ma hemmx dubbju li s-suldat in kwistjoni gharaf lilu nnifsu fir-ritratt ghalkemm wiccu ma jidhirx.

## 9. L-AGIR TAZ-ZEWG NAHAT

Il-konflitt spicca fi "*free for all"*, pero' waqt li t-TCNs ma kienux armati u setghu biss iwaddbu xi gebla u jaghtu xi daqqa ta' siq, is-suldati kellhom il-lembuba u b'hekk kien hemm ir-rizultat li bosta mill-immigrati sfaw korruti.

B'dan kollu dan ma jaghtix stampa vera ta' dak li gara peress illi waqt li huwa veru li s-suldati kellhom il-lembubi, dan ma jfissirx li t-TCNs baqghu biss jissubixxu l-attakk.

Kien hemm anki xi gurnalisti li xehdu li hekk kif beda l-glied huma raw gebel jinxtehet lejn is-suldati; "*Nista' nikkonferma b' certezza li mument minnhom rajt gebla mdaqqsa ta' madwar 6 pulzieri jew ftit izjed mitfugha min-naha tat-TCNs ghal fuq is-suldati*", u kienu bosta s-suldati li xehdu li raw it-TCNs iwaddbulhom il-gebel – wiehed minnhom, kif intqal, xehed li ntlaqat b'gebla kbira fil-genb ta' rasu u ghalkemm ma gralu xejn id-daqqa kienet tant kbira li ccaqlaqlu l-visor bil-helmet b'kollox. Ufficcjal xehed li:

“*Hekk kif qomt minn kokka, dahlu s-suldati. Wara, f’ hin minnhom xi hadd mit-TCNs waddab gebla u laqatni bi zbrixx f’ mohhi. Kelli biss barxa u tbengila ghax jien caqlaqt rasi biex nevitaha. Dak il-hin bdew iwaddbu diversi oggetti lejn is-suldati.*”

Jekk wiehed jara r-rezistenza qawwija li ghamlu t-TCNs biex ma jhallux lill-isnatch group jahtfu lill-mexxejja maghzulin, din turi l-aggressivita` u s-sahha fisika taghhom, anki jekk forsi ma taghmilx certifikat tant sabih lill-kapacita` ta’ l-isnatch groups. . Hekk xehed wiehed mis-suldati: “*Jiena jidhirli illi waqt illi kien qed isir l-isnatching operation, f’ dak il-hin in-naha taghna ahna rajna lit-TCNs jibdew jikkonfrontawna, dahlu fuqna u bdew jaghtu bis-sieq u jippruvaw inehhulna t-tarki minn quddiemna u jippruvaw jahtfu l-equipment.*”

Issir hawn referenza ghal dak it-TCN li aggredixxa lill-Brigadier; ufficjal xehed hekk dwar dan l-incident: “*Niftakar illi wiehed minnhom ghadda jigri u rajtu sejjer fid-direzzjoni fejn kien hemm il-Brigadier u dana rajtu li dan kien qed jaghti b’ idejh fid-direzzjoni ta’ l-istess Brigadier pero` ma jidhirx li laqtu ghaliex l-Brigadier jidhirli li tbaxxa u naf li ftit wara waqaf u spicca ma’ l-art*”; issir ukoll referenza ghal dak li deher ixejjer xi oggett mhux identifikat b’idejh mghollija, kif imsemmi aktar ‘il fuq.

Fix-xhieda ta’ bosta suldati huma qalu li t-TCNs dahlu fuqhom bis-sahha u bdew jaghtu bis-siq, iwaddbu l-gebel u whud kellhom bicciet ta’ injam f’idejhom li bdew ixejru b’mod aggressiv. Dan gie michud mit-TCNs kollha, pero` kif gja inghad aktar ‘il fuq, waqt ix-xhieda ta’ wiehed minnhom huwa ammetta li kellu zokk f’idejh, ghalkemm ipprova jispjega li kien qed jiddefendi xi TCNs taht l-eta` milli jintlaqtu mid-daqqiet tal-lembubi – il-Bord, kif intqal, ma kienx konvint mill-altruwizmu tieghu u ghalhekk ezamina id-dokumenti u kif gia intqal irrizulta li hu kien wiehed mill-aggressivi.

Ghalkemm il-glied ewlieni kien koncentrat madwar il-lasta fejn kienu t-TCNs, kien hemm ukoll atti ta’ vjolenza anki ghac-centru tal-ground u dan wara li kif intqal bosta TCNs kienu harbu jigru minn bejn ir-ranks tas-suldati; kien hemm minn dawn li kull ma riedu kien li jaharbu mill-aggressjoni tas-suldati u xtaqu jidhlu lura f’posthom, waqt li ohrajn kienu lesti ghall-konfront; ghalkemm mehud minn certa distanza, il-Bord sab ritratt li juri wiehed TCN li minflok ha d-direzzjoni minn fejn seta’ jiskappa,

gera dritt ghal fuq  l-istess Brigadier u jidher car li qed jipprova jaggredih. Ghakemm il-Bord ma ghandux il-kejl ta' dawn iz-zewg persuni, jidher li t-TCN huwa tassew persuna ta' statura kbira u anki fit-tul dejjem ghandu xi sitt pulzieri itwal mill-ufficjal imsemmi. Il-Brigadier jixhed hekk fuq dan l-episodju: "*Qed nigi muri ritratt A 65 top right u nidentifika lili nikkumbatti ma' TCN li kien fi statura ikbar minni. Dan kien wiehed li hareg minn bejn ir-ranks tas-suldati u baqa' gej dritt ghal fuqi b' mod aggressiv. Meta rajtu gej ghal fuqi bdejt nghidlu biex jieqaf imma baqa' gej ghal fuqi, u xejjer idejh pero` jien irnexxieli nevita d-daqqa u tajtu gambetta u waqa' ma' l-art u wara zammewh zewg suldati. Dan ma kienx l-uniku attakk li sar fuqi u niftakar li f' xi hin wara gie iehor li ma kienx ta' statura kbira daqs dan. Dan ukoll baqa' diehel bil-girja fuqi imma stajt naqbdu minn sidru u nizziltu ma' l-art. Huwa ma offriex aktar rezistenza. F' dawn il-hinijiet jiena kont diversi metri lura mill-azzjoni u ma genbi kien hemm hafna spazju miftuh.*"

Il-konfront dam biss ftit minuti u l-heffa li biha nbeda u spicca tista' tispjega kif bosta xhieda kienu tant vagi jekk mhux evazivi. Kif ghaddew dawn il-ftit minuti kulhadd deher skantat b'dak li gara izda l-istaff mediku malajr beda jati l-ghajnuna.  Is-suldati bdew itellghu lit-TCNs gewwa trukkijiet biex jittiehdu lura fil-B Block; hafna minnhom kienu feruti imma kienu hafna izjed dawk li bdew jghidu li kienu feruti.  Dawk li kellhom id-demm malajr kienu maghzula u ittiehdu f'zona mal-gemb tal-B Block fuq il-haxix u tpoggew ma' l-art; it-tobba u n-nurses marru jezaminawhom u tawhom l-ewwel ghajnuna; waqt li min kellu xi gerha zghira gie mdewwi u mibghut lura fil-B Block, dawk li kellhom xi dmija jew kienu jidhru b'xi ksur, wara l-ewwel ghajnuna, intbaghtu l-isptar, min bl-ambulanzi u min b'trasport iehor ta' l-Armata. Dak li sar gewwa l-Isptar jidher f'parti ohra.

Ftit wara li spiccat din il-parti ta' l-operazzjoni, u wara li l-awtoritajiet kienu baghtu stakkament biex jikkontrollaw l-inkwiet li kien inqala' fl-MT Compound, sar search tal-B Block.  Dan inzamm mill-istess suldati tac-C Company u biha gew avzati d-detenuti; f'kull kamra li dahlu zammew wiehed mit-TCNs prezenti bhala xhud ta' dak li kien qed isir. Wiehed mill-imigrati qal li: "*While the search was being carried out, the soldiers asked us to leave one of us in the room.  When I asked this person about the knitting needle which I had, he told me that the soldiers had taken it away. There were three soldiers searching the room.*" Gew elevati diversi labar ta' l-insig li s-suldati dejjem isemmu bhala oggett li jidher innokwu imma li

waqt glieda jista' jkun tassew perikoluz; dwar is-search ufficjal xehed illi: "*meta ghamilna search fil-B Block u nghid li l-aktar li gbarna kienu needles illi huma jghidu li juzaw biex jinnitjaw, nispjega li dawn huma bicca mill-wire fence u jillimaw naha minnhom waqt illi fit-tarf l-iehor jorbtu s-suf li jkunu qed jinnitjaw bih.*" Min-naha taghhom id-detenuti fix-xhieda taghhom haduha bi kbira li dawn ittiehdu ghaliex hafna minnhom biex jghaddu z-zmien, kienu jahdmu bosta oggetti ta' knitting. Ittiehdet ukoll fridge li skond is-suldati seta' jigi zarmat. Gew ukoll esebiti ritratti ta' oggetti elevati u fosthom kien hemm pipe tal-hadid qadim li fit-tarf tieghu ghandu speci ta' socket kbir; is-suldati qalu li dan seta' jintuza qisu martell u kien fost l-oggetti li sabu fis-sodod taht l-imtierah. L-istess ufficjal ikkonferma: "*Sibna wkoll zewg pipijiet tal-pulzier u nofs illi fit-tarf taghhom hemm "T" fitting b' mod li jiena nifhem li din tista' tintuza bhala mazza.*" Ma irrizultax li kien hemm xi konsegwenzi ghal dan is-search u s-sitwazzjoni fil-B Block irritornat taht kontroll; anki wara li news ta' filghaxija meta intwera dak li kien gara, ma gie rappurtat ebda inkwiet bhal dak li ssemma li sehh fl-MT Compound.

## 10. IMGIEBA TAS-SULDATI WARA L-ORDNI GHAS-SNATCHING

L-imgieba tas-suldati fil-konfronti tad-detenuti wara it-taqtiha principali giet ukoll ikkritikata bil-qawwi fix-xhieda ta' uhud mit-TCNs; anki fl-istampa gie rappurtat li xi detenuti issawtu waqt li kienu mixhutin ma' l-art.

Ghalkemm dawn it-TCNs fix-xhieda taghhom qalu li kienu gew imsawtin waqt li kienu fl-art, il-Bord ma fehemx li dana gara hlief waqt il-glieda meta huma semmew kazi fejn waqghu it-tnejn fl-art u baqghu jissieltu. Din setghet kienet impressjoni li ttiehdet mir-ritratti li juru li kien hemm bosta suldati li kienu qed irazznu lit-TCNs fl-art billi jzommu saqajhom fuqhom; dan ma jidhirx li kien xi agir irregolari anki peress li irrizulta li hafna mis-suldati ma kellhomx il-manetti mehtiega – allura sa kemm wiehed jghajjat lil xi iehor biex jigi jimmanettja lil-immigrat fl-art izomm siequ fuqu bhala kontroll; intwerew bosta suldati izommu detenuti that saqajhom pero' kollha jidhru li ma kienux qed ipoggu l-piz taghhom fuqhom.

Din l-akkuza li sawtuhom meta kienu gja fl-art hadet hafna qawwa mir-ritratt li kien jinsab ukoll fuq il-website tal-UNHCR u li gie cirkolat ma' l-istampa kollha tad-dinja u li ser jissemma aktar 'il quddiem.

Gie ukoll rappurtat il-mod bla rispett kif xi TCNs gew imtella' jew imwaddba ghal fuq it-trucks, u mill-assjem tal-provi inkluzi dawk ta' xi suldati, il-Bord jifhem li wara taqtiha li fiha diversi sfaw korruti, is-suldati messhom kellhom aktar konsiderazzjoni ghas-sitwazzjoni tad-detenuti, li wara kollox, almenu f'dak il-mument, ma setghu jkunu ta' ebda perikolu. Irrizulta li kien hemm kazi fejn TCNs gew imwaddba ghal fuq it-trucks u ssemma kaz meta xi suldati pprovaw jghalqu l-bieba ta' wara tat-truck ghalkemm kien hemm xi imigranti li kien ghadhom nofshom barra.

Irid jinghad ukoll li mill-kliem tad-detenuti jidher li huma raw id-dispjacir ta' bosta suldati ghas-sofferenzi li kellhom u bosta minnhom apprezzaw kif ikkurawhom u qatghulhom il-manetti meta bdew jilmentaw li kienu mghafusin izzejjed. "*I then asked another soldier named Bertu to take off my handcuffs because they were too tight and he did so.*"

## 11. KIF GIET ESEGWITA L-ORDNI

Illi kif intqal hawn fuq l-ordni tal-Brigadier biex tintuza l-forza halli l-protestanti jergghu jiddahhlu gewwa kieent gustifikata. Irid jigi ezaminat il-mod kif din l-ordni giet esegwita; dak li gara wara gie spjegat hawn fuq.

Ghal darba ohra l-Bord jilmenta dwar nuqqas ta' kooperazzjoni fil-gbir tax-xhieda kemm minn naha tat-TCNs kif ukoll minn naha tas-suldati – anki l-istess gurnalisti evitaw certi domandi. Id-deskrizzjoni li tidher f'dan ir-rapport dwar dak li gara giet mibnija l-aktar fuq ir-ritratti u l-filmati li gew provduti kemm mill-gurnalisti kif ukoll mill-istess membri ta' l-Armata.

Illi mill-istampa li wasal ghaliha l-Bord, jidher li l-esekuzzjoni tal-pjan ordnat ma sehhietx kif kien mahsub u kif kellha ssir u bhala konsegwenza saru bosta zbalji.

Responsabbli ghal dan in-nuqqas kienet principalment id-decizjoni li tpoggew fuq il-ground suldati li ma kienux preparati ghal xoghol bhal dak; kienu dawn is-suldati li tpoggew jghassu fil-gnub li kwazi ma fehmu xejn

dwar dak li kellha tkun il-posizzjoni taghhom fil-ground. Hafna minn dawn is-suldati ma kellhomx training adegwat anqas ghal dak mistenni mis-servizz normali ta' suldat, ahseb u ara kemm kienu ppreparati biex jilbsu r-riot gear li hafna minnhom qatt ma kienu rawh. L-ghazla ta' dawn is-suldati saret mid-diversi ufficjali responsabbli li pero` l-Bord ma setax jidentifika.

Illi anki wara li dawn is-suldati gew maghzulha u ntbaghtu hdejn l-istage jistennew l-ordnijiet, ma gewx infurmati sew dwar dak li kellhom jaghmlu; anki l-ordnijiet li nghatawlhom meta dahhlu fil-ground ma kienu mghotija jew spjegati tajjeb. L-episodju tat-tahbit bil-lembubi mat-tarki huwa kaz tipiku ta' dan in-nuqqas bhal bhal ma kienet il-konfuzjoni fl-agir tas-suldati ta' D Company. Il-Bord ha l-impressjoni li anqas l-ufficjali bejniethom ma kellhom il-koordinazzjoni mehtiega u whud minnhom dehru jigru ma kull naha qishom ma kienux certi mill-funzjoni taghhom.

Dan in-nuqqas ta' kompetenza u ta' ordnijiet cari wassal lis-suldati li suppost kellhom biss iservu ta' barriera u jevitaw li l-protestanti jaharbu mill-gnub, bdew jidhlu u jattakkaw bil-lembubi lit-TCNs, anki lil dawk li ma riedux jiccaqalqu minn bil-qeghda fosthom uhud b'idejhom marbuta ("hands across"). Il-mod kif bdew ixejru l-lembuba waqt li jsegwu lit-TCNs li kienu qed jipprovaw jevitawhom, jidher ghal kollox dilettantesk anki ghal min ma ghandu ebda taghlim fuq is-suggett. Mix-xellug il-glied inghaqad ma tan-nofs u mexa anki ghan-naha l-ohra u r-rizultanzi mir-ritratti u l-filmati juru nuqqas ta' professjonalita`.

Illi minn dan kollu il-Bord jista' jikkonkludi li ghalkemm l-ordni biex tintuza l-forza ha jiddahhlu lura kienet gustifikata fic-cirkostanzi, il-forza li fil-fatt intuzat minn diversi suldati kienet esagerata u mhux proporzjonata ghal dawk ic-cirkostanzi.

## 12. ATTENZJONI MEDIKA

Anki waqt il-glieda stess jidher li l-grupp mediku ta' l-Armata kien qed jipprova jikkalma lil xi suldati li dehru aggressivi (kif irrezulta propju fil-kaz tat-Tabib imsemmi) u malajr marru fuq dawk mill-immigrati li dehru imwegghin jew li kellhom xi dmija. It-TCNs kollha li gew intervistati qablu li dan il-grupp mediku ghamel mill-ahjar li seta' biex jiehu hsiebhom u jaghtihom il-kura possibbli. Dawk imwegghin gew imqassma b'mod li min

kellu certu gravita` intbaghat l-Isptar wara li nghata l-first aid fil-ground stess.

Illi fl-ezami tad-detenuti li iddahhlu l-Isptar il-Board ezamina in-natura tal-feriti mgarrba u kif dawn gew trattati; sema' ix-xhieda ta' ma' dwar erbghin tabib li hadu parti fil-kura tat-TCNs min meta ddahhlu l-isptar sa kemm gew released. Kellu jisma tant tobba peress li whud mill-pazjenti gew invistati u kurati minn aktar minn tabib wiehed; gew mizmuma files separati ghal kull immigrat korrut u f'dawn iddahhlu kemm id-dokumenti ta' l-Isptar kif ukoll ix-xhieda ta' kull tabib li ha parti fl-ezami jew kura ta' kull pazjent individwali.

Illi mill-immigrati midruba 26 ittiehdu l-isptar, minn dawn 14 gew mibghuta lura dakinhar stess wara li gew ezaminati u mghotija l-kura mehtiega u uhud minnhom sarulhom xi punti f'rashom, waqt li 9 nzammu l-isptar u gew mibghuta l-ghada. Kien hemm tlieta li damu izjed min gurnata.

Il-Bord indaga dwar dan il-grupp konsiderevoli ta' immigrati u staqsa kif kien hemm tant li nzammu l-Isptar ghal-lejl wiehed u ntbaghtu lura l-ghada stess. Ir-risposta inghatat minn wiehed mit-tobba u giet konfermata minn ohrajn li spjegaw kif malli jkun hemm l-icken suspett ta' head injury il-pazjent jinzamm ghal gurnata biex isirlu l-"head charting" peress li jkun hemm il-perikolu ta' concussion. L-ezami kliniku kien ukoll komplikat minhabba li it-tobba ma setghux jikkomunikaw maghhom minhabba il-lingwa u allura biex ikunu zguri, ihalluhom that osservazzjoni. Hekk xhed wiehed mit-tobba: *"the reason why the patients were admitted for overnight observation for head injury, was due to the fact that there was difficulty in communication due to the language barrier and it could not be ascertained whether any of these patients may have suffered temporary loss of conciousness or memory after the injury"*. Fortunatament wara li sar dan ic-charting lill-immigrati rikoverati, ebda wiehed ma wera xi problemi u ghalhekk intbaghtu kollha d-dar l-ghada.

Il-Bord indaga wkoll fuq t-tliet TCNs li damu l-isptar ghal aktar minn 24 siegha.

Wiehed min dawn qal lit-tobba li kien qala' daqqa ta' sieq fuq ghonqu u l-Isptar ilmenta li kellu problemi biex jiehu in-nifs. Dan kien wiehed mit-tlieta li inzammu ghal aktar min gurnata wahda; b'xorti tajba skond it-tobba irrezulta li ma kienx hemm konsegwenzi. Wiehed mit-tobba li ezaminawh

xehed: *"Patient has allegedly sustained a kick in the throat. He was complaining of difficulty in breathing and pain in anterior neck"*, u kellu *"slight swelling of the glottis/epiglottis; he was reviewed by the Consultant on call. His stay was uneventful and patient was discharged on the 18th January in stable condition and on no treatment"* . Il-Konsulent li segwih xehed: *"I confirm that although he remained in hospital for 5 days this was due to the fact we were keeping him under observation since his complaint was about airways. At no time was he in serious danger. His condition remained stable"*. Dan id-detenut hekk jispjega kif korra: *"one soldier hit me with the baton on my head and I fell down and when I was on the floor this soldier hit me with his boot on my neck*". Il-Board ipprova jidentifika lis-suldat li semma imma huwa wiegeb: *"I do not know who were the soldiers who hit me and I will not be able to recognize them if I were to see them"*. Ittiehed l-isptar min ta' l-ewwel u peress li ma fehemx l-inkwiet tat-Tobba dwar in-nifs, beda jgerger li tawh l-ossignu u hadulu l-X-Rays imma damu biex jikkurawlu id-daqqiet li kellu f'rasu! B'dana kollu huwa stqarr: *"I stayed in hospital for five days. The doctors were all the time checking me and then they released me and I came back to Safi"*. Ghalkemm mistoqsi, ma semmiex li kien hemm xi konsegwenzi.

Immigrat iehor li spicca l-Isptar u dam aktar min gurnata wahda xehed: *all I know is that they hit me on my head and they pulled me away. I was hit at the back of my head and some blood came out. They also said that my wrist was broken, in fact both my wrists were bandaged. I was also hit in my lower abdomen but I do not know how I was hit. My friends told me that I was the first to be taken away. When I was in hospital they treated my head wound; then I was taken to another place where they treated my abdomen because I was holding it with my hands and I could not walk properly. I was then put in a bed and they inserted drip in my arms. I was in hospital for four days. They also fixed an appointment to go back to hospital to be re-examined"*.

Il-Board ezamina id-dokumenti forniti mill-Isptar dwar dan il-ferut u it-tabiba li ratu hekk kif iddahhal fil-Fresh Trauma Clinic hekk xehdet: "*this patient was brought in with the first ambulance. He alleged to have been hit in the head, arms and abdomen. Critical findings on examination showed an LCW 2 to 3 centimeters over the occipital region of the head. He also had a confirmed fracture of the left ulna, lower quarter; this was established after X-rays. It was not displaced. He complained of persistent pain in lower abdomen with tenderness on examination. Suturing of the head wound was*

*required. X-rays of the skull did not show fractures. Injury of the ulna was managed with plaster slab. The abdominal pain was managed by ultra sound and surgical observation in a surgical ward by the surgeon".*

Dan il-pazjent inzamm l-Isptar ghal erbat ijiem u dan skond it-tobba peress li kien ilmenta li kellu ugiegh f'saqqu; wara li saru l-ezamijiet imsemmija: "*we prescribed a light diet since no complications had resulted".*

Barra minn dawn kien hemm pero' wiehed mill-immigrati feruti li kien qala' daqqa u sofra ksur serju f'geddumu u anki tilef xi snien bhala rizultat. Dan jidher li kien it-TCN li sofra griehi konsiderevoli; it-tabib li ezaminah malli iddahhal l-isptar xhed hekk*: "this patient on examination had a deep LCW over the lower chin; I could feel that there were loose bone fragments in the jaw and he was bleeding slightly".* Wara li ittiehdulu diversi X-Rays huwa gie riferut immedjatament lis-sezzjoni tad dentisti u il-Konsulent *"came straight to the emergency section and took over the case*". Dan l-istess tabib li ezaminah hekk kif iddahal qal ukoll: *"when I was examining patient I recall that he had explained to us how he had sustained his injury. I remember that he had told me that he was hit by a truncheon straight on his jaw".* Il-Konsulent xehed li *"the patient had to be operated upon because of the fractured mandible, but I could not operate immediately due to the serious swelling of the floor of the mouth*". Ghalhekk intuza wire ghal intermaxillary fixation u inghata antibiotici sakemm gie operat taht anestesija totali "*due to patient's anxiety*". Huwa ma baghtux lura fil-barracks biex ikun zgur li li tinghatalu il-kura kollha*: "I did not discharge the patient on the following day under normal circumstances but we decided to detain him*"; il-Board staqsa fuq is-sitwazzjoni tal-pazjent wara il-kura li saritlu l-Isptar u il-Konsulent wiegeb*: "I confirm that the jaw is fully healed though the loss of the eight teeth I have mentioned required rehabilitation. From the dental surgical point of view patient does not need any more treatment".*

Dwar dan l-ahhar pazjent xehdet ukoll rapprezentant ta' wahda mill-NGOs u spjegat kif wara li hareg mill-Isptar u gie ritornat gewwa il-barracks huwa kien ghadu fi stat hazin u kienet baqghet issegwih u tohodlu l-ikel; fuq domanda tal-Bord ikkonfermat li s-suldati kienu jipprovdulu ikel specjali ghalih peress li ma setax jiekol sew; hija qalet li il-haxix li kien qed jinghata ma kienx qed ikun mghaffeg bizzejjed u allura kienet tohodlu l-ikel kuljum; Dwar dan l-ikel xhedet: *"kellna blender fil-kamra u l-ikel li konna ingibu konna nimmaxxjawh. Il-Board qed jistaqsini jekk stajniex nimmaxxjaw ukoll*

*il-minestra li kienu jipprovdulu l-Armata, nghid li the sight if it kienet kerha"*. Hija ilmentat ukoll li l-brodu li kienu jtuh kien ikollu iz-zejt fil-wicc waqt li dak li kienu jipprovdulu l-NGOs kien ikun imsoffi ahjar. Fuq mistoqsija tal-Board hija ikkonfermat: *is-suldati kienu jikkollaboraw ma' l-ghajnuna li kont intih. Naf ukoll li anki is-suldati li kienu hbieb tieghu, rajthom jibku. Kienu diversi is-suldati li kienu jilghabu il-football maghhom stess u hu kien wiehed min dawk li jippartecipa"*. Dan id-dettal isahhah il-fehma tal-Board dwar ir-relazzjoni tajba bejn id-detenuti u is-suldati.

Wara xi zmien li kien fil-barracks hija talbet lil Ministru ta' l-Intern u wara anki lill-President tar-Repubblika biex tkun tista' tiehdu maghha fid-dar taghha; meta nghata dan il-permess haditu f'darha imma zewgha ma riedx izommu ghax beza' li ser imut tul il-lejl. Hija allura haditu ghand Miriam Consiglio, habiba taghha, li zammitu sa ftit qabel ix-xhieda li inghatat fit- 3 ta' Awissu. *"Minghand Miriam telaq issa, xi tlett gimghat ilu. Il-Board qed jistaqsini fejn mar joqghod, nghid li issa qed joqghod wahdu, qieghed jghix wahdu fi flat f'San Giljan"*. Bejniethom kienu jwassluh ghal kura li kellu bzonn u sabulu sponsor li ma riedx jaghti ismu biex ihallaslu halli jattendi ghal physiotherapy f'lukanda ewlenija ghaliex dan kien ahjar minn dak li kien qed jircievi l-Isptar.

Din ix-xhud kompliet tghid li sabulu sponsor iehor li wkoll ried jibqa' anonimu li hallaslu biex issirlu dentatura fi klinika privata u din swiet hafna flus; meta il-Bord qalilha li l-ispecjalista ta' l-isptar kien qal li setghu jaghmlulu dentatura l-isptar stess, hija wiegbet: *"fil-fatt St Lukes kienu jaghmlu dentaturi, mhux ma jaghmlux, imma ahna nafu li il-Gvern igib the cheapest material; is-snin igibuhomlom kbar u mhux naturali. Nispjega li hi demoralizzanti hafna li ta' tletin sena ikollok dentatura li ma tkunx adatta"*. Ghalkemm din ix-xhud insistiet fuq l-ispejjes konsiderevoli li thallsu min dan l-isponsor anonimu biex saritlu dentatura fi klinika privata, hija kompliet tghid li issa kienet talbet lil President tar-Republika biex il-Gvern ihallas halli isirulu implants tas-snien li tilef. Dwar dan, meta l-istess pazjent xeghed quddiem il-Board qal: "*I have written a letter to the President and I asked him to help me and I am waiting for his reply. The help I am requesting from the President is to help me do my implants because it is expensive. This is what I wrote in the letter to the President.*"
L-NGO xehdet ukoll li dan l-immigrat kien ghadu ma jitkellimx; l-ispecjalisti li ezaminawh ma setghux jifhmu ghaliex ma kienx qed jitkellem u allura kien ukoll jattendi speech therapy lessons; dan it-TCN ilmenta wkoll li kien jitlef il-bilanc u ghalhekk sarulu ezamijiet ohra l-isptar u gie invistat

minn konsulent newrologiku li pero' ma sab ebda abnormalita`. *Sarlu CT scan tar-ras u anki MRI tas- cervical spine u gie ikkonfermat li "there were no neurological abnormalities".*

L-istess NGO semmiet ukoll li kienu sabulu sponsor anonimu iehor biex ihallaslu ghall-kors halli jitghallem l-Ingliz; hija kienet twasslu bil-karozza taghha ghal dawn il-lezzjonijiet.

Irrezulta li: *"ghandu zewg hutu li qeghdin l-Italja pero' ma jafx fejn qeghdin".* Il-Board staqsiha ukoll dwar kif jiekol fil-present u hi wiegbet: *"nghid li illum jiekol imma huwa minnu hekk illi kull ma jiekol irid ikissru f'bicciet zghar. Anke il-hobz iqattaghha bicca bicca qisha ghall-ghasafar. Huwa igib ruhu tajjeb anke fuq il-mejda u jghid li kellu zijuh baruni u rabbieh hu".*

Gara ukoll li dan it-TCN baqa' jilmenta li ghandu ugiegh f'irkoptu u ddahhal l-isptar aktar minn darba ghal dan l-ilment; irrizulta mix-xhieda medika li f'dawn il-visiti qatt ma dehret xi haga anormali, izda wara vista ricenti, peress li huwa baqa' jinsisti dwar l-ugiegh f'irkoptu gie indikat li kienu ser jghamlulu intervent imsejjah *arthroscopy.*

Il-Bord ried jisma' lil dan l-immigrat u meta qalulu li ma kienx jista' jitkellem, ftiehem mieghu biex iwiegeb bil-miktub ghal diversi domandi li kienu gew preparati; huwa ngieb il-Qorti u thalla wahdu fis-sigrieta ta' l-Awla fejn seta' jwiegeb bil-miktub ghall-imsemmija domandi. Huwa kien wahdu u wiegeb b'Ingliz tassew tajjeb, u dan jista' jkun rizultat ta' l-imsemmija lezzjonijiet ta' l-Ingliz li qed jattendi bl-ghajnuna ta' sponsor iehro anonimu . Meta spicca, il-Bord qralu dak li kien kiteb u sarulu ukoll xi domandi ulterjuri.

Dwar il-grajjiet tat-13 ta' Jannar, bhal bicca l-kbira ta' l-immigrati mismugha, huwa ma spjegax tajjeb u anqas kien jaf jghid sew kif wegga', imma l-imsemmija rapprezentant tal-NGO qalet lil Bord li kienet ghamlitlu din id-domanda u wegibha li kien cert li kienet daqqa ta' lembuba. Dan kien ukoll jaqbel ma' dak li huwa stqarr mat-tobba hekk kif iddahhal l-Isptar. Il-Bord jara din l-ispjegazzjoni bhala wahda plawsibbli, anki ghaliex id-daqqa dehret indirizzata biss lejn ix-xedaq ta' isfel, b'mod li f'ta' fuq ma garrab ebda hsara, lanqas fix-xoffa ta' fuq.

Kif intqal, il-Board wara li sema' t-tobba l-ewwel darba dwar l-ilment li kien jaghmel ghall-ugiegh f'irkoptu, u wara li sema lill-istess immigrat, hass li kellu jkompli jsegwi il-qaghada medika tieghu; kif intqal kien irrezulta li ghalkemm ma kien jidher xejn anormali, peress li xorta kompla jilmenta, kienet ser issirlu *endoskopija;* il-Board xtaq li jkollu rizultat definitiv dwar dan l-allegat ugigh u ssuggerixxa li din l-operazzjoni ssir possibilment qabel ma jaghlaq din l-inkjesta. Ghalkemm jidher li hemm waiting list ghal interventi bhal dawn, fil-fatt l-operazzjoni fuq dan l-immigrat inzammet fil-5 ta' Settembru 2005 u fiha attendew kemm il-konsulent kif ukoll l-assistent tieghu li t-tnejn ikkonfermaw li ghamlu ezami separat.

Irid jigi osservat li anki fil-bidu, meta l-immigrat kien qed jilmenta b'irkobtu inzamm MRI ta' l-irkoppa in kwistjoni; dan sar minbarra numru ta' X-Rays li ittiehdu fil-bosta mawriet tieghu l-Isptar. Kienu sarulu zewg MRIs wiehed ta' rasu u iehor ta' ghonqu. Dawn kienu ordnati minn Konsulenti ohra fuq ilmenti separati li kellu il-pazjent u li mill-provi u mix-xhieda jidhru li ma taw ebda sinjal ta' anormalita` u ma kien hemm ebda konsegwenza.

Dwar l-intervent li sarlu fil- 5 ta' Settembru il-Board rega sejjah liz-zewg specjalisti involuti u dawn it-tnejn xehdu li mill-ezami endoskopiku setghu jikkonfermaw li ma hemm ebda anormalita` u ma hemm ebda spjegazzjoni li huma jistghu jaghtu ghal fatt li dan it-TCN ghadu jimxi bil-krozzi. Kemm il-Konsulent kif ukoll l-Assistant tieghu qalu li "*both of us examined him and looked through the arthroscope and we examined all compartments of the knee. Absolutely nothing abnormal was detected";* l-Assistent hekk kompla *"I see no reason for patient to use crutches and I believe that he should now start to live a normal life*", waqt li fix-xhieda tieghu il-Konsulent tenna li "*there is no objective evidence of any pathology or abnormality to his knee to explain his symptoms*".

Dan ir-rapport ittratta fit-tul il-kaz ta' dan l-immigrat; hass li kellu jaghmel hekk peress li huwa jidher li kien l-uniku wiehed li kellu konsegwenzi konsiderevoli ghal feriti li garrab, kemm minhabba il-gravita` taghhom infushom, u anki minhabba d-dewmien li kien mehtieg ghal kura.

Fid-dawl ta' dak kollu li gara l-Bord huwa tal-fehma li l-awtoritajiet ghandhom jaghmlu tajjeb biex jekk irid l-immigrat, isirulu anki implants ghas-snien in kwistjoni liema xoghol skond l-ispecjalist mediku ma jistax isir gewwa St Luke's. Meta dan ix-xoghol jitlesta il-feriti jkunu gew kompletament imfejqa ghaliex skond ma seta' jikkonstata l-istess Bord,

estetikament l-incident ma jkunx halla izjed konsegwenzi peress li fortunatament il-pazjent ma jidher li bata ebda sinjal jew sfregju visibbli.

## 13. ACCESS GHAD-DETENUTI FL-ISPTAR

Kwistjoni ohra li dwarha indaga dan il-Bord tikkoncerna n-nuqqas ta' access li kellhom l-NGOs, Avukati u gurnalisti ghall-feruti meta dawn kienu l-Isptar. Jidher li dawk it-TCNs li nzammu tpoggew kollha fl-istess ward, hlief ghal wiehed li tpogga f'ward differenti minhabba in-natura tal-feriti li kellu. Dan sar biex tigi simplifikata l-problema tas-sigurta` u ghassa. Irrizulta li ghal zmien, hadd ma thalla jidhol hdejhom u ghalhekk l-NGOs, l-avukati taghhom u l-gurnalisti ma setghux jarawhom.

Din kienet zgur il-posizzjoni fil-lejla tal-kaz. Ir-raguni moghtija mis-suldati u l-Pulizija kienet li dawn l-individwi riedu jaraw lid-detenuti biss ftit sieghat wara l-kaz u kien ghad hemm il-possibilta' li tinzamm xi inkjesta Magisterjali fejn l-immigrati setghu jigu msejha mill-Magistrat, u sa dak il-hin ma kienx ghadu gie stabilit il-grad ta' gravita' tal-griehi. Jidher ukoll li anki l-ghada din l-ordni baqghet issehh ghal xi sieghat; dan probabilment kien dovut ghal malintiz bejn l-Armata u l-Pulizija li strettament kienet il-forza responsabbli ghalihom, ghalkemm fil-bidu is-suldati damu ghal zmien twil jghassuhom wahedhom minghajr il-presenza tal-Pulizija.

Dan in-nuqqas (almenu fil-konfront tal-NGOs u l-Avukati) ikkaguna xi inkwiet u perplessita` fost dawn l-individwi, ghaliex ma kienux jafu sew x'kien gara u kellhom raguni jissuspettaw li seta' kien hemm xi feruti f'kundizzjoni gravi. Infatti kif stqarr ukoll wiehed mill-NGOs prezenti hekk kif deher kirurgu li assigurahom li ma kien hemm hadd fil-periklu, il-kwistjoni kkwitat anki jekk xorta ma thallewx jidhlu jarawhom; probabilment il-public relations fic-cirkostanzi ma kienux efficjenti pero' ghandhom jittiehdu passi biex disgwid bhal dan ma jirrepetix ruhu.

Il-Bord ihoss li ghandu jsemmi li erba' Avukati xi granet wara, pprezentaw sahansitra protest gudizzjarju l-Qorti kontra l-fatt li ma thallewx jaraw lill-klijenti taghhom. Ghandu jinghad li ma ngibux provi ta' l-inkarigu li huma kienu rcevew minghand il-feruti, u att gudizzjarju bhal dan seta' jwassal biss biex tiddghajjef ir-relazzjoni tajba li irrezulta li hemm bejn l-NGOs u l-Awtoritajiet; zgur li ma servitx ta' ebda ghajnuna ghalkemm setghet tat

ahbar allarmanti lill-gurnalisti u korpi barranin li kienu qed jghassu bir-reqqa fuq is-sitwazzjoni f'pajjizna. F'konferenza stampa li inzammet inqas min erba u ghoxrin siegha wara l-incidenti, ir-rappresentat tal-unit legali tal-UNHCR gie rappurtat li qal: *"I turned up at hospital but the guards said nobody was allowed in*", u dan wara li: *"the soldiers called their superiors"*. Il-Board ma jifhimx li ic-cirkustanzi kienu jiggustifikaw rifjut simili. Huwa tal-fehma li sa dak inhar bil-lejl l-Awtoritajiet kienu jafu sew is-sitwazzjoni u ma messhomx stennew sa wara nofs inhar biex ihallu l-accesss normali ghat- TCNs; anki jekk, kif inghad public relations ahjar setghu kienu ta' ghajnuna, nuqqas bhal dan ma ghandux jirrepeti ruhu anki ghaliex halla tomgha hazina ghal min genwinament seta' jikkalma u jkun ta' konfort ghall-vittmi feruti.

## 14. XOGHOL IS-SULDATI

Punt iehor li l-Bord jifhem li ghandu jindirizza huwa r-rwol ta' l-Armata fil-kontroll tat-TCNs u jekk kellhiex tinghata l-kompitu li zzomm barranin fil-barracks u tghasses fuqhom. Bosta suldati u anki hafna cittadini fuq il-media esprimew il-fehma li s-suldati kienu hemm biex jiddefendu lill-Pajjiz u mhux biex jitimghu u joqghodu ghassa ma' l-immigrati; dan kien xoghol tal-Korp tal-Pulizija. Il-Bord ma jaqbilx ma dan ir-ragunament. Fil-problema li ghandna quddiemna, l-Pulizija kienu fil-fatt bdew originarjament jiehdu hsieb it-TCNs kollha li jaslu Malta; meta pero' n-numru beda jikber ma kellhomx materjalment fejn izommuhom izjed u allura dahlet l-Armata. Kulhadd jifhem li din ghandha tilghab il-parti taghha f'kazi ta' emergenza – u din is-sitwazzjoni zgur zviluppat fi wahda ta' emergenza.

Sfortunatament din is-sitwazzjoni li fil-bidu hsibniha li kienet ser tkun xi haga temporanja, baqghet maghna u qed naraw kif kibret. Bhala rizultat ta' dan, l-ewwel il-Pulizija u wara anki l-Armata bdew jiggebbdu biex jipprovaw ilahhqu ma' dawn id-dmirijiet godda. Ghall-ewwel irnexxilhom jaghmlu dan b' diffikulta' kbira, izda maz-zmien beda jidher li r-rizorsi umani u l-mezzi materjali taghhom ma setghux ilahhqu; dawn l-istrettezzji gabu maghhom restrizzjonijiet kbar fuq il-mod kif is-suldati jigu assenjati u anki fuq ir-rizorsi finanzjarji li ma kienux sufficjenti biex ilahhqu kemm ma' l-ispejjez normali ta' l-Armata kif ukoll ma' l-ispejjez mehtiega biex jinzammu c-centri fdati f'idejhom.

Din is-sitwazzjoni thalliet tikber u tikkomplika izjed, x'aktarx ghax kulhadd kien qed jispera li n-numru ta' immigrati ma kienx ser jikber. Illum il-problema tidher cara f'ghajnejn kulhadd u oltre x-xoghol imsemmi fl-istores ta' hdejn l-MT, issa qed jitlesta gewwa l-istess barracks kumpless gdid iehor fil-vicinanzi li ghandu jkun ukoll mghammar bil-htigijiet kollha. Il-kwistjoni tal-finanzi u tan-nies ukoll trid tigi indirizzata ghaliex ma hemmx dubbju li dawn in-nuqqasijiet li issa ilhom jinhassu ghal snin, gia' kellhom effett negative fuq il-moral, il-kompetenza u id-dixxiplina fl-Armata.

Sitwazzjonijiet bhal dawn fejn l-Armata tissejjah biex taghti l-kontribut taghha, rajnihom jigru f'bosta pajjizi anki Ewropej. F'kull tip ta' emergenza kemm jekk din tkun ta' natura kriminali jew anki socjali, is-suldati dejjem jigu imsejha peress li l-forzi normali ta' l-ordni ma jistax ikollhom tant nies biex ilahhqu wkoll ma' emergenza – altrimenti dan kien ifisser li jkollhom hafna nies zejda meta c-cirkostanzi jkunu normali. Harsa hafifa lejn l-ahbarijiet mid-dinja kollha, anki biss fl-ahhar gimghat, turi li din hi l-prattika fil-pajjizi kollha. L-Bord ma jara xejn barra minn postu li l-Armata giet imsejha biex taghti l-kontribut taghha f'din l-emergenza.

Dwar l-emergenza li l-pajjiz ghaddej minnha minhabba l-influss ta' l-immigrati illegali, ix-xoghol involut ma jfissirx biss li is-suldati kellhom jipprovdu akkomodazzjoni, hwejjeg u ikel ghal dawn it-TCNs imma kellhom ukoll iharsu s-sigurta` u l-kontroll ta' dawn in-nies fdati f'idejhom. Kien ghalhekk dmir taghhom li joqghodu attenti li jkun hemm dixxiplina fid-detention areas; meta fit-13 ta' Jannar din id-dixxiplina giet miksura drastikament minn numru kbir ta' TCNs, kien id-dmir tas-suldati li jergghu jgibu l-ordni.

Kien hemm min qal li dan il-kontroll missu gie fdat f'idejn il-Pulizija, imma l-Bord jifhem li kien ghaqli l-pjan li tissejjah il-Pulizija biex thares it-toroq pubblici waqt li s-suldati jibqghu nkarigati mis-sigurta` gewwa l-barracks; anqas jidher li kienet tkun xi haga vantagguza kieku l-membri tal-SAG iddahhlu biex jaghtu daqqa ta' id gewwa l-barracks – kemm ghaliex il-fence ta' mat-triq li huwa debboli, kien ikun mikxuf, kif ukoll ghaliex iz-zewg forzi qatt ma operaw flimkien u allura ma kienux setghu jitpoggew taht kmand wiehed. Wara kollox irrizulta tant dannu peress li anki l-istess suldati fil-ground waqt l-operazzjoni ma mxewx ma' pjan jew ordni wahda.

## 15. IL-PROTESTA LI SARET DAK INHAR

Il-Board ser jikkonsidra in-natura tal-protesta li wasslet ghall-incidenti mistharga. Irrizulta mix-xhieda tad-detenuti li kienu ilhom jippreparaw ghaliha almenu min tlett tijiem qabel, u li nzammet laqgha ghad-detenuti kollha l-lejliet filghaxija; fuq dan il-punt ta' min josserva li meta hargu fil-ground, fost il-banners li kienu hejjew biex jintwerew lil pubbliku kien hemm gurnal lokali li kellu heading b'ittri kbar li jghid "UN says Europe needs more immigrants". Dan kien gurnal ta' xi gimghat qabel u jidher li gie preservat ghal xi demostrazzjoni bhal dik; wiehed mill-immigrati jidher jgholli u juri dan il-poster lill-gurnalisti, ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li ma jafx jaqra u li dak il-poster kien tahulu wiehed iehor u hu kien zammu fil-but. Dan id-dettal jaghti wkoll wiehed x'jifhem li kien ilhom jippreparaw biex jaghmlu protesta bhal dik quddiem il-pubbliku meta dak il-poster seta' jintwera.

Dak li ghamlu t-TCNs f'Hal Safi gie deskritt mid-detenuti u mill-istampa bhala demonstrazzjoni pacifika. Stqarrija bhal din trid tigi ezaminata f'aktar dettal peress li hija mibnija principalment fuq il-premessa li l-protestanti ma kienux armati u ma uzaw ebda forza. Il-fatti wrew li l-immigrati in kwistjoni kienu jinsabu fil-perijodu stabbilit ta' detenzjoni u li fih kienu jinzammu maghluqa f'centri apposta u ghalhekk ma kellhomx il-freedom of movement. Il-posizzjoni taghhom kienet cara u huma kienu jafuha sewwa. Dakinhar tal-protesta ddecidew li jmorru kontra r-regolamenti tac-centru u bi vjolenza (anki jekk mhux kbira) imbuttaw il-gate bis-suldat li kien bil-katnazz f'idu u harbu barra mill-konfini li kien gie ghalihom stabbilit. L-agir taghhom zgur li kien kontra ir-regolamenti u ghalhekk illegali.

Il-post fejn hargu jipprotestaw ma kienx post fejn setghu johorgu normalment kif hasbu hafna, fosthom anki gurnalisti ewlenin li irrappurtaw fuq l-incidenti. Hemm il-possibilta' li il-gurnalisti ikkonsidraw l-azzjoni tad-detenuti bhala protesta pacifika ghaliex ma kienux jafu li dawn kienu harbu mic-centru taghhom. Dan wassalhom biex ikomplu jikkonsidraw l-azzjoni tas-suldati bhala tant gravi, propju ghax hasbu li is-suldati dahlu fuqhom waqt li dawn kienu f'posthom – kwazi staqsew ghaliex is-suldati kellhom jidhlu fuqhom! Dan x'aktarx wassal ghal dak il-coverage qawwi b'hafna pagni dedikati ghall-incidenti li hafna nies ikkonsidrawh sensazzjonalizmu gurnalistiku. Kieku kienu jafu li dawk id-detenuti kienu ftit qabel sfurzaw il-gate u harbu ghal mat-triq espressament biex jiltaqghu maghhom, forsi kienu jifhmu ahjar is-sitwazzjoni u kienu jirrealizzaw li is-suldati ma setghux

ihalluhom fejn kienu. Ma tistax ittihom wisq tort meta wiehed jirrealizza li anqas biss kienu jafu il-post fejn kellha issir il-protesta – kull ma qalulhom l-individwi li infurmawhom, kien le ser tinzamm protesta pacifika gewwa Hal-Safi.

Ma hemmx dubbju li din il-protesta ma kienitx wahda spontanea jew li nzammet minhabba xi haga li grat dak il-hin jew ftit qabel; kienet wahda premeditata u organizzata bid-dettalji taghha kollha; bosta minnhom spjegaw kif saru il-preparattivi u il-laqgha tal-lejliet. Irrezulta ukoll li l-idea tal-protesta kienet tfaccat min xi granet qabel. Detenut li spicca l-Isptar u inzamm ghall-lejl xehed hekk: *"three days before the protest James came to our room and spoke to Hamed and told him that we were going to protest. Hamed told him that he had been in detention for 18 months and was about to be released and so he would not go out to protest. I was next to them. Hamed told us that we should not go out in protest because that person who came to speak to us was going to land us in trouble; we should wait unti we were released after him"*. Dan gara tlett tijiem qabel. Huwa xehed ukoll fuq il-laqgha li issejjhet il-lejliet tal-protesta: *"He told us that we should go out from the gate when the soldier opened it to take out the garbage. I told him that I was sick with rheumatism and I wanted to go to Hospital, James told me that I should go out and then the Red Cross people would take me to Hospital"*.

B'dan kollu mix-xhieda li instemghu ma irrezultax ghaliex intaghzlet dik il-gurnata partikolari biex tinzamm il-protesta.

Malli hargu mill-gate l-immigrati marru minghajr giri ghall-post li kienu ghazlu minn qabel, jigifieri fejn kienu propju mat-triq pubblika u jharsu faccata ta' djar okkupati minn mijiet ta' Maltin. Skond ma qal ir-rappresentant tal-UNHCR fil-konferenza stampa imsemmija, it- TCNs: "*hid banners inside the bins to protest against their lengthy detention";* hadd mix-xhieda mismugha ma semma dan id-dettall imma certament kienu qaluhulu xi detenuti li kienu kellmuh ftit qabel il-konferenza stampa.

Wara li hargu u wahhlu l-banners li kellhom, diversi ufficjali tal-Armata resqu fuqhom biex ikellmuhom u ippruvaw ghal zmien twil jipperswaduhom jergghu jidhlu f'posthom; fost it-TCNs kien hemm bosta li riedu jidhlu. Irrizulta b'mod car kif l-organizzaturi kienu qed izommu lill-kotra milli jirritornaw gewwa bil-kwiet, tant li bdew jimbuttaw b'certa vjolenza lil dawk li kienu qed jipprovaw iqumu bilwieqfa – l-ordni kienet li kellhom

joqghodu bil-qeghda biex ikunu taht kontroll ahjar tal-organizzaturi; wiehed minnhom deher iwerwer lil shabu billi qisu jurihom kif kienu ser jinqatlu b'machine gun. Wiehed mit-TCNs mismugha spjega dawn ix-xeni: *"I am also seeing Bienvenu gesticulating in our direction and he was insisting that even if they were going to kill us, as he was showing, we should remain where we were"*

Illi l-provi juru li ghalkemm it-TCNs ma wrew li kellhom l-ebda arma, huma nsolentaw lis-suldati bi kliemhom u wrewhom li ma kienux qed jibzghu minnhom; baqghu jaghmlu hekk anki meta il-platoons tas-C Company kienu mxew ghal fuqhom u waslu biss ftit metri l-boghod u gew imwissija ghall-ahhar darba minn DeGaetano. Ir-resistenza vjolenti qawwija ta' uhud minnhom ghas-suldati, meta l-isnatch groups dahlu fuqhom l-ewwel darba (meta ma kienet ghadha intuzat ebda lembuba) tispjega il-preparazzjoni u id-determinazzjoni ta' dawn id-detenuti.

Il-Bord ghalhekk jifhem li ghalkemm il-protestanti ma kienux armati (hlief ghal xi zkuk ta' l-injam f'idejn ftit minnhom jew minn xi arma zghira li seta' kellu xi wiehed minnhom) il-protesta certament ma kienitx wahda pacifika jew legittima. Dan qed jinghad biss biex jigi stabbilit x'tip ta' demostrazzjoni kellha quddiemha l-Armata – bl-ebda mod ma ghandu jinfluwenza l-ezami li qed isir tal-imgieba tas-suldati waqt l-azzjoni.

## 16. GHALIEX JITILQU MINN PAJJIZHOM

Dan il-Bord kellu okkazjoni jisma' fit-tul bosta mid-detenuti fil-B Block u l-konsiderazzjonijiet tieghu huma ghalhekk ibbazati l-izjed fuq dak li sema' min ghandhom u minn dak li fehem waqt li jkun tkellem maghhom anki b'mod informali meta ma tkunx qed issir traskrizzjoni.

Hlief ghal ftit li waslu l-Libja bl-ajru mill-Pakistan, kwazi kollha bdew il-vjagg taghhom lejn l-Ewropa min-Niger jew f'xi pajjiz fit-tarf tad-dezert mal-Libja. Kollha jafu li minn hemm isibu trasport regolari li jaqsam id-dezert u jwassalhom sal-fruntiera tal-Libja; jidher li dan hu servizz ta' trasport organizzat u regolari u ma jipprezenta ebda diffikulta' hlief ghal prezz li jrid jithallas. Il-vjagg ma jipprezentax perikoli u jiehu hamest ijiem; generalment isir permezz ta' truckijiet li jiehdu sa xi ghoxrin ruh; min ikollu flus bizzejjed jivvjagga b'vetturi iktar komdi. Id-drivers ghandhom hafna

esperjenza fil-garr ta' dawn l-individwi li jkunu jridu jhallu pajjizhom biex jissetiljaw l-Ewropa; huma jindikawlhom nies (jekk it-TCNs ma jkollhomx gia' kuntatti) li lesti ihaddmuhom gewwa il-Libja sakemm igemmghu l-flus mehtiega; meta jintebhu li l-immigrati jkollhom flus bizzejjed, iwassluhom mill-ewwel sa Zowara jew Zletin minn fejn hemm is-servizz ghall-Ewropa. Il-Bord sema' kif uhud minn dawk li jahdmu l-Libja jigu anki hemm sfruttati minn min ihaddimhom, kif nafu li jigri Malta.

Ghalkemm ftit mit-TCNs jallegaw li harbu minn pajjizhom minhabba xi gwerra jew dittatorjat, irrizulta li kwazi kollha telqu minn djarhom biex isibu futur ahjar u biex jinghaqdu ma' membri ohra tal-familja li gia' irnexxielhom isibu sistemazzjoni f'diversi pajjizi ta' l-Ewropa. Kienu bosta id-detenuti li stqarru li huma u il-familji taghhom kellhom xoghol tajjeb u anki kienu proprjetarji ta' ghelieq kbar u kienu jimpjegaw haddiema maghhom. Il-bicca l-kbira taghhom ikunu zaghazagh b'inizjattiva ghola min-nomal u jsiru jafu kif zaghzagh ohra bhalhom irnexxielhom jidhlu l-Ewropa, sabu xoghol u qed jghixu hajja bil-bosta ahjar minn taghhom; fil-pajjizi ta' l-origini jkun hemm ukoll hafna li jippruvaw igennuhom biex jaghmlu dan il-pass. Meta jiddeciedu biex jemigraw isibu hbieb jew familjari li jghinuhom biex jigbru l-flus mehtiega ghal din l-avventura. Hekk kif jaslu l-Ewropa u jibdew jaqilghu il-flus huma jibdew jibghatu il-flus lura; dawn iservu biex ohrajn jitilqu lejn l-Ewropa –irrezulta li dan jigri regolarment anki minn Malta.

Fix-xhieda taghhom bosta jsemmu nies li jghinuhom jorganizzaw dan il-vjagg u jindikawlhom nies fil-Libja u fl-Ewropa li jservuhom bhala appogg. Dawn l-intermedjarji iwegheduhom li jwassluhom l-Italja fejn imbaghad malajr jaqbdu mal-familjari u hbieb taghhom jew fl-Italja stess jew f'pajjizi ohra Ewropej. Minn diversi processi kriminali fil-Qrati taghna jidher li dan it-traffikar isir anki f'pajjizna. Mix-xhieda mismugha jista' jigi konfermat li dan it-trasport ta' l-immigrati huwa haga organizzata internazzjonalment u thalli hafna flus. Jigi osservat kif ghalkemm nisimghu b'xi vaggi li jispiccaw tragikament, il-bicca l-kbira ta' l-eluf ta' dawn in-nies jitwasslu malajr u b'success.

Nisimghu hafna li jispjegaw dan il-vjagg minn pajjizhom ghall-Ewropa bhala xi 'kalvarju' kbir li jindika s-sagrificcji li lesti jghaddu minnhom biex jaqsmu id-dezert u jissugraw l-gharqa sakemm jaslu l-Ewropa; ma huwiex xi vjagg facli (hlief ghal min ikollu l-opportunita' li jasal Tripli bl-ajruplan) imma is-sistema hija tant organizzata li jekk ikollok il-flus mehtiega fi ftit

xhur jekk mhux gimghat tinghaqad mal-familjari fl-Ewropa. Il-vjagg bil-bahar huwa l-aktar parti riskjuza, imma t-tragedji jigru l-izjed ghaliex it-traffikanti huma kriminali u jissugraw jibghatuhom anki meta jkun bahar qawwi jew meta biex jaqilghu xi haga zejda, jghabbu d-dghajsa b'izjed passiggieri u allura b'anqas fuel; fil-bicca l-kbira taghhom meta ma jiltaqghux mal-maltemp, jaslu Malta jew Sqallija indaf u libsin pulit u bil-lehja imqaxxra. Sfortunatament hemm dawk it-traffikanti li jkunu tassew kriminali li minflok izommuhom jistennew il-bnazzi, jehilsu minnhom u jibghatuhom fuq dghajjes li ma jkunux jifilhu ghal bahar qawwi – basta jkunu thallsu.

Dan is-servizz mil-Libja jitlaq generalment minn Zowara jew minn Zletin - il-prezz tal-vjagg kollha qalu li hu wiehed fiss ta' elf dollaru kull passiggier u malli jghabbi jitlaq. Ghalkemm dawn id-dghajjes ma jkollhomx wisq apparat ikunu mghammra b'boxxla u b'outboard motors (generalment tal-istess marki) fi stat tajjeb u jkollhom skorta adegwata ta' fuel. Ikunu attrezzati tajjeb u l-Armata taghmel uzu minn xi satellite telephones li nqabdu minn fuq dawn id-dghajjes u issa qeghdin ghand is-suldati. Jidher li dawn it-telephones moderni li jiswew hafna flus, jintuzaw biex per mezz tas-satelliti it0TCNs izommu in kuntatt ma' dawk li jkunu miftehmin biex jistennewhom.

Ir-rotta min Zowara ghal Sqallija jew Lampedusa hija wiesgha u ma tantx tikkrea problemi; izda Zletin tinsab aktar lejn il-Lvant u allura ir-rotta tghaddi vicin ghas-Search and Rescue Region ta' Malta u kif jitilfu xi ftit id-direzzjoni, jispiccaw f'din iz-zona li hija kontinwament sorveljata min ajruplani Taljani. Malli jaraw dan, javzaw ic-centru taghhom fl-Italja u dan jitlob lil Maltin johorgu ghalihom, kultant anki aktar minn tmenin mil 'il boghod minn Malta. Hadd mit-TCNs mismugha ma riedu jaslu Malta – kienu jafu fejn iridu jmorru, mhux semplicement riedu jitilqu biex jaharbu minn pajjizhom; kieku kienu tant imwerwrin mis-sitwazzjoni politika jew militari f'pajjizhom kienu ikunu kuntenti bil-grad ta' liberta' li jgawdu fil-Libja, imma huma ikollhom destinazzjoni fissa li mhix Malta.

Kien hemm xi ftit kazi li xehdu li f'pajjizhom hemm il-glied u kif il-genituri taghhom jew huthom gew maqtula, u jaghtu din bhala r-raguni l-ghala hallew pajjizhom; dawn ic-cirkostanzi jkunu inghtaw ukoll lill-Kummissarju ghar-Refugjati u dan ikun ikkonsidrahom qabel ma jiddeciedi jekk jinghatawx l-istatus ta' Refugjat.

Wiehed suldat li kien qed jitkellem dwar dak li sema' minghand id-detenuti, osserva li jekk wiehed ikun irnexxhielu jiskappa minn xi gwerra jew minn xi trawma ta' sofferenzi u qtil tal-gheziez tieghu, certament jiehu nifs qawwi ta' sulliev malli jsib ruhu f'post fejn almenu jkun 'l boghod mill-perikolu tal-mewt; dan ma jidhirx l-atteggiament ta' hafna mit-TCNs. Jekk min-naha l-ohra jkunu individwi li emigraw ghal hajja ahjar, allura malajr jiddejqu kif isibu ruhhom f'centru ta' detenzjoni.

Dwar dawn is-sitwazzjonijiet il-Board kien ukoll jistaqsi informalment lid-detenuti u ftit minnhom kienu lesti jitkellmu pjuttost bil-miftugh. Il-Bord jixtieq isemmi dak li qallu wiehed minnhom wara li il-Bord staqsieh jekk wara kollox, kienx ikun ahjar kieku baqa' jghix f'daru. Talab biex jirrakkonta storja li qal li jirrakkontaw f'pajjizu: kien hemm kukkudrill li ddejjaq ikompli jghix dejjem taht l-ilma fil-lak meta madwaru seta' jara tant wesghat sbieh kollha hdura; iddecieda li jhalli ix-xmara u jmur jghix fuq l-art. Ghall-ewwel ghogbu imma gara li wara ftit taz-zmien infethu bwieb is-sema u spicca imxarrab kollu kemm hu; il-lezzjoni ta' l-istorja hi li l-kukkudrill allura fehem kif anki barra ix-xmara kien ixxarrab u rrealizza li ma kienx vallapena li ha dak il-pass biex imbaghad spicca fl-istess sitwazzjoni.

Dan ir-rakkont, juri kemm mid-detenuti ghandhom livell intellettwali u ta' edukazzjoni gholi; fil-konferenza stampa tieghu ir-rappresentat tal-UNHCR qal: *"one top army official told me that some of the immigrants are better educated than the soldiers";* jispjega ukoll l-avventura tal-bicca l-kbira tat-TCNs li jispiccaw Malta. Meta jsibu ruhhom maghluqin f'detention areas ghal zmien konsiderevoli, jigrilhom bhal kukkudrill u jirrealizzaw li kwazi kwazi setghu baqghu f'pajjizhom. B'dana kollu ghad-differenza tal-kukkudrill ma jkunux iridu jirritornaw.

Dwar ir-raguni ghala kwazi hadd minnhom ma jkun irid imur lura l-Bord ghandu jaghti l-opinjoni ta' wiehed NGO li kwazi jghix biss biex jghin u jservi lill-immigrati; jghid li r-raguni ewlenija hija il-misthija. Il-villagg kollu jkun jaf li dak il-povru individwu ikun ghazel li jhalli l-familja u l-pajjiz biex ifittex hajja ahjar u bosta drabi jkun gie mghejjun finanzjarjament minn familjari jew hbieb; ikun wisq umiljanti ghalih jekk l-istess nies jarawh jirritorna aktar batut milli kien qabel, meta hadd iehor telaq u gia' qed jibghat il-flus. Raguni ohra li issemmiet kien id-dejn li jkun ghamel qabel telaq u allura ma jistax jirritorna bla flus.

Huwa dan it-tip ta' frustrazzjoni li jwassal li certi immigrati jaghmlu protesta bhal dik ta' Jannar; l-atteggiament negattiv jitwieled l-aktar mhux meta l-ikel ma jkunx imsajjar tajjeb jew meta s-sink ma jzommx ilma, izda meta jirrealizzaw li ser ikollhom jghaddu sena jew sena u nofs maghluqin f'centru u wara, anqas jafu x'ikun ser jigri minnhom, bil-possibilta quddiemhom li jistghu jitbaghtu lura b' ta' fuqhom senduqhom. Dan is-sens ta' frustrazzjoni iwassalhom biex sahansitra jirrifjutaw jitilqu minn taht it-tined u jmorru f'centru gdid u mghammar tajjeb. Meta rrealizzaw li l-Armata riedet li jmorru f'dak il-post gdid, ghazlu li juzaw din it-talba bhala "bargaining chip" fil-protesta taghhom biex jigi mnaqqas il-periodu ta' detenzjoni.

Illi mir-rizultanzi komplessivi ta' l-Inkjesta il-Bord hu tal-fehma li jekk mhux kollha, certament kwazi kollha dawk li nstemghu ma humiex refugjati politici imma huma refugjati ekonomici li emigraw ghal hajja ahjar. Ma jistax ma jigix rilevat li wara li instemghu mill-Kumissarju ghar-Refugjati ebda wiehed min dawk fil-protesta ma ikkwalifikaw ghall-istatus ta' refugjat. Jista' jinghad ukoll li dawn ir- refugjati hekk imsejha ekonomici malli jispiccaw maqfulin gewwa detention centre jkunu ferm aktar irrabjati mir-refugjati politici genwini peress li qabel almenu kellhom il-liberta'.

## 17. PROCESS MILL-APPLIKAZZJONI GHALL-ISTAT TA' REFUGJAT SA L-APPELL MID-DECIZJONI TAL-KUMMISSARJU GHAR-REFUGJATI

Meta it-TCNs jaslu Malta jigu mghoddija lill-Pulizija li jnizzlu id-dettalji taghhom u johdulhom l-impronti digitali; ftit wara jintbaghtu l-Isptar biex isirulhom l-ezamijiet medici mehtiega. Huma jigu assenjati il-post ta' detenzjoni fejn ikunu ser jinzammu; kif inghad, l-ewwel TCNs li kienu waslu Malta tpoggew taht il-kura tal-Pulizija, izda meta dawn ma kellhomx aktar post fejn izommuhom bdew jintbaghtuhom f'postijiet ta' l-Armata.

Malli dawn il-barranin jaslu f'pajjizna jigu nfurmati bil-possibilta` li jaghmlu applikazzjoni halli jinghataw status ta' refugjat; din it-talba tigi milqugha jekk ic-cirkostanzi taghhom jissodisfaw ir-rekwiziti li jippermettu l-ghoti ta' dan l-istat. Generalment huma kollha jaghmlu din l-applikazzjoni, ghalkemm kien hemm bosta kazi anki min dawk intervistati, li rrifjutaw li jaghmlu din l-applikazzjoni ghaliex insistew li huma riedu imorru l-Italja u mhux Malta.

Din l-applikazzjoni tigi pprocessata mill-ufficcju tal-Kumissarju ghar-Refugjati u kull wiehed jigi intervistat dwar ic-cirkostanzi tieghu; it-tul ta' dan il-process jiddependi hafna mill-ammont ta' immigrati li jkunu waslu f'dak il-periodu. Jekk il-back-log ma jkunx kbir, din id-decizjoni tinghata fi zmien madwar tlett xhur. Il-Kummissarju ghar-Refugjati instema' mill-Bord u pprovda dettalji dwar il-processi tad-detenuti kollha li kienu fil-B Block dak inhar tal-protesta. Kif intqal irrezulta li l-applikazzjonijiet taghhom kienu kollha gew finalizzati u id-decizjonijiet inghataw lill-individwi koncernati. L-ebda wiehed minnhom ma nghata status ta' refugjat ghakemm disgha minnhom inhargu mid-detenzjoni ghal ragunijiet umanitarji.

Fil-prezent meta din il-klassi ta' immigrati jaslu Malta u jkollhom risposta negativa, jinzammu fic-centri ta' detenzjoni sa perjodu ta' sena u sitt xhur jekk fi zmien sena jkun intemm il-process kollu quddiem il-Kumissarju u quddiem il-Bord ta' l-Appell u kien hemm rifjut. Jekk dan il-process ma jkunx ghadu spicca fi zmien sena, allura awtomatikament l-immigrat jigi mahrug mid-detenzjoni. Dan iwassal biex xiTCNs jippruaw itawwlu il-process ta' l-appell oltre s-sena halli huma jigu mehlusa hekk kif tghaddi s-sena; l-appell ikun ghadu pendenti.

Jigi rilevat li jekk id-decizjoni negativa tinghata wara, bejn sena u sena u nofs mill-wasla, dawn ma jergghux jiddahhlu lura fid-detenzjoni sakemm jaghlqu is-sena u nofs. Dawn il-fatti jwaddbu dawl qawwi dwar ir-raguni il-ghala l-Appelli jiehdu tant fit-tul u il-ghala it-TCNs ma jikkooperawx wisq fil-proceduri mehtiega.

Mix-xhieda mismugha jirrezulta li l-Awtoritajiet jidhru li lesti li jaghtu b'certa facilita' il-liberta' ghal ragunijiet umanitarji; din fiha nnifisha tidher haga tajba, imma mhux dejjem jikkonsidraw l-effett li helsien bhal dan ikollu fuq shabhom li jibqghu maghluqa. Dawn mhux dejjem jifhmu (jew ma jridux jifhmu) il-ghaliex ftit minnhom johorgu u ohrajn le. Dan izid il-ferment fic-centri u xi drabi anki wassal ghall-protesti u tigi kreata aktar frustrazzjoni. Ghalhekk l-ghoti ta' liberta ghar-ragunijiet umanitarji ghandu jkun aktar trasparenti specjalment f'ghajnejn id-detenuti l-ohra. Wiehed TCN li ra lil shabu jinghataw il-liberta` fuq bazi umanitarja stqarr li: "*the other Sudanese that were with me were freed. I explain that of the eleven, seven were given freedom and three escaped. I am the only one left from Sudan. … I know that they have been given freedom a week ago. … I am*

*very worried that I am the only Sudanese left in the camp and I have not been given freedom.*"

Fil-kazi li jkunu gew rifjutati mir-Refugee Commissioner, it-TCNs ghandhom id-dritt li jipprezentaw appell ghal quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati; il-Bord sema' wkoll l-ufficjali inkarigati. Skond il-ligi kif inhi fil-prezent l-immigrati li jappellaw jinghatalhom id-dritt li waqt il-proceduri ta' l-appell ikollhom ghajnuna legali gratuita; din l-ghajnuna kwazi kollha jitolbuha hlief ghal dawk li jirrifjutaw li jappellaw jew li jkunu mghejjunin minn xi avukat iehor aktarx provdut mill-Jesuit Refugee Centre. Mid-dokumenti esebiti relativi ghal dawk li hargu fil-protesta, jidher li sa Settembru mill-85 immigrat li appella, 27 kienu gew gia' decizi u is-sentenza tal-Kumissarju giet konfermata. Kien ghad fadal pero' 48 li il-process taghhom anqas inbeda ghax kien ghadu ma giex assenjat lilhom avukat tal-ghajnuna legali; meta il-Bord indaga dwar dan in-numru hekk kbir, irrizulta li ma gewx appuntati avukati ghal dan l-inkarigu u ghalhekk l-appelli jkunu l-anqas ghadhom bdew jinstemghu; gie spjegat lill-Board li ftit huma l-avukati li lesti jaccettaw li jaghmlu dan ix-xoghol minhabba ir-remunerazzjoni baxxa taghhom; jidher ukoll li x-xoghol ta' dawn l-Avukati anqas hu facli ghax bosta TCNs ma jikkooperawx; ukud minnhom jipprotestaw ghax jghidu li ma kienux kuntenti bl-avukat partikolari li jkun gie lilhom assenjat. Bosta minnhom li jkunu gia' qeghdin fl-open centres anqas imorru ghall-appuntamenti ffisati. Huma jippruvaw itawlu il-process ghaliex jibzghu li jekk il-kaz taghhom jigi deciz u t-talba rifjutata jinbeda il-process ghar-reimpatriju taghhom lejn pajjizhom. Sakemm l-appell ikun ghadu pendenti jafu li ma jkun ser jigrilhom xejn u huma dejjem jisperaw li jsibu xoghol jew jirnexxielhom isibu it-triq lejn l-Italja.

Il-Bord jemmen li dan il-process ta' l-appell ghandu jigi mitmum fi zmien aktar qasir; veru li ricentement gie mwaqqaf Bord ta' l-Appell iehor, izda jidher li d-dewmien fis-sitwazzjoni prezenti huwa fil-fatt gej l-izjed min-nuqqas ta' avukati li l-Gvern jista' joffri ghall-ghajnuna legali gratuita kif obbligat jaghmel skond il-ligi kif inhi; ufficjali tal-Bord ta' l-Appelli issuggerew li jekk is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi jrid ikun hemm aktar minn tmien avukati assenjati ghal dan ix-xoghol.

Barra l-htiega li l-avukati disponibbli ghad-difiza ta' l-appellanti jizdiedu kemm jinhtieg, hemm ukoll bzonn li, kif qed jigri fil-Qrati Civili taghna, jinghata terminu ghal prezentata tax-xhieda u dokumenti mehtiega jew mitluba mill-istess Bord ta' l-Appelli. Ghandu jkun hemm ufficcju centrali

attrezzat kif jixraq fejn dawn l-avukati jiltaqghu ma' l-immigrati f'dati u hinijiet li jkunu gew iffissati mill-avukati u mgharrfa lill-immigrati mill-istess ufficju; ghandu wkoll jiehu nota ta' dak kollu li jsir u jsegwi it-termini stabiliti. Ma ghandhomx ikun hemm differimenti jekk mhux f'kazi specjali u l-procedura ghandha titkompla jekk l-immigrati jonqsu milli jattendu jew milli jipprovdu dak minnhom mitlub, u applikati sanzjonijiet stabiliti.

## 18. PROCEDURA GHAR-REIMPATRIJU U DOKUMENTAZZJONI

Jekk ikun hemm decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati li tichad it-talba biex jinghata l-istatus ta' refugjat jew ma kjunx inheles ghal ragunijiet umanitarji, jibda l-process ghar-reimpatriju.

Hawn hareg b'mod car li dan huwa process twil, difficli u laborjuz kemm biex jigi stabilit il-pajjiz fejn ghandhom jintbaghtu u anki l-mod kif dan isir. Gie allegat li peress li l-immigrati jkunu jafu li beda dan il-process, hafna minnhom jippruvaw kemm jifilhu jikkomplikaw il-hajja ta' l-avukati taghhom u ta' l-ufficjali koncernati. Din is-sitwazzjoni hija maghrufa tajjeb mill-immigrati anki minn qabel jaslu Malta; ghalhekk l-immigrati jaraw kif jehilsu minn kull document li jista' jwassal lill-ufficjali responsabbli biex jistabilixxu l-pajjiz fejn ghandhom jintbaghtu. Mix-xhieda ta' hafna mill-intervistati hareg li huma jsemmu diversi pajjizi ta' provenzjenza; uhud xehdu li jkunu twieldu f'pajjiz imma missierhom hadhom f'pajjiz iehor u ommhom marret f'pajjiz differenti fejn ghandha il-familja, u jispjegaw kif ma jistghux igibu dokumenti dwar l-identita' mill-ebda pajjiz. Ma jzommux komunikazzjoni ma nieshom gewwa pajjizhom.

L-immigrati mismugha ma ghandhomx passaport u anqas xi dokument li jghin; ovvjament ikunu helsu mid-dokumenti kollha li kellhom meta waslu u ghexu fil-Libja u qabel telqu ghall-Ewropa. Minbarra dan il-pass biex jehilsu minn kull dokument, huma wkoll joqghodu attenti li waqt li jkunu in detenzjoni ma jikkomunikawx ma' pajjizhom. F'dan ir-rapport issemma li l-NGOs kull tant jaghtu xi phone cards lid-detenuti biex dawn jitkellmu ma' nieshom. Dwar dawn il-phone cards il-Board staqsa lil kull detenut intervistat; il-bicca l-kbira xehedu li qatt tkellem ma nieshom, u kollha jghidu li ma jafux in-numru tat-telephone – hafna minnhom xehdu li huma uzaw il-card biex icemplu il-Libja ghand xi habib. Il-Bord jifhem li huma jibzghu li mit-telefonata jinkixef l-indirizz tal-familjari taghhom. Dan

jikkontrasta bil-kbir ma' dak li jaghmlu it-TCNs hekk kif johorgu mid-detenzjoni; fil-gurnali gie rappurtat in-numru kbir taghhom li jhallsu biex juzaw it-telephones internazzjonali u l-internet l-aktar fil-Belt u dan wiehed jifhem, biex jikkomunikaw ma' barra.

Fatt iehor moghti importanza mill-Bord huwa n-nuqqas ta' korrispondenza; hafna minnhom mhux biss marru l-iskola primarja imma anki attendew dik sekondarja – uhud minnhom huma predikaturi jew gabu certifikati jew lawrji universitarji f'suggetti varji. Anki fuq dan il-punt il-Board staqsa lil kull wiehed li instema'; irrezulta li ma kienux jiktbu lil nieshom li suppost anqas jafu humiex hajjin jew mejtin; wiehed xehed li kellu zewgt ibniet zghar u anqas jaf x'sar minnhom, imma qatt ma ipprova jikkomunika ma' xi hadd dwarhom. Fix-xhieda tieghu huwa ilmenta li qatt ma inghata phone-card u zied jghid: "*the Board is asking me why I don't write any letter to my daughters. My daughters are still six years old and I prefer to talk to them. The Board is asking me why I do not write to my mother, I say that she is not an educated person"*. Dan il-fatt ukoll jindika lill-Bord li huma jibzghu li jigi rintraccat il-pajjiz taghhom, u lesti li jistennew is-sena jew sena u nofs mehtiega qabel jikkomunikaw ma' nieshom.

Din ir-reticenza ta' l-immigrati ma ghandhiex isservi biex, fil-kaz ta' dawk li jkun gie deciz li ghandhom jintbaghtu lura huma jfixklu l-process normali tal-kaz taghhom, bl-isperanza li jew ma jinstabux jew li jirnexxhielhom isibu triqithom lejn xi pajjiz iehor fl-Ewropa. Huma hafna il- kazi fejn ir-reimpatriju ma jkunx jista' jsehh minhabba li ma jkunx jista' jigi determinat il-pajjiz tal-individwu; dan ma ghandux jigi permess. Anki il-Minimum Standards tad-direttiva tal- Unjoni Ewropea tobbliga lid-detenuti jipprovdu kull informazzjoni mitluba; jekk dan ma jsirx il-Pajjiz ghandu id-dritt li jillimita ir-reception conditions stipulati, jew iwaqqafhom ghal kollox. Jigi hawn rilevat li ma ahniex qed nittrattaw ma' asylum seekers imma ma nies li ma jkollhomx dritt ghal l-istatus ta' refugjat. Il-Board jifhem li jkun ghaqli li l-Awtoritajiet ghandhom jaraw x'ghandu jsir biex meta jirrizulta li xi TCNs ma jkunux qed jikkoperaw ma' l-indagini, ghandu jkollhom il-liberta' ristretta jew mizmuma.

Irrezulta ukoll li ghad-differenza min pajjizi akbar fl-Ewropa, Malta ma ghanhiex rappresentanza diplomatika jew ta' xi natura ohra fil-pajjizi min fejn ikunu telqu l-immigrati. Kull tant dawn il-pajjizi jibghatu Malta xi rappresentat biex jikkonferma in-nazzjonalita' ta' dawk li jkunu ser jigu reimpatrijati. Biex forsi tigi meghjuna din il-problema il-Gvern ghandu

jikkonsidra il-possibilta' li jitwaqqaf team li jkun responsabbli specifikament ghal dawn il-proceduri; dan it-team ghandu almenu sa kemm is-sitwazzjoni tirranga, jibqa' permanentement f'dawk il-pajjizi biex jikkoordina dak kollu mehtieg. Wiehed ghandu jispera li il-pajjizi il-kbar Ewropej ikunu lesti jipprovdu l-ispazju u l-attrezzaturi mehtiega fl-ambaxxati taghhom biex dan it-team ikun jista' jaqdi l-inkarigu tieghu. Kooperazzjoni bhal din bidet gia' tidher meta xi TCNs li inkunu irridu nibghatu lura, qed jittellghu f'xi bliet Ewropej biex min hemm, flimkien ma' aktar TCNs min pajjizi ohra, jigu ritornati lejn pajjizhom.

## 19. PERIJODU TA' DETENZJONI

Illi kif intqal l-ilment ewlieni ta' l-immigranti huwa l-perijodu li fih huma jinzammu fic-centri ta' detenzjoni;

Irrezulta mix-xhieda tat- TCNs kollha intervistati li l-ilment principali taghhom ma kienx minhabba l-ikel li ma hux tajjeb u anqas minhabba xi hgiega mkissra jew xi drains joqtru, imma minhabba il-periodu li huma jkollhom jghaddu fid-detenzjoni. *"The Board is asking me whether I have complaints about my stay in Malta; I say that I have no complaint except that I do not have freedom. The Board is asking me if I have anything else to say, I only say that my only complaint is that I have no freedom"*.

Kif gia' intqal kollha kemm huma jikkonsidraw dan il-perijodu twil wisq u kien hemm min qal li dan il-perijodu kellu jigi mnaqqas ghal xahrejn. Dwar il-perijodu massimu ta' sena u nofs impost mill-Gvern tressqet ukoll kritika qawwija fuq il-media, mill-NGOs u min korpi ohra.

Meta wiehed ihares lejn is-sitwazzjoni ta' dawn id-detenuti li x-xewqa taghhom hija li jmorru jfittxu hajja ahjar fl-Italja u f'pajjizi ohra Ewropej, l-ewwel reazzjoni hija li m'ghandekx taghlaqhom f'detention areas minghajr liberta`. L-immigrati li pprotestaw fit-13 ta' Jannar fil-posters li wahhlu u l-ghajjat taghhom gustament insistew "*we are not criminals*". Kulhadd jaqbel ma' dan il-principju pero` qisu ghadu hadd ma wasal biex isib is-soluzzjoni dwar dak li ghandek taghmel b'numru dejjem jikber ta' refugjati, partikolarment fil-pajjiz l-izjed popolat gewwa l-Ewropa u kwazi gewwa d-dinja kollha. Malta hija mdawwra bil-bahar u allura, bhal ma kien jigri l-Italja fejn l-ergastolani jehoduhom f'habs gewwa gzira imwarba biex zgur

ma jiccaqalqux, mhux facli ghal dawn l-immigranti li jhallu Malta u jmorru f'xi pajjiz iehor.

Il-kontroll tal-istrett bejn Malta u Sqallija qed jigi mhares u kontrollat dejjem b'aktar efficjenza. F'pajjizi ohra ta' l-Ewropa centrali l-fruntieri huma kollha twal mijiet ta' kilometri u ghalhekk m'huwiex tant difficli biex wiehed jimxi min pajjiz ghall-iehor, anki jekk illegalment, sakemm isib id-destinazzjoni finali tieghu. L-Italja huwa pajjiz iehor bi fruntiera marittima ma' l-Afrika min fejn jaslu l-bicca l-kbira ta' dawn l-immigrati; id-detenuti kollha li taw ix-xhieda taghhom stqarrew kemm haduha bi kbira li waslu Malta meta huma riedu jmorru u hallsu biex jittiehdu l-Italja. Ma hemmx dubbju li dawn l-immigrati kollha jafu fejn iridu jmorru; mhux biss isemmu l-Italja jew il-Germanja izda jafu sew wkoll fejn ser jissetiljaw u min qed jistennihom. Il-fruntieri terrestri ta' fuq ta' l-Italja huma facilment penetrabbli; gie rappurtat li mill-eluf ta' l-immigranti li jispiccaw l-Italja aktar minn 70% minnhom fi zmien sena jkunu gja hallew it-territorju Taljan u x'aktarx ingabbru ma' nieshom f'pajjizi ohra; biss ftit minnhom jibqghu l-Italja, u dan jew ghax diga` ghandhom nieshom hemmhekk jew ghax ikunu sabu xoghol mehtieg ghall-pajjiz fl-agrikoltura u fl-industrija u jaghmlu xoghol manwali li ma jridux jaghmlu izjed in-nies tal-pajjiz.

Il-posizzjoni tal-fruntiera ta' Malta hija ghal kollox differenti minhabba d-daqs ckejken u is-sovrapopolazzjoni taghha, kif ukoll minhabba il-fatt li hija gzira imdawwra bil-bahar; barra minn dan, ftit snin ilu gie firmat trattat bejn Malta u l-Italja li bis-sahha tieghu jekk xi TCN minn Malta jispicca l-Italja dan jintbaghat lura f'pajjizna; dan tassew li huwa ftehim bilaterali imma kulhadd jaf li mhux probabbli u qatt ma ssemmew kazi fejn xi TCN li jkun sab ruhu l-Italja jahrab lejn Malta.

Ic-cirkostanzi ta' pajjizna ma jippermettux influss qawwi ta' barranin. Jekk biex jinghata ezempju, jaslu Malta biss 40 mara li jahdmu bhala prostituti dawn jikkrejaw fil-pajjiz problema tassew kbira ghall-forzi ta' l-ordni, specjalment jekk dan l-influss ma jkunx gradwali. Hafna isostnu u jiktbu li lit-TCNs li jaslu Malta bil-bahar ahna ghandna izommuhom in detenzjoni biss ghal ftit gimghat sakemm isiru il-proceduri inizjali ghaliex dawn ma humiex nies kriminali; dan jidher ragunament imsejjes fuq it-taghlim u il-kultura taghna. Hadd min dawn il-kontributuri ma qalu x'jigi jekk minfok mijiet kull xaghar jibdew jaslu eluf kull xaghar – huwa maghruf li fil-Libja hemm aktar min miljun TCNs min taht is-Sahara li qeghdin jistennew li jkollhom l-opportunita li jitilqu lejn l-Ewropa. Jekk nibbazaw fuq l-

istatistika ta' dawk li jaslu Malta, wiehed jista' jikkonkludi li il-bicca l-kbira taghhom ma jikklassifikawx ghall-istatus ta' refugjat.

Il-posizzjoni ta' dawk li ghandhom dritt ghall-istatus ta' refugjat hija ghal kollox differenti, ghaliex ghal dawn il-bibien ghandhom ikunu miftuhin kemm jista' jkun. Meta Malta dan l-ahhar tablet l-ghjnuna tal-Pajjizi tal-Unjoni Ewropea, kulhadd fehem li tlabnihom jiehdu ftit min dawk li jkunu gew klassifikati bhala refugjati jew li jisthoqqilhom protezzjoni umanitarja; zgur li hadd ma immagina li kienu ser jiehdu TCNs li it-talba taghhom tkun giet michuda. Dawn jew jibqghu Malta jew jigu reimpatrijati, ghax ebda pajjiz ma jaccetthom u ghalhekk huma il-problema principali stante li mhux possibbli li tibghathom lura fi zmien qasir.

Sa kemm idumu in detenzjoni, is-sitwazzjoni u l-ambjent fic-centri ta' detenzjoni ghandhom ikun tajbin u segwiti kemm jista' jkun, anki fid-dawl ta' kif jinzammu centri simili li jinsabu fil-bicca l-kbira tal-pajjizi Ewropej. L-Awtoritajiet Maltin ghandhom jivvizitaw dawn ic-centri biex zgur taghna ma jkunux aghar min dawk barranin. Fic-cirkostanzi attwali ikun ghaqli li ghal dawk l-immigrati li ma jikkwalifikawx ghal status ta' refugjat u ma jkunux inhelsu ghal ragunijiet umanitarji, il-perijodu ta' detenzjoni ma ghandux ikun qasir, b'mod li ikunu spiccaw il-proceduri kollha dwar it-talba taghhom. F'kull kaz il-Bord huwa tal-fehma li l-Gvern ghandu jinsisti li almenu jinzamm l-perijodu ezistenti u sakemm jibqghu c-cirkostanzi bhal dawk prezenti, iwarrab is-suggerimenti u l-insistenza li qed issir fuqu biex dawn jigu ridotti. Dwar dan il-Gvern, wara li jikkonsulta l-forzi politici kollha, ghandu jkun car u deciz ghaliex inkella jaghti lok ghal min joqghod itihom speranzi ta' tibdil fil-politika.

Il-Board ma jistax jiskarta il-fehma li il-protesta li sehhet f'Jannar gewwa Hal-Safi kienet imrewha min speranzi bhal dawn; hija haga spjegabbli jekk mhux logika li meta wiehed irid jikkonsla lil xi hadd li ikun fi stat ta' dwejjeaq, jibda jsahhahlu qalbu u jghidlu li is-sitwazzjoni tieghu kienet ser tirranga. Hekk gara ukoll min xi helpers tad-detenuti li kienu dejjem jghidulhom li f'pajjizi ohra, immigrati bhalhom kienu jinhelsu wara ftit; kien kosegwenza ta' kliem bhal dan li wiehed mid-detenuti intervistati qal li messhom jinhargu wara xaghrejn. Ezempju ta' dan it-tip ta' tixwix issemma min suldat: *"Ghandi nispjega l-imgieba u il-hsieb ta' dawn it-TCNs, niftekar li kien hemm wiehed li konna nghidulu 'Napuljun' li naf li kien harab qabel u staqsejthom x'kien sar minnu u qaluli li hu kien cemplilhom min Sqallija u qallhom kemm kien ahjar fi Sqallija, li wara ftit granet jaghtuhom anki*

*mobile u il-process huwa qasir hafna aktar min Malta. Jien cert li din is-sena u nofs iddejjaqhom wisq".*

Il-Board ma jifhimx li serva ta' xi ghajnuna il-kliem li ir-rappresentat tal-URHCR qal lid-detenuti fiz-zewg compounds gewwa Hal Safi stess meta flimkien mal-Kumissarju ghar-Refugjati mar ikellimhom erba u ghoxrin siegha biss wara glieda bhal dik. Fix-xhieda tal-Kumissarju insibu li meta Dr Manca de Nissa kellem lid-detenuti gewwa l- MT Compound: "*Kellimhom ukoll Dr de Nissa u ghal aktar min darba qalilhom li l-UNHCR ma taqbilx mas-sistema tad-detensjoni u li din riedet li tigi mnehhija jew imqassra. Qalilhom ukoll li Malta kien ser ikollha toqghod ghall-kundizzjonijiet tad-direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar 'minimum standards for the reception of asylum seekers'. Huwa qalilhom li din trid issir parti mill-ligi Maltija sas- 6 ta' Frar 2005. Qalilhom li il-UNHCR ma kienitx taqbel mal-perjodu ta' 18-il xaghar u hu kien jikkonsidra dan il-perijodu twil wisq. Qalilhom ukoll illi il-UNHCR kienet ilha tipprotesta mal-Awtoritajiet Maltin dwar il-policy ta' detensjoni, it-tul taghha u 'the unacceptable conditions' li fihom kienu qed jghixu.*

*Kont sorpriz li f'mument hekk delikat Dr de Nissa hass li kellu jghid diskors bhal dak"*

Dwar dak li Dr Manca de Nissa qal meta imbghad marru jitkellmu mad-detenuti fil- B Block, stqarr*: "Anki fil- B Block domna madwar siegha u nofs mar-rappresentanti u tkellimna fuq l-istess linji mar-rappresentati tat-TCNs. Dr de Nissa ikkonfermalhom ukoll illi l-UNHCR tahseb li jkun ahjar li il-policy ta' detensjoni tigi abolita ghal kollox, pero' ma setghetx tghid lil Malta x'ghandha taghmel peress li Malta kienet stat Sovran. Qalilhom ukoll li jekk Malta ma kienitx ser tnehhi il-policy ta' detensjoni almenu ghandha tnizzilha ghal massimu ta' sitt xhur; ghal aktar min sitt xhur kien 'unreasonable'".*

Id-detenuti zgur li kienu semghu kliem bhal dan min diversi NGOs u hbieb li kienu imorru izuruhom u dan kien certament fl-imhuh tal-ftit mexxejja jew militanti li ikkonsidrawh bhal gustifikazzjoni ghall-protesta tat- 13 ta' Jannar. Huma fehmu li jekk il-pressjoni fuq l-Awtoritajiet tizdied, il-periodu ta' detensjoni jonqos jekk ma jitnehhiex ghal kollox.

Jekk il-Gvern ikun aktar ciar dwar il-policy tieghu dwar il-periodu ta' detenzjoni, mhux biss id-detenuti innifishom imma anki l-organizzaturi ta'

dan it-traffikar organizzat li jaqilghu tant flus min dawn il-vjaggi, malajr jifhmu il-posizzjoni.

Il-Board irid jaghmilha ciara li dan kollu qed jinghad ghat- TCNs li ma jkunux inghataw status ta' refugjat jew li inhelsu ghal ragunijiet umanitarji. Il-qaghda tar-refugjati genwini ma ghandhiex tkun bhal dik tal-ohrajn li jkunu telqu min pajjizhom biex isibu hajja ahjar; ma hemm ebda dubbju li ir-refugjati li jkunu inghataw dan l-istatus, mhux talli ikollhom il-liberta' imma ghandu jinghatalhom dak kollu li jkollhom bzonn.

Dak li itqal f'dan ir-rapport dwar it- TCNs japplika ghal dawk li ma jkollhomx dritt ghal dan l-istatus. Irrezulta li ebda wiehed min dawk li hargu jipprotestaw fit- 13 ta' Jannar ma inghata dan l-istatus u ghalhekk ghalihom kollha (hlief dawk li inhelsu ghar-ragunijiet umanitarji) beda jew ser jibda l-imsemmi process ghar-reimpatriju. TCNs f'din il-posizzjoni ikunu ghadhom Malta biss ghaliex ma jkunx gie stabilit pajjizhom jew ikunu ghaddejjin il-proceduri mehtiega ghall-vjagg tar-ritorn. Wara sena u nofs l-izjed, dawn it-TCNs jinhargu mid-detention centres u jitpoggew f'open centres fejn ikunu jistghu jghixu hajja minghajr wisq irbit. Il-Board huwa tal-fehma li dawn ghandhom ikunu kontrollati dwar fejn ikunu; ghalkemm mhux car jekk uhud minnhom ghandhomx jigu kontrollati elettronikament, l-Awtoritajiet ghandhom ikunu f'posizzjoni li dejjem jafu fejn isibuhom ghal kull eventwalita'.

## 20. DETENTION AREAS U NGOs

Il-B Block li fih kienu mizmuma dwak l-immigrati li hargu jipprotestaw, huwa bini piuttost adegwat u kien fil-fatt iservi ghall-uzu tas-suldati u li ghandu is-servizzi soliti; il-Board staqsa lill-kull dutenut intervistat jekk kellux ilmenti dwar il-post, u kienu ftit dawk li kellhom xi jghidu; b'danakollu ikun sew li kull certu zmien jigi effettwat refurbishment shih ghax zgur li dan jghin il-moral taghhom. Xoghol simili jirrikjedi fondi li l-Bord ihoss huma tassew mehtiega ghall-Armata**;** anki is-sigurta` tal-post trid tigi mharsa u r-recint ghandu jigi msahhah**.**

Il-Bord kellu okkazjoni jirreferi ghall-MT Compound li jinsab tassew fi stat miserabbli kemm in kwantu jirrigwarda il-qaghda ta' l-istess detenuti kif ukoll l-interess tas-sigurta' in generali li ma tistax tigi imwarrba.

Is-servizzi provduti ma humiex sufficjenti u anqas adegwati u jkomplu jfixklu l-imhuh u l-imgieba anki tal-bosta immigrati li ma jixtiequx ikabbru il-problema. Dan huwa stat ta' fatt li mhux facli tirrimedjah ghaliex il-mexxejja taghhom iridu jkomplu jkabbru id-dwejjaq ta' l-ohrajn bl-isperanza li jinqala' xi haga biex forsi is-sitwazzjoni tinbidel; gie pruvat li kwazi hadd min dawn il-mexxejja ma sofrew wisq waqt l-incidenti f'Hal-Safi; kienu il-kwieti li sofrew l-aktar. Il-mexxejja ippruvaw jaghmlu il-parti li kienu sofrew gravement, u kien hemm wiehed li ma bediex jiccaqlaq u allarma sahansitra lin-nurses u it-tobba; wara ftit iccaqlaq u indunaw li ma kellu xejn gravi.

Irrizulta b'mod car li dawn il-mexxejja ma jridux jitilqu mill-kampijiet probabilment ghax jitilfu punt qawwi ta' 'propaganda' favur bdil fis-sistema kollu; il-Bord kellu okkazjoni jirreferi ghal fatti li wassluh ghal din il-konkluzjoni. Fehem li b'dak in-numru kbir ta' detenuti, tassew ma kienx prattiku ghall-Armata li tibni cint gdid u anqas li tirranga dak li hemm, meta anqas tithalla taghmel il-maintenance mehtieg fis-servizzi komuni.

Il-perikolu ghas-sigurta', fil-present huwa serju. Irrizulta li jekk wiehed mill-hbieb taghhom fuq barra jfettillu jnewwlilhom xi arma tan-nar (fil-qiegh ta' xi borma ikel jew f'xi pakkett imnewwel), dan anqas ikunu jafu bih is-suldati peress li ma ghandhomx kontroll fuq ghotjiet bhal dawn. Fortunatament dan ma gara qatt, imma jista' jigri facilment jekk ikun hemm xi grupp tassew iddisprat.

Mill-aktar fis ghandu jinstab post iehor gol-barracks fejn jistghu jitpoggew taht saqaf fejn ikollhom kumditajiet u servizzi simili ghal dawk tal-B Block. L-immigrati minn gol-MT Compound ghandhom jitnehhew kollha u jittiehdu f'dan il-post l-iehor; din id-decizjoni ghandha tkun wahda finali u it-TCNs jigu trasferiti anki jekk jibqghu jirrifjutaw.

Il-Block il-gdid li nfetah ftit gimghat ilu u li l-Board kellu okkazjoni jzur waqt li huwa okkupat, jidher li ghandu bosta facilitajiet moderni u qed jinzamm tajjeb anki bil-partecipazzjoni ta' whud mid-detenuti stess. Ftit 'l hinn qed jinbena kumpless kbir iehor ghad-detenzjoni u certament ser ikollu s-servizzi kollha adattati.

F-dawn ic-centri hemm spazju mhux hazin fejn it-TCNs jistghu jirrikreaw ruhom meta johorgu jilghabu u jesercitaw xi attivitajiet taghhom. Dawn l-

ispazji huma essenzjali u fihom jintlaghab sport bhal football u f'dan anki xi suldati jidhru li jiehdu parti. Meta wiehed jikkonsidra li il-bicca l-kbira tad-detenuti huma irgiel ta' eta' zghira, jifhem kemm hu importanti li jinzammu okkupati jaghmlu xi haga. L-attivita' sportiva hija forsi l-aktar utili u semplici. B'dana kollu l-Awtoritajiet bl-ghajnuna u koperazzjoni tal-NGOs ghandhom jesaminaw il-possibilta' li uhud mit-TCNs jittiehdu fi gruppi zaghar f'xi swali ohra fejn ikunu jistghu jaghmlu xi tip ta' xoghol li jkun utili . Jista' jkun veru li jekk xoghlijiet simili jithallew isiru fic-centri stess, jitwieled il-perikolu li id-detenuti jaghmlu xi oggetti suspettuzi, pero' b'dan il-mod jigi assigurat li maghhom ma jiehdu xejn perikoluz lejn ic-centru.

Dwar ic-centri attwalment uzati, ghalkemm huma mantnuti mis-suldati stess li huma tal-mestier, ikun ghaqli jekk kif inghad jinghataw dawra sewwa u jigu rrimedjati d-difetti; l-Awtoritajiet ma ghandhomx jiddejqu isejhu lil NGOs biex jaraw li dak li jsir ikun tassew adegwat ghac-cirkostanzi. Hekk forsi dawn l-ghaqdiet ikunu jistghu jinsistu izjed mad-detenuti biex il-postijiet jinzammu fi stat tajjeb. Ghalkemm intqal li l-frustrazzjoni ewlenija taghhom huwa t-tul tad-detenzjoni, imma jekk l-ambjent jinzamm tajjeb, dan jghin biex ma jkunx hemm tant reazzjonijiet ta' rabbja.

Illi d-direttiva Ewropea dwar dawn ic-centri tipprovdi ghall-involviment ta' l-istess detenuti: "in managing the material resources and non-material aspects of life in the center" u anki ghat-twaqqif ta' "an advisory board or council representing residents". Il-Bord kellu okkazjoni jisma' diversi immigrati li zgur ikunu lesti jippartecipaw. Id-diffikulta` gejja minn dawk il-ftit li jaghmluha ta' kapijiet, u ghal dawn ghandha tigi applikata strettament ir-regola, kontemplata fl-istess direttiva dwar min ikun vjolenti jew jikser ir-regoli tac-centru. Id-direttiva tal- Unjoni Ewropea tghid li: *"member states may determine sanctions applicable to serious breaching of the rules of the accommodation centres as well as to seriously violent behaviour"*. L-introduzzjoni ta' CCT cameras ghandha tigi konsidrata bis-serjeta'.

Minghajr dixxiplina adegwata dawn ic-centri ma jistghux jitmexxew sew, u jservu biss bhala bomba lesta biex tisplodi. L-advisory boards or councils jistghu jservu biex ikun hemm monitoragg ahjar tas-sitwazzjoni.

Hawn jidhol ix-xoghol essenzjali tal-NGOs. Ghalkemm dawn ma ghandhomx ikunu responsabbli ghal certu decizjonijiet, jistghu iservu bhala l-uniku kuntatt genwin u onest li ma ghandu ebda interess hlief il-gid ta' l-

immigrati; din tidher proposta semplicista, imma il-Bord kellu okkazjoni jisma' lil xi NGOs jiddiskutu oggettivament il-problemi tad-detenuti. Il-posizzjoni taghhom ma hi facli xejn; dejjem jitkarbu biex jimmiljoraw il-qaghda tal-immigrati li min-naha taghhom anqas jafdawhom wisq – lesti jilmentaw u jitkellmu kontra taghhom anki jekk l-NGOs jaghtu phone card zejda li xi wiehed min shabhom! Huma stess spjegaw kif l-immigrati kull tant jitilfu l-fiducja fihom semplicement ghaliex il-mexxejja taghhom ixerdu il-kelma ma' shabhom, li l-NGOs kienu qed jircevu xi flus jew ghajnuna min ghand il-Gvern u allura jittimbrawhom bhala mixtrija u kontra taghhom.

Waqt li fost l-immigrati hemm numru li huma aggressivi u vjolenti (xi suldati qalu li kien hemm minnhom li kienu anki membri tal-forzi armati ta' pajjizhom), fosthom hemm hafna li ma jridu ebda forma ta' glied u dan urewh anki fil-ground waqt il-glieda nnifisha, meta wiehed minnhom deher fil-filmat izomm lil siehbu li kien ghadu kif waddab xi haga. L-NGOs jistghu jidentifikaw immigrati bhal dawn biex tinholoq relazzjoni tajba u utili; jghinu wkoll fid-dixxiplina stretta tal- hekk imsejha 'ring leaders'.

L-ghazla ta' dawn l-NGOs mhix semplici, u l-awtoritajiet ghandhom ikunu certi li ma tezistix xi "hidden agenda", imma il-Bord jemmen li hemm hafna fosthom li jifhmu l-problemi mhux biss ta' l-immigrati imma wkoll dawk tas-suldati u tal-Pajjiz. Dawn huma l-NGOs li s-sitwazzjoni tinhtieg.

## 21. RITRATTI

Il-Bord kif intqal kellu jaghti hafna importanza lil mijiet ta' ritratti li gew esebiti biex jipprova jikkonferma x-xhieda li gabar bil-gurament dwar dak li gara waqt il-konfront. Ir-ritratti dejjem jirreferu ghal xi anglu partikolari u l-Bord kien konxju li barra minn dawk iz-zoni, kien hemm diversi ohra ghaddejin fl-istess hin. Anki r-ritratti li gew pubblikati fil-gurnali u fil-websites jirreferu ghal xi incident u mument partikolari – hadd ma seta' jkopri n-nahiet kollha tat-taqbida. Ghalkemm kif intqal, allahares ma kienx hemm ir-ritratti ghal din l-Inkjesta, fl-ezami ta' dawn ir-ritratti jidher kif kultant ritratt ma jispjegax sewwa dak li jkun qed jigri.

Fir-ritratti dehru ukoll diversi suldati izommu b'saqajhom detenuti mixhuta fl-art u ovvjament bhala konsegwenza bosta irrapportaw li kienu qed ituhom bis-sieq (kicking protesters). Ix-xhieda mill-Armata spjegaw ghas-

sudisfazzjon tal-Board li dawk is-suldati kienu biss qed izommu lid-detenuti ma' l-art sa kemm dawn jigi mehuda min suldati ohra ghal fuq it-trucks. B'saqajhom fuqhom setghu jassiguraw li ma jitilqux jigru waqt li huma jghassu ma' dwarhom u jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Ghandu jigi ukoll rilevat li ir-ritratti qablu ma' dak li qalu is-suldati u cioe' li il-pis taghhom ma kienx mixhut fuq id-detenuti.

Biex wasal ghal din il-fehma il-Board ezamina ukoll ix-xhieda u il-files tal-Isptar; ebda wiehed mill-feruti ma irrezulta li kellu gerha interna jew esterna fil-parti tal-gisem involut li setghet turi jew tindika li kien hemm daqqiet ta' sieq anki waqt li kienu ma' l-art.

Kien hemm episodju ta' ritratt jew ritratti li mhux biss inghataw hafna prominenza fil-gazzetti imma intbaghtu lill-agenziji internazzjonali u mxew mad-dinja kollha u possibilment ghadhom sa issa jidhru fil-website tal-UNHCR. Fost dawn hemm uhud li juru bl-izjed mod ciar wiehed immigrat mixhut mal-art b'wiccu juri l-ugieh li kellu, waqt li kien hemm suldat izommu taht saqajh u iehor ixejjirlu daqqa ta' lembuba li tidher indirizzata lejn rasu. Dan is-suldat ixejjer il-lembuba seta' jigi identifikat u gie imsejjah mill-Board*;* qabel ma xehed gie mwissi bill-konsegwenzi li seta' jkollu minhabba dak li jkun qal. Huwa ghazel li jirrakkonta bla ebda tlaqliq dak kollu li gara u ammetta li kien hu li xejjer il-lembuba li huwa indirizza ghal fuq l-ispalla tat-TCN fl-art, ghalkemm min-naha tieghu ilmenta li il-Board ma kellux ritratti tal-vjolenza li uzaw kontrihom uhud mill-immigrati .

Huwa qal "*li dan kien diga` gie ghalija u kwazi qalibni. Jiena kont rajtu hiereg minn bejn xi suldati u jigri fid-direzzjoni taghna u baqa' gej ghal fuqna. Warajja kien hemm il-Kurunell u t-Tabib*". Huwa sahaq li dak l-istess TCN kien ftit qabel attakka vjolentement lilu u lill-Brigadier u hass li kellu jpattihielu u jxejjirlu dik id-daqqa – reazzjoni li ma tixraqx lil min qed ihares l-ordni. Il-Bord staqsa lix-xhud kienx cert mill-identita` tieghu u wara li l-Bord infurmah bl-istat ta' sahha ta' dak it-TCN fl-art, huwa qal li allura probabilment kien biddlu ma haddiehor ta' statura simili.

Il-Bord kellu okkazjoni jisma' x-xhieda fit-tul tat-TCN fl-art li seta' wkoll facilment jigi identifikat. Gie stabbilit li dan it-TCN ibaghti minn forma gravi ta' rheumatoid arthritis. Huwa stess mill-ewwel stqarr li din il-marda kienet ilha zmien fuqu. Qabel wasal Malta huwa kien halla pajjizu fl- 2000 u mar il-Libja fejn dam jahdem ghal erba snin; huwa jispjega: *"when I was in Libya I went privately to a private hospital and they told me that I was*

*suffering from rheumatism".* Meta gie hawn Malta huwa kien ghadu jbaghti u, skond ma qal l-istess detenut jidher li anki ftit qabel il-protesta huwa kien kien qed jiehu xi pilloli. Is-suldat li tah id-daqqa qal li huwa rah fl-art u ghalkemm kien mizmum minn diversi suldati kien qed jghajjat hafna u beda jipprova jiccaqlaq mal-art.

Ta' min josserva li dan it-TCN ghandu statura tassew imponenti; twil bicca sewwa aktar minn 6 piedi u mibni hafna. Huwa stess xhed li kien tant twil u kbir, li meta kien jitlob lil wahda NGO biex ittieh aktar hwejjeg minhabba sahtu: "*she used to tell me that she had none because I was too big".* Hemm probabilita` li meta dan is-suldat ra persuna hekk kbira titghawweg u tghajjat huwa haseb li kien qed jipprotesta u jipprova jerga' jahrab; qatt ma seta' jimmagina li dak l-ghajjat ma kienx gej mid-daqqiet li kien qala', imma mill-ugigh tal-marda tieghu, ghalkemm dan l-ugieh seta' gie wkoll mizjud minhabba d-daqqiet li qala'. Mix-xhieda tieghu irrezulta li anki darba ohra bidluh ma' hadd iehor: "*I never tried to escape. However some time ago James escaped and the soldiers thought it was me; but the Police told them that I could not escape because I suffer from rheumatism".*

Fix-xhieda tieghu dan it-TCN spjega li huwa kien jimxi u jiccaqlaq b'hafna diffikulta', tant li meta dak inhar hargu jipprotestaw huwa inxtehet bil-qeghda propju biswit il-lasta tal-football biex jkun jista' jzomm maghha meta jpoggi bil-qeghda u meta jqum. Huwa xehed ukoll li: *"I was the last one to arrive in the ground because I cannot walk properly".* Wara li l-Bord ta din l-informazzjoni lis-suldat ikkoncernat hu ammetta li probabilment haseb li kien id-detenut l-iehor li dahal ghall-Brigadier u li huwa wkoll kien ta' statura kbira hafna.

Il-Bord sema' wkoll lit-tobba li jittrattaw lil dan it-TCN fl-Isptar kemm ghal griehi li huwa garrab waqt il-glieda kif ukoll dwar din l-imsemmija marda tieghu; huma spjegaw l-ugigh kbir fil-gogi li kien ibaghti minnu kull meta jirkadi fil-marda tieghu; fiz-zmien tal-protesta gie konfermat li huwa kien propju ghaddej minn periodu ta' attakk iehor ta' din il-marda. Anki l-istess TCN ikkonferma li xi xahrejn qabel, kien irkada u rega' bdielu l-ugigh u dakinhar tal-protesta bil-kemm seta' jimxi.

Il-Bord ezamina wkoll il-file mediku ta' meta huwa ddahhal l-isptar bhala konsegwenza tal-incidenti waqt il-protesta; min dawn jidher li kien kiser idejh u kellu xi ugigh f'gismu. It-tobba li esaminawh malli dahal xehdu*: "patient was seen with trauma over left forearm. X-Rays revealed an*

*undisplaced fracture of the ulna*"; ghamlulu il-plaster u gie rilaxxat dak inhar stess. Dan il-ksur ovvjament ma kienx marbut ma' dik id-daqqa li tidher fir-ritratti msemmija; *"I did not suffer any injuries to my head except I had some noises in my ear"* spjega dan it-TCN. Dik id-daqqa ma kellha ebda konsegwenzi u jidher li anqas biss semmiha meta gie intervistat mit-tobba.

Gara x'gara l-Bord huwa tal-fehma li l-agir ta' dan is-suldat imur direttament kontra l-principju maghruf minn kulhadd li fil-kontroll ta' storbjijiet ghandha tintuza "forza minima" – certament li tara ragel ma' l-art minghajr armi u kontrollat sew minn aktar minn suldat wiehed, u tigri ghal fuqu u ttih daqqa qawwija bil-lembuba ma tistax tigi kkonsidrata bhala "forza minima" – anqas kieku l-Bord kellu jemmen (kif deher plawsibbli) li kien hasbu li kien persuna ohra. Reazzjoni bhal dik ma tista' qatt tigi accettata, u ghalkemm anki f'ghajnejn il-Ligi Kriminali dan in-nuqqas ma jidhirx gravi, is-Superjuri tieghu ghandhom jezaminaw mill-gdid l-agir ta' dan is-suldat.

Illi mill-assjem tal-provi u d-dokumenti dwar dan il-kaz, oltre in-nuqqas gravi fl-imgieba ta' l-imsemmi suldat, il-Bord fehem kemm jista' jkun qarrieq ritratt li meta thares lejh tahseb li tkun fhimt l-istorja kollha.

Dan l-episodju ikrah jidher f'sensiela kbira ta' ritratti kemm ta' dak li gara ftit qabel id-daqqa, u anki li gara ftit wara. Immedjatament wara dan is-suldat li fis-segwenza jidher jigri lejn it-TCN fl-art, mir-ritratti jidher ukoll li kien hemm it-Tabib tal-Armata li b'idejh estisa 'l quddiem jidher kwazi imisslu dahru; minn dan ir-ritratt wiehed kontributur ewlieni ta' gazzetta importanti ikkonkluda li dan l-Ufficjal kien qed jheggu biex jattakkah; huwa kiteb li kienet haga aktar serja li Ufficjal kien: "*egging on the soldier rather than restraining him*". Min bosta provi irrizulta b'mod l-aktar car, anki mix-xhieda ta' kull min kien fil-vicinanzi li dak it-tabib kien qed jaghmel proprju l-oppost ta' dak li kkonkluda l-gurnalist – kien qed jipprova jwaqqfu mill-girja tieghu. Dwar dan l-episodju l-istess TCN li kien il-vittma u ra kollox xehed: "*I can also add that the officer* (it-Tabib) *behind the soldier hitting me, was telling the said soldier not to hit me*" – xhieda tant ciara ma thalli ebda dubbju dwar l-intenzjoni tal-Ufficjal. Possibilment ma jistax ikun hawn ezempju aktar lampanti ta' kif ritratt jista iservi biex jati stampa differenti min dak li jkun fil fatt gara.

22. IL-GURNALISTI U L-NGOs

Illi rrizulta li l-policy adottata kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Armata hi li membri ta' NGOs li jiehdu hsieb l-interess ta' l-immigrati jinghatalhom access liberu ghad-detention centres. Dan jaqbel ma' l-affermazzjonijiet tal-NGOs mismugha u li jattendu fil-barracks kuljum kif seta' jikkontstata l-Bord anki waqt is-seduti li kienu jinzammu gewwa Hal Safi.

Illi mix-xhieda ta' Mons. Philip Calleja irrizulta li fl-istess hin li fih kienet ghaddejja l-operazzjoni tas-suldati gewwa Hal-Safi, l-imsemmi Dott Michele Manca de Nissa tal-UNHCR kien gie magharraf min kmieni dwar il-protesta u dahal fl-ufficcju ta' Mons. Calleja, il-Belt u talbu biex jiehdu Hal Safi malajr ghax kien hemm l-inkwiet; hadu bil-karozza tieghu, izda meta waslu mal-main gate u talbu biex jidhlu, Mons. Calleja inghata dan il-permess waqt li Dott Manca de Nissa ma thalliex jidhol; waqt ix-xhieda, ufficjali tal-Armata ikkonfermaw li Mons. Calleja inghata l-permess biex jidhol ghalkemm ma kien avza lil hadd bil-mawra tieghu, pero' ma hassewx li kellhom ihallu lil Dott Manca de Nissa jidhol f'mument hekk delikat.

Il-fatt li anki waqt li kien ghad hemm l-ambulanzi l-Awtoritajiet ma sabu ebda diffikulta' li Mons Calleja jidhol gol-barracks juri ir-relazzjoni tassew tajba li tesisti bejn l-Armata u l-NGOs u il-Board irid jishaq l-utilita' tax-xoghol li jaghmlu dawn l-NGOs. Il-kontribut taghhom huwa tassew kbir u importanti u jservi ta' kanal kontinwu u utili bejn it-TCNs u l-Awtoritajiet. Ma' dan kollu kif jigri spiss f'ghaqdiet volontarji simili, l-entuzjazmu kull tant jissupera lill-istess individwi; sema' diversi minn dawn l-NGOs u mix-xhieda taghhom deher kif huma f'certi mumenti, ma jikkonsidrawx il-problema fil-komplessita' kollha taghha – tant ikunu mohhhom biex iharsu l-interessi ta' l-immigrati. Dan huwa atteggjament ta' min ifahhru ghaliex, anki jekk tista' ma taqbilx f'kollox maghhom, dawn huma nies onesti u tassew dedikati u li ma ghandhomx xi skop jew agenda ulterjuri.

Il-Bord sema' wiehed minn dawn l-NGOs li mar l-Isptar ftit sieghat wara l-kaz u ma thalliex jidhol gewwa l-ward; huwa ammetta li wara li wiehed kirurgu hareg jghidilhom li hadd mill-feruti ma kien "*f'xi sitwazzjoni gravi, it-tensjoni taghna naqset hafna ghalkemm ghandi nghid li xorta bqajna li bhala principju nippretendu li kellna d-dritt li nidhlu narawhom*"; zied jghid li "*bhala konsegwenza ahna kkuntatjajna lill-gurnalist tat-Times li fil-fatt l-*

*ghada rraporta fil-gazzetta dak li kollna ghidnilu".* Sfortunatament, entuzjazmu bhal dan mhux dejjem ikun ta' ghajnuna vera ghall-immigrati.

Meta nitkellmu dwar NGOs qed nittrattaw ma' individwi li huma onesti fil-hsieb u fl-agir taghhom u meta wiehed jikkonsidra li dan ix-xoghol jaghmluh gratuitament u ghal periodi tassew twal u ininterrotti, jidhru li tassew ma jkunu jridu xejn izjed ghajr il-gid ta' l-immigrati. F'dan id-dawl il-Bord jifhem li ghandha tinghata izjed importanza lil dawn l-NGOs akkreditati, li minn naha taghhom ghandhom jorganizzaw ruhhom biex l-awtoritajiet ikunu f'posizzjoni li jiddiskutu maghhom posittivament.

## 23. L-ISTAMPA

Il-protesta ta' Jannar kienet forsi l-ewwel u l-unika darba li xi gurnalisti setghu jikkomunikaw u jintervistaw lid-detenuti waqt li dawn ikunu ghadhom maghluqa. Il-konsegwenzi ta' din l-opportunita` mhix mistennija jistghu jinghataw valutazzjonijiet differenti, ghaliex ma jidhirx car il-gid li hareg minn din l-opportunita unika li sabu ruhom fiha.

Ftit tal-hin wara t-taqbida meta l-feruti kienu ghadhom qed jiddahhlu l-Isptar, barra mill-NGOs kien hemm prezenti wkoll xi gurnalisti li riedu jidhlu jarawhom izda ma thallewx; din id-decizjoni tidher li kienet skond il-policy ta' l-Awtoritajiet li l-gurnalisti ma jinghatawx access ghall-immigrati. Din il-policy giet ampjament kritikata fil-media.

Ma hemmx dubbju li l-gurnalisti u l-media in generali huma tassew utili biex il-pubbliku jigi infurmat b'dak li jkun qed jigri madwaru; hafna huma l-ahbarijiet li ma kienux jaslu ghand il-pubbliku kieku ma kienx ghax-xoghol siewi tal-media. Fl-inkjesta odjerna l-Bord ghamilha cara li kieku ma kellux ir-ritratti u l-filmati ma kienx jaqbad art; bosta minn dawn gew provduti mill-gurnalisti ghalkemm kien hemm ukoll numru kbir ta' ritratti li gew esebiti mill-istess Armata; anki ix-xhieda komprensiva tal-gurnalisti presenti kienet ta' ghajnuna kbira.

B'danakollu mill-esperjenza ta' l-istess inkjesta, l-Bord jifhem li wiehed mill-fatturi li geghlu lill-protestanti jwebbsu rashom u ma jidhlux lura fil-compound taghhom, kien propju l-kliem li huma attribwew lill-gurnalist li kien qed ikellimhom u li jghidu li qallhom li peress li kien hemm l-istampa

prezenti s-suldati ma kienux jissugraw juzaw vjolenza – kien x'kien il-kliem preciz zgur li t-TCNs fehmu li bil-gurnalisti hdejhom kellhom certa forza. Illi fatt iehor li kellu effett negattiv fuq it-TCNs u li wassal biex jerga' jkun hemm storbjijiet gravi filghaxija stess din id-darba fl-MT Compound, kienu il-filmati li ntwerew fuq it-TVs fin-news ta' dik il-lejla. If-filmati li intwerew naturalment rawhom u segwewhom id-detenuti kollha u bhala konsegwenza immedjatament wara qam irvell kbir iehor; intefa' kwantita kbira ta' gebel u rega' gie mkisser il-hgieg kollu tal-guard-room li kien gia' lahaq gie mibdul immedjatament wara l-protesta ta' filghodu. Waqt dan l-irvell ta' filghaxija wiehed mis-suldati qala' daqqa ta' gebla f'rasu u kellu jittiehed l-Isptar fejn sarulu seba' punti ghal qasma li kellu. Il-Bord sema' kif, wara li kissru l-bozoz kollha tal-compound u kullimkien spicca fi dlam cappa, xi TCNs qabzu l-gate tal-MT u nehhew l-istanga biex jipprovaw jifthu halli johorgu l-mijiet ta' TCNs li kienu ngabbru mal-gate; fortunatament ma rnexxilhomx jifthu l-katnazz anki ghaliex ic-cappetti kienu gew iwweldjati ftit granet qabel. Kieku hargu dawn il-mijiet kollha jigru mal-barracks fid-dlam, min jaf x'setghu kienu l-konsegwenzi biex dawn jigu kontrollati matul il-lejl.

Illi dawn il-fatti jindikaw li l-effett tal-media, din id-darba it-televisjoni, kellu konsegwenzi negativi fuq il-hsieb u l-agir tad-detenuti, ghalkemm huma fehmu li il-messagg li shabhom riedu iwasslu per mezz tal-protesta ta' fil-ghodu, kien issa tassew wasal ghand il-poplu Malti kollu.

Illi dwar ir-rwol tal-media f'din il-protesta il-Bord ihoss li ghandu jirritorna fuq dawk ir-ritratti tassew inkriminanti li xterdu mad-dinja propju fl-istess hin waqt li l-operazzjoni kienet ghadha anqas spiccat. Dawn ir-ritratti ma ghamlux gid lid-dehra ta' Pajjizna f'ghjanejn id-dinja, imma kellhom effett dirett fuq it-twaqqif bikri ta' din l-Inkjesta.

Kienet kwazi ghadha ghaddejja l-operazzjoni tas-suldati gewwa Hal-Safi meta dawn ir-ritratti waslu quddiem l-Onor Prim Ministru u jidher li dawn tassew inkwetawh; kien ghadu il-hin tal-ikel meta ic-Chairman gie ikkuntattjat min Kastilja u infurmat li l-Onor Prim Ministru ried ikellmu. Ic-Chairman ma kellu ebda hjiel ta' dak li kien gara u qed jigri f'Hal-Safi izda il-Prim Ministru qallu li kien ghadu kif intwera xi ritratti ta' operazzjoni tas-suldati kontra id-detenuti gewwa Hal-Safi u dawn inkwetawh wisq; offra lic-Chairman jekk kienx lest li jmexxi inkjesta li, wara li ikkonsulta mall-Ministru tal-Intern, kien fi hsiebu jinnomina; mhux zgur kienu is-siegha jew is-saghtejn ta' wara nofs inhar.

Din l-azzjoni tempestiva ittiehdet biss grazzi ghar-ritratti tal-gurnalisti; altrimenti min jaf kemm rapporti u visiti kien ikollhom isiru qabel il-Prim Ministru jitpogga f'posizzjoni li jiehu pass bhal dak. Dan qed jinghad biex wiehed jifhem l-utilita' tal-media.

Malli twaqqaf dan il-Bord, hekk kif ha konjizzjoni ta' dawn ir-ritratti, ghaggel biex jezamina l-vjolenza u naturalment ta importanza u precedenza lir-ritratti u specjalment lil dak ir-ritratt li kulhadd tkellem fuqu u li baqa' jidher fil-website tal-UNHCR. Fela bir-reqqa mhux biss dak ir-ritratt imma anki dawk li ttiehdu ftit qabel u ftit wara halli jkun jista' jifhem ahjar dik id-daqqa vjolenti kif ukoll il-konsegwenzi taghha. Kienet tassew konsolazzjoni meta irrezultalu li il-vittima ma sofra pratikament ebda dannu bhala konsegwenza ta' dik id-daqqa inkriminatorja. Skond ix-xhieda tat-tobba u minn ezami tad-dokumenti ta' l-Isptar kif ukoll mix-xhieda tal-istess vittma jidher li l-effetti ta' dik id-daqqa ghaddew malajr u sa kemm iddahhal l-Isptar anqas semmiha lit-tobba. Sfortunatament il-media ma tistax tilhaq lil dawk il-miljuni kollha li raw ir-ritratti biex tkomplilhom l-istorja u tispjegalhom ukoll x'kienet il-konsegwenza ta' dik il-vjolenza li dehret tant kerha u inkriminanti. Ir-rappurtagg u ir-ritratti dwar l-incidenti wasslu il-website tal-UNHCR tghid lid-dinja kollha: *"Graphic pictures of soldiers in full riot gear kicking protesters and bludgeoning them with batons were shown on Maltese television and published in newspapers, triggering an unprecedented debate about the incident itself and Malta' detention system"*. Fl-istess rapport issemma li wiehed kellu hmistax il-punt u "a third (protester) had three broken bones in his leg" – mir-records u mix-xhieda hadd ma kellu tant punti u anqas hadd ma kellu ksur simili. Dan kollu gara minhabba ir-ritratti u ir-rappurtagg li sar.

B'dan kollu, mic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz partikolari il-Board jiftakar fil-proverbju Ingliz "the proof of the pudding is in the eating" u jistaqsi jekk dawn in-notizji u ritratti li tmexxew b'tant heffa mad-dinja kollha swewx ta' gid ghall-mijiet ta' immigrati li jispiccaw fi xtutna u/jew ghall-Pajjiz bl-istituzzjonijiet tieghu.

Fil-fehma tal-Bord, a differenza ta' dak li ntqal dwar l-NGOs genwini, ma jikkunsidrax li jkun ta' ebda gid jekk l-Awtoritajiet jibdlu l-policy taghhom sabiex il-gurnalisti jitthallew jidhlu fil-compounds u jiffilmjaw u jitkellmu ma' l-immigrati.

## 24. PREPARAZZJONI U DIXXIPLINA TA' L-ARMATA

In-nuqqasijiet serji li osserva il-Bord fl-operat tas-suldati fit- 13 ta' Jannar, u li ma setghux jigu imsemmija kollha, jidhru dovuti ghal fatt li bosta minnhom kienu suldati minghajr training u dan il-fatt wassal ukoll ghal konsegwenza li nholoq stat ta' nuqqas kbir ta' dixxiplina anki fost l-Ufficjali. Mix-xhieda li sema il-Board huwa konvint li l-Armata waslet fl-imsemmi stat l-aktar peress li ilhom izjed minn erba' snin f'din il-qaghda prekarja kawzata mill-wasla ta' dawn il-mijiet ta' barranin; kellhom mhux biss jikkontrollawhom u jghassu fuqhom imma wkoll jitimghuhom u jfornuhom bil-htigijiet kollha. Din is-sitwazzjoni impenjat b'mod gravi ir-rizorsi kemm materjali u finanzjarji kif ukoll umani ta' l-Armata li ma kienitx imhejjija bizzejjed ghal xoghol bhal dan. Il-hin ghad-disponibilta' ghat-training u il-kontroll in generali gew serjament imnaqqsa. L-istat li beda bhala emergenza, spicca kwazi in-normalita'

Jidher li l-Awtoritajiet tal-Pajjiz baqghu jisperaw li n-numru ta' detenuti jerga' jilhaq figuri accettabbli u kontrollabbli, u ma ttiehdux passi biex jizdiedu kemm il-membri ta' l-Armata kif ukoll il-mezzi finanzjarji provduti. Il-Bord isemmi wahda mill-visiti tieghu fejn ra li parti mill-fence fil-B Block stess kienet tidher imqatta; meta staqsa ghaliex din ma tinbidilx wiegbuh li ma kienx hemm flus bizzejjed u li kienu qed jipprovaw isahhu l-fence bicca bicca. Irrizulta li propju waqt l-operazzjoni innifisha, is-suldati kellhom jimbuttaw wiehed mit-trucks ghax wara li wasal Hal Safi ma setax jistartja izjed. Anki l-ammont ta' munizzjon uzat waqt ezercizzi huwa kontrollat u mhux adegwat. Dawn il-problemi fixxklu lill-Armata fil-qaghdi ta' dmirijitha u l-Bord fehem li dawn wasslu biex tnaqqret serjament id-dixxiplina in generali.

Il-Bord jifhem li l-Armata tinhtieg hafna nies li jkunu mpenjati f'amministrazzjoni, fir-records, fil-manutenzjoni tal-bini, ta' l-armamenti u vetturi, fil-canteen u fil-kcina u f'xogholijiet ohra li fihom infushom huma differenti mix-xoghol ta' suldat kif jifhmu kulhadd. Mill-1600 membru fl-Armata, jinhtieg li ikun hemm numru sostanzjali ddedikati principalment jekk mhux esklusivament ghat-tahrig militari, mentri l-ohrajn huma impenjati l-aktar f'xoghol iehor kif fuq spjegat**,** ghalkemm kull wiehed ghandu ikun imharreg sew ghall-attivitajiet normali ta' suldat. Il-Board huwa tal-fehma li ghalkemm kien sewwa li is-suldati jigu imsejjha biex jaghmlu ix-xoghol ma' l-immigrati detenuti, dan ma ghandux ibiddel in-natura ewlenija tal-Armata.

Ghalhekk jekk in-numru tat-TCNs ma jinzilx konsiderevolment, il-Gvern ghandu jiehu il-passi mehtiega biex ikun hemm suldati u pulizija li jkunu mharrga fil-mestier tal-kontroll tal-immigrati u, sa kemm idumu impenjati f'dan ix-xoghol ma jkunux konsidrati bhala membri attivi tal-korp taghhom. Jigi rilevat fi ftit gimghat ilu ittiehed pass f'din id-direzzjoni meta in-nies (kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Armata) li jiehdu hsieb it- TCNs tpoggew that ordni wahda ghar-rasha.

## 25. SEARCH AND RESCUE REGION U KOOPERAZZJONI EWROPEA

Mix-xhieda tat- TCNs mismugha irrezulta li il-bicca l-kbira ta' l-immigrati li jaslu Malta, jaslu hawn bi zball; it-TCNs intervistati kollha stqarrew li huma kienu hallsu lit-traffikanti biex imorru l-Italja u spiccaw Malta; jafu li l-Italja jitpoggew f'centri minn fejn huma facilment jiskappaw jew jinhargu, waqt li Malta jinzammu f'detention areas minn fejn huwa ferm izjed difficli tahrab, u jekk tahrab, saret issa wisq difficli tkompli it-triq lejn l-Ewropa. Issemmew kazi fejn xi detenuti f'Malta irnexxielhom jaharbu izda ma jkollhomx hbieb miftehma biex jiehdu hsiebhom; gurnata jew tnejn wara huma stess icemplu biex is-suldati imorru jigbruhom halli jirritornaw fic-centru.

Dawn l-ahhar zmienijiet is-sitwazzjoni l-Italja ma ghadhiex tant vantagguza ghaliex hem mil-possibilta' li fi ftit granet jigu mibghuta lura lejn il-Libja. L-immigrati u t-traffikanti izjed minnhom, jafu tajjeb b'din il-bidla. Dan il-fatt jista' jkun parti mill-ispjegazzjoni taz-zieda qawwija li kellna ta' immigrati dan l-ahhar.

Jirrizulta li l-bicca l-kbira minn dawn li waslu Malta ikunu hadu direzzjoni zbaljata jew inxtehtu 'l hawn mir-rih u l-bahar; irrizulta wkoll li whud inghataw id-direzzjoni zbaljata minn xi sajjieda li jkunu ltaqghu maghhom fuq il-bahar – u dawn is-sajjieda gie li kienu anki Maltin. Kien hemm minnhom li dahlu f'bajja hawn Malta u kien min ghalihom li waslu l-Italja; bdew jissuspettaw x'kien gara biss meta raw xi "road signs" bil-Malti u bl-Ingliz.

Fil-bicca l-kbira taghhom, it-TCNs ikunu qabdu id-dghajsa min Zletin fil-Libja u fi triqithom lejn l-Italja jkunu dahlu fis-Search and Rescue Region ta' Malta, mhux ghax ikunu gejjin hawn imma ghaliex facli li jidhlu xi ftit

fiz-zona taghna ghalkemm ikunu ghaddejjin lejn l-Italja. Jekk dawn jigu mmarkati mill-ajruplani Taljani li dejjem jghassu fuq iz-zona, il-Pulizija u l-Armata Maltija jigu avzati u mitluba johorgu ghalihom. Malli jintebhu li ir-rescue boat mhix Taljana imma Maltija, l-immigrati generalment jipprotestaw imma ma jkollhomx ghazla ghax jigu fil-prattika qishom arrestati.

Id-dghajsa taghhom mhux dejjem tkun *in distress* u id-dritt ghal "*innocent passage"* jista' jigi mwarrab. Gie spjegat minn hafna TCNs mismugha, li mal-lejl huma jitfu l-magni u jorqdu jew almenu jistriehu l-aktar meta it-temp ikun tajjeb u il-bahar kalm. Malli jisbah dawn jergghu jqabbdu l-magna u jkomplu fi triqithom; anki meta ma jkun hemm xejn li jindika li ghandhom xi problemi fil-vjagg taghhom, malli jarawhom weqfin jinghata l-avviz li d-dghajsa tkun *in distress* u is-suldati Maltin jintalbu biex johorgu ghalihom u l-immigrati jingiebu Malta nonostanti il-protesti taghhom. Hemm ohrajn li malli jitfixklu fir-rotta, jitfu l-magna u jistennew biex jaraw jistaqsux lil xi opra li tkun vicina fejn hi t-triq ghall-Italja; ikun ghad fadlilhom hafna aktar fuel, imma jieqfu biex ma jahluhx fix-xejn. Anki dawn jigu immarkati bhala dghajjes *in distress*, indikati lill-Awtoritajiet Maltin u l-Armata ikollha tohrog ghalihom.

Id-definizjoni ta' dghajjes *in distress* ghandha tigi ezaminata u diskussa mal-Awtoritajiet Taljani anki peress li kien hawn kazi meta dawn id-dghajjes jitolbu biss fuel u ma jkunu f'ebda perikolu.

Irid jigi rilevat li din is-Search and Rescue Region kienet giet stabilita fi zmien l-Inglizi meta dawn kellhom flotta shiha fil-Mediterran li xoghlha kien li tissorvelja il-Mediterran u l-inhawi ta' ma' dwar. Wiehed jiftakar li sal-1973 iz-zona ta' l-ajru li kienet ikkontrollata minn Malta kienet twassal mhux sal-kosta Libjana imma tibqa' sejra ghal fuq id-dezert kollu sac-Chad; minn dak iz-zmien giet limitata ghall-arja ta' madwarna. Iz-zona marittima tar-rescue taht Malta testendi min naha t'isfel ta' Gziritna sal-konfini mal-Libja u tibqa' sejra sa vicin il-Grecja.

Qed tigi diskussa il-possibilta' li din iz-zona ssir wahda aktar realistika u l-konfini jersqu hafna izjed lejn il-kosta taghna; hemm pero' il-perikolu li peress li l-Forzi Navali Taljani jistghu jghassu tajjeb il-konfini taghhom, l-immigrati ma jithallewx jew jibzghu jidhlu f'dawk l-ibhra u ghalhekk ma jkollhomx triq ohra ghajr li jduru lejn il-lemin biex jevitawhom u b'hekk bil-fors jispiccaw ghandna. Sfortunatament ma ghandniex mal-Libja trattat biex

inkunu nistghu nibghatulhom lura immigrati li jkunu telqu min hemm, u allura dawn jispiccaw f'idejna.

Rajna ftit gimghat ilu kif il-forzi Spanjoli qed jimbuttaw bil-forza lil mijiet ta' Afrikani li jersqu biex jaqbzu il-fruntiera; din it-tip ta' forza qisha xi haga accettata, pero' fil-bahar ma hemmx fruntiera li tidher bhal fuq l-art. It-trattati internazzjonali huma dak li huma. Ma tistax tmur timbuttahom bil-patrol boats halli ma jkunux dahlu fiz-zona taghna. L-iskop u anki l-azzjoni li tirrigettahom huma l-istess, u forsi jkun aktar gust jekk kif qed isir sa issa bit-TCNs li jaslu bil-bahar, anki dawk li jaslu bl-art ghandhom jigu milqugha bl-istess mod. Dawn il-granet dehret l-ahbar li ser jigu diskussi il-kundizzjonijiet ghat-TCNs li jaslu bil-bahar u dawk li jaslu mill-art, biex ikun hemm certa uniformita'.

L-awtoritajiet Maltin ghandhom jezaminaw sew il-konsegwenzi jekk is-Search and Rescue Region jigi ridott u, jekk ahna ma ghandnix il-mezzi biex inharsu il-konfini realistici taghna, nitolbu lill-Ewropa halli tipprovdi il-mezzi mehtiega biex tigi mharsa l-fruntiera taghna li hija wara kollox wkoll dik tal-Unjoni Europea.

Il-linja u l-atteggiament mehuda mill-istituzzjonijiet kollha tal-Ewropa huma mibnija biex tigi evidata tbatija lil dawn l-eluf ta' nies li jhallu pajjizhom ghal hajja ahjar; dawn is-sentimenti huma tassew pozitivi u zgur li huma imhaddna mill-bicca l-kbira tal-poplu taghna. L-attenzjoni u il-publicita' moghtija lil-grajjiet sfortunati tat-13 ta' Jannar ta' din is-sena wrew l-interess qawwi li hadet l-Ewropa (u mhux biss l-Ewropa) biex tkun certa li d-drittijiet u s-sahha ta' dawn l-immigrati jigu mharsin kif jixraq. F'din is-sitwazzjoni wiehed naturalment jistenna li dawn is-sentimenti sbieh jigu msarrfa f'azzjoni u f'ghajnuna konkreta u din l-ghajnuna ma ghandix tkun biss finanzjarja. Diversi pajjizi hassew il-htiega li jiehdu passi qawwija biex jikkontrollaw l-immigrazzjoni bla permess u dan jghidu li qed jaghmluh minhabba it-theddida tat-terrorizmu. Fil-kaz taghna din it-theddida ma tantx tissemma ghakemm f'xi zmien dan il-perikolu inhass hawn ukoll; kulhadd inkwieta bir-rapporti li ixxandru f'xi media barranin dwar possibbli attentat terroristiku waqt ic-CHOGM. Ma nistghux nafdaw izzejjed u ghandna nikkonsidraw passi simili.

Jidher li d-dhul mill-art u mill-ajru huwa kkontrollat tajjeb; dwar id-dhul mill-bahar ghad ma hemmx wisq kontrolli. Jista' jkun li din is-sitwazzjoni thalliet miftuha peress li huma ftit il-pajjizi li fihom jistghu fil-prattika jidhlu

immigrati mill-bahar. L-Awtoritajiet taghna ghandhom jappellaw lis-sentimenti tassew sbieh murija kwazi mill-Pajjizi kollha, u jipproponu li dawn l-immigrati ghandhom hekk kif mill-bahar jaslu l-art (kemm jekk jaslu Malta kif ukoll jekk jaslu f'xi pajjiz iehor Ewropew) jittiehdu mill-ewwel taht il-kontroll ta' awtorita' Ewropea u jittiehdu immedjatament fil-pajjizi kollha tal-Ewropa skond id-daqs u l-popolazzjoni ta' kull pajjiz b'mod li il-pis li jirrezulta mill-presenza ta' dawn it-TCNs jitqassam b'mod ekwu. Il-pajjizi kollha jkollhom l-opportunita` li jharsu l-ligijiet u direttivi mahruga dwar dawn it-TCNs. B'hekk zgur li l-interess kbir li ntwera favur it-TCNs jinghata forma konkreta u jitqassam gustament bhad-drittijiet u bhall-obbligi l-ohra.

## 26. XOGHOL U FINANZI TA' L-IMMIGRATI

Meta t-TCNs jingiebu Malta mill-Armata gie li jkollhom ukoll xi flus u dawn jittiehdu u jinzammu mill-Pulizija u jigi ritornati lilhom meta johorgu mic-centri. Sa kemm jinzammu gewwa ma jinghatawx flus ghalkemm kull ftit gimghat ituhom phone card ta' xi hames liri biex ikunu jistghu jcemplu; l-immigrati kollha mismugha rriferew ghal dawn il-cards u kienu bosta li gergru ghaliex lilhom ma tawhomx, jew ghaliex il-card kienet vojta u ma hadmitx.

Ghad-detenuti dan il-mezz ta' komunikazzjoni huwa importanti hafna u l-awtoritajiet ghandhom jiffissaw regoli li jkun jafhom kulhadd dwar kif jitqassmu il-phone cards. Ghalkemm l-immigrati suppost li jkunu bla flus, irrizulta pero` li hafna minnhom ghandhom mobiles u xi suldati allegaw li anki fost il-protestanti fil-ground kien hemm min kellu wiehed; kien hemm aktar min detenut wiehed li waqt li kien qed jinstema' mill-Board offra in-numru tal-mobile tieghu biex il-Board ikun jista jikkomunika mieghu malajr.

Meta johorgu mid-detenzjoni l-awtoritajiet ituhom xi zewg liri kuljum u dawn jibdew ifittxu x-xoghol; ghal dan generalment imorru gewwa l-Belt. Hafna minnhom isibu xoghol bil-mohbi u nstemghu hafna kazi fejn jigu sfruttati billi jithallsu ftit u jigu mgeghla jahdmu hinijiet twal f'xoghol iebes li ghalih ma jinstabux wisq haddiema Maltin. Peress li huma jkunu jghixu f'open centres jew f'xi post mikri fejn joqghodu hafna f'daqqa, iwarrbu xi flus. Dawk li jahdmu bil-permess jaqilghu hafna u mhux rari li jimpjegaw ruhhom f'xi lukanda u jaqilghu anki mijiet ta' liri fix-xahar; ma' dawn

hemm bosta nisa attraenti hafna jew ftit, li jaqilghu somom kbar mill-prostituzzjoni.

Fost dawn l-immigrati jkun hemm hafna caqliq ta' flus; kif inghad, gie li jircevu flus min barra u gie li jibaghtu flus pajjizhom halli jaghtu lura dak li jkunu isselfu qabel telqu, u biex iservu ghal ohrajn li jridu jigu l-Ewropa. Dan it-trasferiment ta' flus isir permezz ta' istituzzjonijiet finanzarji akkreditati izda ma jidhirx li hemm informazzjoni dwar minn baghthom u minn ircevihom.

Il-Gvern ghandu jikkonsidra b'aktar dettal din is-sitwazzjoni biex jassigura li kollox isir skond il-ligi tal-Pajjiz u jevita abbuzi li jistghu jsiru.

Problema ohra li tissemma fil-kwistjoni ta' l-influss ta' TCNs gejja mix-xoghol. Bhal ma gara f'diversi pajjizi Ewropej dawn it-tip ta' haddiema jidhlu ghal xoghol li c-cittadini tal-Pajjiz jiprovaw jevitaw; b'dana kollu l-linja ta' demarkazzjoni xejn ma hi cara u nsibu ukoll hafna minnhom jahdmu f'xoghol li normalment isir min Maltin. Ghalkemm din il-posizzjoni ddejjaq lil hafna, pero' sa kemm hija maghmula b'mod legali u registrata, hija ghal kollox legali u ma ghandhiex tigi kritikata. B'danakollu irrizulta mix-xhieda mismugha li hemm hafna li jahdmu bla permess u l-Istat ma jidher li ghandu ebda kontroll fuq attivita' simili. Huma hafna li jinqabdu mill-Pulizija imma l-konsegwenzi huma laxki. Barra milli jintilfu fondi ghall-Pajjiz ghaliex ma tithallasx taxxa, dan qed jikkontribwixxi ghat-trasferiment mhux registrat ta' flus, kif issemma hawn fuq.

Ghalkemm ma hix haga facli, l-Gvern ghandu jipprova jzomm record ta' dawk l-immigrati kollha li ghandhom il-permess u li jridu jahdmu u jipprova jfittxilhom xoghol; biex jghin operazzjoni bhal din jistghu jinbidlu ir-regolamenti u it-TCNs jigu awtorizzati jahdmu taht kundizzjonijiet differenti, forsi anki anqas vantagguzi li pero' ghandhom ikunu ragonevoli u jigu kontrollati. Jekk issir xi skema bhal din l-immigrati jahdmu f'kundizzjonijet ahjar minn tal-lum u l-Gvern ikollu kontroll u jkun jista' jsegwihom kif imiss u jwaqqaf lil min ihaddimhom bla permess.

27. GHELUQ

Dan huwa dak li il-Board ta' Inkjesta ghandu l-unur jissottometti ghas-savju gudizzju tal-Onor Prim Ministru, fil waqt li jassigurah li huwa lest li jaghtih kull informazzjoni ohra li ma gietx trattata f'dan ir-rapport u li tista tkun mehtiega mill-istess Onor Prim Ministru.

Presentat illum 9 ta' Dicembru 2005

**Imhallef Franco Depasquale**